

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B**                                      ► **C1** **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 206/2010**

tat-12 ta' Marzu 2010

li jistabbilixxi listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew partijiet minnhom awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' animali partikulari u laħam frisk u r-rekwiżiti relatati maċ-ċertifikazzjoni veterinarja

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ◀

(ĠU L 73, 20.3.2010, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <b>M1</b>	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 810/2010 tal-15 ta' Settembru 2010	L 243	16	16.9.2010
► <b>M2</b>	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 144/2011 tas-17 ta' Frar 2011	L 44	7	18.2.2011
► <b>M3</b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 342/2011 tat-8 ta' April 2011	L 96	10	9.4.2011
► <b>M4</b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 801/2011 tad-9 ta' Awwissu 2011	L 205	27	10.8.2011
► <b>M5</b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1112/2011 tat-3 ta' Novembru 2011	L 287	32	4.11.2011
► <b>M6</b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 497/2012 tas-7 ta' Ġunju 2012	L 152	1	13.6.2012
► <b>M7</b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 546/2012 tal-25 ta' Ġunju 2012	L 165	25	26.6.2012
► <b>M8</b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 644/2012 tas-16 ta' Lulju 2012	L 187	18	17.7.2012
► <b>M9</b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1036/2012 tas-7 ta' Novembru 2012	L 308	13	8.11.2012
► <b>M10</b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1160/2012 tas-7 ta' Diċembru 2012	L 336	9	8.12.2012
► <b>M11</b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 71/2013 tal-25 ta' Jannar 2013	L 26	7	26.1.2013
► <b>M12</b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 102/2013 tal-4 ta' Frar 2013	L 34	4	5.2.2013
► <b>M13</b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 191/2013 tal-5 ta' Marzu 2013	L 62	22	6.3.2013
► <b>M14</b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 196/2013 tas-7 ta' Marzu 2013	L 65	13	8.3.2013
► <b>M15</b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 482/2013 tal-24 ta' Mejju 2013	L 139	6	25.5.2013
► <b>M16</b>	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 519/2013 tal-21 ta' Frar 2013	L 158	74	10.6.2013
► <b>M17</b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 556/2013 tal-14 ta' Ġunju 2013	L 164	13	18.6.2013

► <b><u>M18</u></b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 780/2013 tal-14 ta' Awwissu 2013	L 219	1	15.8.2013
► <b><u>M19</u></b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 854/2013 tal-4 ta' Settembru 2013	L 237	1	5.9.2013
► <b><u>M20</u></b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1044/2013 tal-25 ta' Ottubru 2013	L 284	12	26.10.2013
► <b><u>M21</u></b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1218/2014 tat-13 ta' Novembru 2014	L 329	20	14.11.2014
► <b><u>M22</u></b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/604 tal-16 ta' April 2015	L 100	60	17.4.2015
► <b><u>M23</u></b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/917 tal-15 ta' Ġunju 2015	L 149	11	16.6.2015
► <b><u>M24</u></b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/535 tal-5 ta' April 2016	L 89	8	6.4.2016
► <b><u>M25</u></b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/922 tal-10 ta' Ġunju 2016	L 154	21	11.6.2016

Ikkoreġut minn:

- **C1** Emendi, Ġ.U. L 146, 11.6.2010, p. 1 (206/2010)
- **C2** Emendi, Ġ.U. L 49, 24.2.2011, p. 53 (144/2011)
- **C3** Emendi, Ġ.U. L 238, 6.9.2013, p. 23 (780/2013)
- **C4** Emendi, Ġ.U. L 29, 5.2.2015, p. 16 (780/2013)
- **C5** Emendi, Ġ.U. L 146, 3.6.2016, p. 37 (2016/535)

▼B▼C1**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 206/2010****tat-12 ta' Marzu 2010**

**li jistabbilixxi listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew partijiet minnhom awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' annimali partikulari u laħam frisk u r-rekwiżiti relatati maċ-ċertifikazzjoni veterinarja**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta', u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa tal-annimali meħtieġa f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A(1) tad-Direttiva 90/425/KEE <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 17(2)(b) u 17(3)(a), l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 17(3)(c), ir-raba' inċiż tal-Artikolu 18(1) u l-Artikolu 19 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 8, l-Artikolu 9(2)(b) u l-Artikolu 9(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2004/68/KE tas-26 ta' April 2004 li tistabbilixxi r-regoli tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni lejn u t-tranżitu fil-Komunità għal ċerti annimali unġulati ħajjin, u temenda d-Direttivi 90/426/KEE u 92/65/KEE u tħassar id-Direttiva 72/462/KEE <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1), l-Artikolu 7(e), l-Artikolu 8, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 10 u l-Artikolu 13(1) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

<sup>(1)</sup> ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54.

<sup>(2)</sup> ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.

<sup>(3)</sup> ĠU L 139, 30.4.2004, p. 321.

<sup>(4)</sup> ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.

▼ C1

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-animali maħsuba għall-konsum uman<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(1) u l-Artikolu 16 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifika tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, is-saħħa tal-animali u r-regoli dwar il-benessri tal-animali<sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 48(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 72/462/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar il-problemi tal-ispezzjonijiet tas-saħħa u veterinarji fl-importazzjoni tal-animali taċ-ċanga, tan-nagħaġ, tal-mogħoż, u tal-majjal, tal-laħam frisk u tal-prodotti tal-laħam minn pajjiżi terzi<sup>(3)</sup> għamlet provvediment għat-tħejjija ta' lista tal-pajjiżi jew partijiet minnhom li minnhom l-Istati Membri jistgħu jippermettu l-importazzjoni ta' ċerti animali haġġin u l-laħam frisk ta' ċerti animali.
- (2) Għalhekk, id-Deċiżjoni 79/542/KEE tal-21 ta' Diċembru 1976 li telenka lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minnhom, u li tistipola l-kundizzjonijiet ta' ċertifikazzjoni tas-saħħa pubblika u veterinarja għal importazzjoni fil-Komunità ta' ċerti animali haġġin u l-laħam frisk tagħhom<sup>(4)</sup> ġiet adottata. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-kundizzjonijiet sanitarji għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' animali haġġin bl-eċċezzjoni ta' ekwidi, u għall-importazzjoni tal-laħam frisk ta' dawn it-tip ta' animali, li jinkludu l-ekwidi, iżda jeskludu preparazzjonijiet tal-laħam. L-Annessi I u II ma' din id-Deċiżjoni jistabbilixxu wkoll listi ta' pajjiżi terzi jew partijiet minnhom minn fejn ċerti animali haġġin u l-laħam frisk tagħhom jistgħu jiġu impurtati fl-Unjoni, kif ukoll mudelli ta' ċertifikati veterinarji.
- (3) Mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, ġew stabbiliti numru ta' rekwiżiti ġodda relatati mas-saħħa tal-animali u mas-saħħa pubblika f'liġijiet oħra tal-Unjoni, li jikkostitwixxu qafas regolatorju ġdid f'dan il-qasam. Id-Direttiva 72/462/KEE ġiet ukoll abrogata permezz tad-Direttiva 2004/68/KE.
- (4) L-Artikolu 20 tad-Direttiva 2004/68/KE jistabbilixxi li r-regoli dwar l-importazzjoni li għandhom jiġu implimentati stabbiliti b'konformità mad-Deċiżjonijiet adottati skont id-Direttiva 72/462/KEE, fost l-oħrajn id-Deċiżjoni 79/542/KEE, għandhom jibqgħu fis-seħħ sakemm jiġu sostitwiti mill-miżuri adottati bil-qafas regolatorju l-ġdid.

<sup>(1)</sup> ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206.

<sup>(2)</sup> ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 302, 31.12.1972, p. 28.

<sup>(4)</sup> ĠU L 146, 14.6.1979, p. 15.

## ▼ C1

- (5) B'konformità mal-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2004/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-21 ta' April 2004 li tabroga ċerti Direttivi dwar l-iġjene tal-ikel u l-kondizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u l-ħruġ fis-suq ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-annimali intenzjonati għall-konsum mill-bniedem u li jemenda d-Direttivi 89/662/KEE u 92/118/KEE u d-Deċiżjoni 95/408/EC <sup>(1)</sup>, ladarba d-dispożizzjonijiet meħtieġa fuq il-bażi tar-Regolamenti (KE) Nru 852/2004, (KE) Nru 853/2004, (KE) Nru 854/2004 jew id-Direttiva 2002/99/KE jiġu adottati, ir-regoli għall-implimentazzjoni fuq il-bażi tad-Direttiva 72/462/KEE ma jibqgħux japplikaw.
- (6) Id-Deċiżjoni 79/542/KEE ġiet emendata diversi drabi u dispożizzjonijiet dwar l-importazzjoni bbażati fuq il-qafas regolatorju l-ġdid diġà ġew introdotti fid-Deċiżjoni 79/542/KEE. Sabiex ikun hemm ċarezza u trasparenza, il-miżuri stabbiliti fid-Deċiżjoni 79/542/KEE għandhom jiġu stabbiliti f'att legali ġdid. Dan ir-Regolament jinkludi d-dispożizzjonijiet kollha tad-Deċiżjoni 79/542/KEE. Konsegwentement, permezz tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament preżenti, id-Deċiżjoni 79/542/KEE tiġi preskritta u għalhekk ma tapplikax aktar, sa ma tiġi espliċitament abrogata.
- (7) Id-Direttiva 92/65/KEE tistabbilixxi l-ħtiġijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ fl-Unjoni u l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' annimali haġġin, semen, ova u embrijuni li mhumiex soġġetti għall-ħtiġijiet tas-saħħa tal-annimali stabbiliti f'regoli speċifiċi tal-Unjoni msemmija fl-Anness F ma' din id-Direttiva. B'konformità ma' din id-Direttiva dawk l-annimali haġġin, isemen, l-ova u l-embrijuni jistgħu jiġu impurtati fl-Unjoni biss minn pajjiżi terzi li jinsabu fil-lista mħejjija skont il-proċedura msemmija f'din id-Direttiva. Barra minn hekk, dawn it-tip ta' annimali haġġin għandhom ikunu akkumpanjati b'ċertifikat tas-saħħa li jikkorrispondi għall-mudell imħejji skont il-proċedura msemmija fiha.
- (8) Id-Direttiva 96/93/KE tas-17 ta' Diċembru 1996 dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' annimali u ta' prodotti tal-annimali <sup>(2)</sup> tistabbilixxi r-regoli li għandhom jiġu osservati meta jinħarġu ċertifikati meħtieġa skont il-liġi veterinarja sabiex jiġu evitati ċertifikazzjonijiet li jiżgwidaw jew qarrieqa. Huwa xieraq li jiġi żgurat li għall-inqas ir-regoli u l-prinċipji ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'din id-Direttiva jiġu applikati mill-ispetturi uffiċjali jew mill-veterinarji tal-pajjiżi terzi. Ċerti pajjiżi terzi, li huma elenkati fl-Anness II ma' dan ir-Regolament, taw garanziji suffiċjenti relatati mal-eżistenza u mal-implimentazzjoni ta' dawn ir-regoli u prinċipji. Għalhekk huwa xieraq li l-introduzzjoni ta' ċerti annimali haġġin fl-Unjoni minn dawn il-pajjiżi terzi tiġi awtorizzata, jekk ma jkunux meħtieġa aktar restrizzjonijiet relatati mas-sitwazzjoni tal-mard speċifika għal kull wieħed.
- (9) Id-Direttiva 2002/99/KE tistabbilixxi r-regoli dwar is-saħħa tal-annimali li jikkonċernaw l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali jew prodotti akkwistati mill-annimali għall-konsum mill-bniedem. B'konformità ma' din id-Direttiva,

<sup>(1)</sup> ĠU L 157, 30.4.2004, p. 33.

<sup>(2)</sup> ĠU L 13, 16.1.1997, p. 28.

## ▼ C1

għandhom jiġu mħejjija listi tal-pajjiżi terzi jew tar-reġjuni f'pajjiżi terzi li minnhom l-importazzjoni ta' prodotti speċifiċi li joriġinaw mill-annimali hija permessa u dawn l-importazzjonijiet għandhom ikunu konformi ma' ċerti rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni veterinarja.

- (10) Id-Direttiva 2004/68/KE tistabbilixxi r-regoli tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni lejn u t-tranżitu fl-Unjoni għal ċerti annimali unġulati haġġin. L-importazzjoni ta' dawn l-annimali unġulati haġġin u t-tranżitu tagħhom fl-Unjoni huma awtorizzati biss minn pajjiżi terzi u territorji li jidhru fil-lista jew listi mħejjija b'konformità mal-proċedura msemmija f'din id-Direttiva u dawn l-importazzjonijiet għandhom ikunu konformi ma' ċerti rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni veterinarja.
- (11) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 17(2) l-aħħar subparagrafu tad-Direttiva 92/65/KEE, annimali haġġin u prodotti li joriġinaw mill-annimali, li għalihom japplikaw id-Direttivi 92/65/KEE, 2002/99/KE u 2004/68/KE għandhom jiġu impurtati lejn jew isir tranżitu tagħhom fl-Unjoni biss jekk dawn ikunu akkumpanjati minn ċertifikat veterinarju u jkunu konformi mal-ħtiġijiet rilevanti stabbiliti fil-Liġi tal-Unjoni.
- (12) Għalhekk għall-implimentazzjoni tad-Direttivi 92/65/KEE, 2002/99/KE u 2004/68/KE, huwa xieraq li f'dan ir-Regolament jiġu stabbiliti listi ta' pajjiżi terzi, territorji u partijiet tagħhom u l-kondizzjonijiet speċifiċi għall-importazzjoni inklużi mudelli ta' ċertifikati veterinarji għal ċerti annimali haġġin u għal-laħam frisk ta' ċerti annimali.
- (13) Għall-fini tal-konsistenza fil-Liġi tal-Unjoni, dan ir-Regolament għandu jikkunsidra wkoll ir-rekwiżiti relatati mas-saħħa pubblika stabbiliti f'liġijiet oħra tal-Unjoni u b'mod partikolari fir-Regolamenti (KE) Nri 852/2004, 853/2004 u 854/2004 li jistabbilixxu regoli dwar l-iġjene ta' oġġetti tal-ikel u ikel li joriġina minn annimali u r-regoli għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali għal prodotti li joriġinaw minn annimali għall-konsum mill-bniedem, kif ukoll ir-rekwiżiti tad-Direttiva 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri sabiex jiġu ssorveljati ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali haġġin u prodotti tal-annimali <sup>(1)</sup>, u tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċerti enċefalopatiji sponġiformi li jinxtardu <sup>(2)</sup>.
- (14) Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 jistabbilixxi regoli ġenerali dwar it-tweġġiq ta' kontrolli uffiċjali fl-oqsma tal-ikel u tal-ġħalf, tas-saħħa u l-benesseri tal-annimali. L-Artikolu 48 tiegħu jawtorizza lill-Kummissjoni sabiex tadotta lista ta' pajjiżi terzi li minnhom jistgħu jiġu impurtati prodotti speċifiċi fl-Unjoni. Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali għall-konsum mill-bniedem, inkluża l-istabbilizzazzjoni ta' listi ta' pajjiżi terzi li minnhom hija awtorizzata l-importazzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali. Dawn ir-regoli jistipulaw l-użu ta' dawn il-listi flimkien ma' listi oħra mħejjija għal skopijiet tas-saħħa pubblika u tas-saħħa tal-annimali.

<sup>(1)</sup> ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10.

<sup>(2)</sup> ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1.

## ▼ C1

- (15) Il-mudelli taċ-ċertifikati mniżżla fl-Annessi ma' dan ir-Regolament għalhekk għandhom jinkludu attestazzjonijiet li jiċċertifikaw li r-reqwiziti għas-saħħa pubblika stabbiliti fid-Direttiva 96/23/KE u r-Regolamenti (KE) Nri 999/2001, 852/2004, 853/2004 u 854/2004 qed jiġu sodisfatti.
- (16) Il-mudelli taċ-ċertifikati mniżżla fl-Annessi ma' dan ir-Regolament għandhom jinkludu wkoll attestazzjonijiet li jiċċertifikaw li r-reqwiziti għall-benessri tal-annimali stabbiliti fid-Direttiva 93/119/KE tat-22 ta' Diċembru 1993 dwar il-protezzjoni tal-annimali fil-ħin tat-tbiċċir jew tal-qtil<sup>(1)</sup> u fir-Regolament (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati<sup>(2)</sup> jiġu sodisfatti.
- (17) Sabiex jiġi żgurat li s-saħħa ta' annimali ħajjin introdotti fl-Unjoni ma tiġix ipperikolata waqt it-trasport tagħhom mill-pajjiż terz ta' oriġini lejn l-Unjoni, ċerti reqwiziti relatati mat-trasport ta' annimali ħajjin għandhom jiġu stabbiliti, inklużi reqwiziti dwar ċentri tal-ġbir.
- (18) Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tas-saħħa ta' annimali fl-Unjoni, l-annimali ħajjin għandhom jiġu ttrasportati direttament lejn id-destinazzjoni tagħhom fl-Unjoni.
- (19) Laħam frisk introdott fl-Unjoni għat-tranżitu lejn pajjiż terz ieħor ma' joħloqx riskju sinjifikanti għas-saħħa pubblika. Madanakollu dan il-laħam għandu jkun konformi mar-reqwiziti kollha rilevanti għas-saħħa tal-annimali. Għalhekk, għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi dwar it-tranżitu, u l-ħażna qabel it-tranżitu ta' laħam frisk.
- (20) Minħabba s-sitwazzjoni ġeografika ta' Kaliningrad li taffettwa biss lil-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja, għandhom jiġu stipulati kondizzjonijiet speċifiċi għat-tranżitu fl-Unjoni ta' konsenji lejn u mir-Russja.
- (21) Konsenji ta' laħam frisk, eskluż il-ġewwieni u laħam ikkapuljat ta' annimali mhux domestiċi mrobbija tal-ordni Artiodactyla, li joriġinaw minn annimali selvaġġi għandhom jiġu awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni. Sabiex jiġu eliminati riskji possibbli għas-saħħa tal-annimali li jistgħu jinħolqu permezz ta' din l-introduzzjoni, huwa xieraq li dawn l-annimali jiġu separati minn annimali selvaġġi għal perjodu ta' tliet xhur qabel l-introduzzjoni ta' dawn il-konsenji fl-Unjoni. Għalhekk, il-mudell taċ-ċertifikat veterinarju għal dawn il-konsenji (RUF) għandu jikkunsidra dan.
- (22) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/881/KE tal-11 ta' Diċembru 2003 dwar is-saħħa tal-annimali u kondizzjonijiet ta' ċertifikazzjoni għall-importazzjoni ta' naħal (*Apis mellifera* u *Bombus* spp.) minn ċerti pajjiżi terzi<sup>(3)</sup> tistabbilixxi l-kondizzjonijiet dwar is-saħħa tal-annimali u l-kondizzjonijiet ta' ċertifikazzjoni għall-importazzjoni ta' naħal minn ċerti pajjiżi terzi. Sabiex tiġi semplifikata l-liġi tal-Unjoni, il-miżuri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni għandhom jiġu inklużi f'dan ir-Regolament. Konsegwentement, id-Deċiżjoni 2003/881/KE tiġi abrogata.

<sup>(1)</sup> ĠU L 340, 31.12.1993, p. 21.

<sup>(2)</sup> ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 328, 17.12.2003, p. 26.

**▼ C1**

- (23) Huwa xieraq li jiġi introdott perjodu ta' tranżizzjoni li jippermetti lill-Istati Membri u lill-industrija sabiex jieħdu l-miżuri neċessarji għall-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.
- (24) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I  
SUĠĠETT, AMBITU U DEFINIZZJONIJIET

*Artikolu 1*

**Is-Suġġett u l-Ambitu**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' konsenji li fihom l-annimali ħajjin jew il-laħam frisk li ġejjin:

- (a) annimali unġulati;
- (b) l-annimali elenkati fil-Parti 2 tal-Anness IV;
- (c) laħam frisk għall-konsum mill-bniedem, li jeskludi preparazzjonijiet tal-laħam, ta' annimali unġulati u ekwidi.

2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew partijiet tagħhom li minnhom jistgħu jiġu introdotti fl-Unjoni l-konsenji msemmija fil-paragrafu 1.

**▼ M18****▼ C1**

4. Dan ir-Regolament japplika bla ebda preġudizzju għar-rekwiżiti kollha taċ-ċertifikazzjoni speċifiċi stabbiliti f'atti oħra tal-Unjoni jew f'kull ftehim konkluż bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) "annimali unġulati" tfisser annimali unġulati kif definita fl-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 2004/68/KE;



▼ **C1**

- (b) “laħam frisk” tfisser laħam frisk kif definita fil-punt 1.10 tal-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (c) “ekwidi” tfisser ekwidi kif definita fl-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 90/426/KEE <sup>(1)</sup>;
- (d) “stabiliment” tfisser razzett jew intrapriżi oħra agrikoli, industrijali jew kummerċjali uffiċjalment sorveljati, li jinkludu ġonna żoologġiċi, parks tad-divertiment u riservi naturali jew għall-kaċċa fejn annimali ħajjin huma miżmuma u mrobbija b’mod regolari.

## KAPITOLU II

**KONDIZZJONIJIET GĦALL-INTRODUZZJONI TA’ ANNIMALI ĦAJJIN FL-UNJONI***Artikolu 3***Kondizzjonijiet ġenerali għall-introduzzjoni ta’ annimali unġulati fl-Unjoni**

Konsenji ta’ annimali unġulati għandhom jiġu biss introdotti fl-Unjoni jekk huma konformi mal-kondizzjonijiet li ġejjin:

- (a) huma ġejjin minn pajjiżi terzi, territorji jew partijiet minnhom elenkati fil-kolonna 1, 2 u 3 tat-tabella mniżżla fil-Parti 1 tal-Anness I li għalihom hemm mudell ta’ ċertifikat veterinarju għall-kunsinna kkonċernata elenkata fil-kolonna 4 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I;
- (b) huma akkumpanjati minn ċertifikat veterinarju adattat, imħejji b’konformità mal-mudell taċ-ċertifikat veterinarju rilevanti stipulat fil-Parti 2 tal-Anness I b’kunsiderazzjoni tal-kondizzjonijiet speċifiċi indikati fil-kolonna 6 tat-tabella fil-Parti 1 ta’ dan l-Anness, u li huwa komplut u ffirmat minn veterinarju uffiċjali tal-pajjiż terz li qed jesporta;
- (c) huma konformi mar-rekwiżiti stipulati fiċ-ċertifikat veterinarju msemmi fil-punt (b), inklużi:
  - (i) il-garanziji supplimentari stabbiliti f’dak iċ-ċertifikat fejn indikat fil-kolonna 5 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I;
  - (ii) ir-rekwiżiti kollha addizzjonali għaċ-ċertifikazzjoni veterinarja li l-Istat Membru bħala l-pajjiż tad-destinazzjoni jista’ jimponi b’konformità mal-leġiżlazzjoni veterinarja tal-Unjoni u li huma inklużi fiċ-ċertifikat.

<sup>(1)</sup> ĠU L 224, 18.8.1990, p. 42.

▼ **M18***Artikolu 3a***Kundizzjonijiet għad-dħul ta' annimali ungulati maħsubin għal korp, istitut jew ċentru approvat**

1. B'deroga mill-Artikolu 3, l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' tawtorizza d-dħul fit-territorju tiegħu ta' konsenji ta' annimali ungulati tal-ispeċijiet elenkati fit-Tabelli 1, 2 u 3 tal-Parti 1 tal-Anness VI meta dawn il-konsenji jkunu destinati għal korp, istitut jew ċentru approvat, sakemm jiġu ssodisfatti dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) tkun twettqet valutazzjoni tar-riskji għas-saħħa tal-annimali li tista' tippreżenta kull konsenja għall-Unjoni, mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' destinazzjoni;
- (b) il-konsenji kkonċernati jkunu ġejjin minn pajjiż terz, minn territorju jew parti minnu li jkun elenkat f'waħda mil-listi stabbiliti:
  - (i) fil-Parti 1 tal-Anness I jew fil-Parti 1 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament,
  - (ii) fid-Deċiżjoni 2004/211/KE <sup>(1)</sup>, fid-Deċiżjoni 2007/777/KE <sup>(2)</sup>, fir-Regolament (KE) Nru 798/2008 <sup>(3)</sup>, fir-Regolament (KE) Nru 119/2009 <sup>(4)</sup>, fir-Regolament (UE) Nru 605/2010 <sup>(5)</sup>,
- (ċ) l-annimali ungulati jkunu joriġinaw minn korp, istitut jew ċentru fpajjiż terz, f'territorju jew parti minnu msemmi fil-punt (a), li jkun elenkat flista stabbilita skont l-Artikolu 3c;
- (d) l-annimali ungulati jkunu ddaħħlu għall-kwarantina f'faċilità protetta mill-vetturi fl-istabiliment tal-korp, tal-istitut jew taċ-ċentru msemmi fil-punt (c) għall-perjodu stipulat fiċ-ċertifikati rilevanti;
- (e) l-annimali ungulati jitwasslu direttament lejn korp, istitut jew ċentru fl-Istat Membru ta' destinazzjoni;
- (f) l-annimali ungulati jkollhom magħhom ċertifikat veterinarju validu, miktub skont il-mudell rilevanti taċ-ċertifikati veterinarji msemmijin fit-Tabelli 1, 2 u 3 fil-Parti 1 tal-Anness VI u stabbiliti fil-Parti 2 ta' dak l-Anness;
- (g) l-annimali ungulati jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-mudell taċ-ċertifikat veterinarju msemmi fil-punt (f).

L-Istat Membru ta' destinazzjoni għandu jgħarraf lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali bl-awtorizzazzjoni mogħtija skont l-ewwel sotto-paragrafu, qabel ma jiddaħħlu l-annimali ungulati fit-territorji tagħhom.

<sup>(1)</sup> ĠU L 73, 11.3.2004, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 312, 30.11.2007, p. 49.

<sup>(3)</sup> ĠU L 226, 23.8.2008, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 39, 10.2.2009, p. 12.

<sup>(5)</sup> ĠU L 175, 10.7.2010, p. 1.

▼ **M18**

2. Fejn tkun impossibbli l-konformità mal-punti (c) u (d) tal-paragrafu 1 minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' destinazzjoni tista' tawtorizza d-dħul fit-territorju tiegħu ta' annimali ungulati tal-ispeċijiet elenkati fit-Tabelli 1, 2 u 3 tal-Parti 1 tal-Anness VI minn *impriżi oħrajn* li mhumiex konformi mar-rekwiżiti stipulati f'dawk il-punti, sakemm jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti stipulati fil-punti (a), (b) u (e) sa (g) tal-paragrafu 1 kif ukoll il-kundizzjonijiet addizzjonali li ġejjin:

- (a) tkun saret applikazzjoni minn qabel mis-sid jew minn persuna fiżika li tirrappreżenta lis-sid, u l-Istat Membru ta' destinazzjoni jkun ta l-permess wara li jkun wettaq valutazzjoni tar-riskji li tkun uriet li d-dħul tal-annimali ungulati inkwistjoni fit-territorju tiegħu ma jikkostitwix riskju għas-saħħa tal-annimali fl-Unjoni;
- (b) l-annimali ungulati jkunu ddaħħlu fil-kwarantana fil-pajjiż terz, fit-territorju jew fil-parti tat-territorju tal-orijini taħt superviżjoni uffiċjali għat-tul ta' żmien meħtieġ biex jissodisfaw il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali stipulati fil-mudell taċ-ċertifikat veterinarju msemmi fil-punt (f):
  - (i) f'post approvat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz, tat-territorju jew ta' parti mit-territorju tal-orijini tal-annimali;
  - (ii) skont l-arranġamenti preskritti fil-permess li għandu jstipula mill-inqas l-istess garanziji bħal dawk stipulati fil-punti (a), (b) u (e) sa (g) tal-paragrafu 1.

Meta l-annimali ungulati jiddaħħlu fl-Unjoni skont l-ewwel sottoparagrafu, għandhom jiddaħħlu għall-kwarantana f'post ta' korp, istitut jew ċentru approvat *ta' destinazzjoni* għal mill-inqas sitt xhur minn meta jiddaħħlu fl-Unjoni, u matul dan il-perjodu, ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 8(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE jistgħu jiġu applikati mill-awtoritajiet kompetenti.

L-Istat Membru li jkun qed jawtorizza d-dħul tal-annimali ungulati skont l-ewwel sottoparagrafu għandu jgħarraf lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali bl-awtorizzazzjoni qabel ma jiddaħħlu l-annimali ungulati fit-territorji tiegħu.

*Artikolu 3b*

**Il-kundizzjonijiet għad-dħul u t-transitu tal-annimali ungulati maħsubin għal korp, istitut jew ċentru approvat, mit-territorju ta' Stati Membri li mhumiex l-Istat Membru ta' destinazzjoni**

It-transitu tal-annimali ungulati msemmijin fl-Artikolu 3a minn Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru ta' destinazzjoni jingħata permiss biss suġġett għall-awtorizzazzjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' transitu. Din l-awtorizzazzjoni tista' tingħata biss abbażi ta' valutazzjoni tar-riskji minn dik l-awtorità kompetenti, fuq l-informazzjoni li tingħata mill-Istat Membru ta' destinazzjoni.

L-Istat Membru ta' destinazzjoni għandu jgħarraf lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali, qabel ma jseħħ it-transitu, meta jawtorizza d-dħul tal-annimali skont il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 3a."

▼ **M18***Artikolu 3c***Lista ta' korpi, istituti jew ċentri approvati f'pajjiżi terzi, f'territorji u f'partijiet minn territorji**

1. Wara valutazzjoni tal-konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 2, kull Stat Membru jista' jistabbilixxi lista ta' korpi, istituti u ċentri li minnhom jista' jiġi awtorizzat id-dħul ta' annimali unġulati fit-territorju tiegħu skont l-Artikolu 3a(1).

2. Korp, istitut jew ċentru f'pajjiż terz, f'territorju jew f'parti minnu jista' biss jiġi elenkat fil-lista msemmija fil-paragrafu 1 meta jkunu ssodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-korp, l-istitut jew iċ-ċentru jikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fil-Parti 3 tal-Anness VI;
- (b) il-korp, l-istitut jew iċ-ċentru jkun approvat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz, tat-territorju jew ta' parti mit-territorju fejn ikun ikkollokat dak il-korp, l-istitut jew iċ-ċentru;
- (ċ) l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz, tat-territorju jew ta' parti mit-territorju tagħti biżżejjed garanziji li l-kundizzjonijiet dwar l-approvazzjoni ta' korpi, istituti jew ċentri stabbiliti fil-Parti 4 tal-Anness VI huma ssodisfatti.

3. Stat Membru jista' jinkludi fil-lista msemmija fil-paragrafu (1) il-korpi, l-istituti jew iċ-ċentri f'pajjiżi terzi li diġà qegħdin inklużi f'lista bħal din stabbilita minn Stat Membru ieħor, mingħajr ma jkun ivvaluta l-konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 2.

4. L-Istati Membri għandhom iżommu l-listi msemmijin fil-paragrafu (1) aġġornati, u b'mod partikolari jqisu kull sospensjoni jew irtirar tal-approvazzjoni mogħtija mill-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz, ta' territorju jew ta' parti minnu tal-korpi, tal-istituti jew taċ-ċentri kkollokati hemm u inklużi f'dawk il-listi.

5. Permezz ta' paġni ta' tagħrif imqiegħda fuq l-internet, l-Istati Membri għandhom ipogħu l-listi msemmijin fil-paragrafu 1 għad-disponibbiltà tal-pubbliku, u għandhom iżommu dawn il-paġni aġġornati.

6. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-indirizz tal-Internet tal-paġni ta' tagħrif tagħhom imqiegħda fuq l-internet.

*Artikolu 4***Kundizzjonijiet għaċ-ċentri tal-ġbir għal ċerti konsenji ta' annimali unġulati**

1. Konsenji ta' annimali unġulati li fihom annimali haġjin li ġejjin minn aktar minn stabbiliment wieħed jistgħu jiddaħħlu fl-Unjoni biss jekk jinġabru f'ċentri tal-ġbir approvati mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz, tat-territorju jew ta' parti mit-territorju tal-orijini b'konformità mar-rekwiżiti stipulati fil-Parti 5 tal-Anness I.

▼ **M18**

2. Il-konsenji tal-annimali ungulati mdaħħlin fl-Unjoni skont l-Artikolu 3a jew l-Artikolu 6 ma għandhomx joriġinaw minn iktar minn stabbiliment wieħed u ma għandhomx jinġabru f'ċentri tal-ġbir.

▼ **C1***Artikolu 5***Protokollu għall-istandardizzazzjoni ta' materjali u għall-proċeduri għall-ġabra ta' kampjuni u għall-ittestjar ta' annimali ungulati**

Fejn jeħtieġ li jinġabru kampjuni u jsir ittestjar għaċ-ċertifikati veterinarji elenkati fil-kolonna 4 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I għall-mard elenkat fil-Parti 6 ta' dan l-Anness, għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' konsenji ta' annimali ungulati, dan il-ġbir ta' kampjuni u l-ittestjar għandhom jsiru minn jew bil-kontroll ta' awtorità kompetenti mill-pajjiż terz ta' orijini b'konformità mal-protokollu għall-istandardizzazzjoni ta' materjali u proċeduri għall-ittestjar stipulati fil-Parti 6 ta' dan l-Anness.

*Artikolu 6***Kondizzjonijiet speċjali għal ċerti konsenji ta' annimali ungulati importati f'St Pierre u Miquelon u introdotti fl-Unjoni**

Konsenji ta' annimali ungulati tal-ispeċi elenkati fit-tabella fil-Parti 7 tal-Anness I u li ddaħħlu f'St Pierre u Miquelon inqas minn sitt xhur qabel id-data tal-ġarr bil-baħar tagħhom minn St Pierre u Miquelon lejn l-Unjoni jistgħu jiġu biss introdotti fl-Unjoni jekk

- (a) huma konfromi mar-rekwiżiti tar-residenza u tal-kwarantina stipulati fil-Kapitolu 1 ta' dik il-Parti;
- (b) ġew ittestjati b'konformità mar-rekwiżiti għall-ittestjar tas-saħħa tal-annimali stipulati fil-Kapitolu 2 ta' din il-Parti.

*Artikolu 7***Kondizzjonijiet ġenerali għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' ċerti speċi ta' naħal**

1. Konsenji ta' naħal tal-ispeċi elenkati fit-tabella 1 tal-Parti 2 tal-Anness IV għandhom jiġu introdotti biss fl-Unjoni minn pajjiżi terzi jew territorji:

- (a) elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II;
- (b) jekk il-preżenza ta' batteri tal-larvi tan-naħal (foulbrood) Amerikani, il-ħanfusa ż-żgħira tad-doqqajs (*Aethina tumida*) u d-dudu *Tropilaelaps* (*Tropilaelaps* spp.) huma soġġetti għal notifikazzjoni obbligatorja fit-territorju kollu tal-pajjiż terz jew tat-territorju kkonċernat.

**▼ C1**

2. B'deroga għall-paragrafu 1(a), il-konsenji ta' naħal jistgħu jiġu introdotti fl-Unjoni minn parti ta' pajjiż terz jew minn territorju elenkat fil-Parti 1 tal-Anness II li huwa:

- (a) parti ġeografikament u epidemjoloġikament iżolata minn pajjiż terz jew territorju
- (b) elenkat fit-tielet kolonna fit-tabella fit-Taqsima 1 tal-Parti 1 tal-Anness IV.

Meta din id-deroga tiġi applikata, l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' konsenji ta' naħal għandha tiġi pprojbata mill-partijiet l-oħra kollha tal-pajjiż terz jew tat-territorju kkonċernat mhux elenkat fit-tielet kolonna tat-tabella fit-Taqsima 1 tal-Parti 1 tal-Anness IV.

3. Konsenji ta' naħal tal-ispeċi elenkati fit-tabella 1 tal-Parti 2 tal-Anness IV għandhom jikkonsistu jew minn:

- (a) gaġeġ ta' naħal irġeġjen (*Apis mellifera* u *Bombus* spp.), kull waħda fiha naħla reġina waħda b'massimu ta' 20 attendent li jakkumpanjawha; jew
- (b) kontenituri ta' naħal baġhal (*Bombus* spp.), kull wieħed fih kolonja ta' massimu ta' 200 naħla baġhla adulti.

4. Konsenji ta' naħal tal-ispeċi elenkati fit-tabella 1 tal-Parti 2 tal-Anness IV għandhom:

- (a) ikunu akkumpanjati minn ċertifikat veterinarju adattat, imħejji b'konformità mal-mudell taċ-ċertifikat veterinarju rilevanti stipulat fil-Parti 2 tal-Anness IV, u li huwa komplut u ffirmat minn spettur uffiċjali tal-pajjiż terz li qed jesporta;
- (b) ikunu konformi mar-rekwiżiti veterinarji stipulati fiċ-ċertifikat veterinarju msemmi fil-punt (a).

*Artikolu 8***Kondizzjonijiet ġenerali dwar it-trasport ta' animali ħajjin lejn l-Unjoni**

Waqt il-perjodu wara t-tagħbija fil-pajjiż terz tal-oriġini u qabel il-wasla mal-istazzjon tal-ispezzjoni fuq il-fruntiera għall-introduzzjoni fl-Unjoni, konsenji ta' animali ħajjin m'għandhomx:

- (a) jiġu trasportati flimkien ma' animali ħajjin oħra li:
  - (i) mhumiex intenzjonati għall-introduzzjoni fl-Unjoni; jew
  - (ii) li għandhom stat ta' saħħa aktar baxx.

**▼ M18**

- (b) imhattin, jew, meta dawn jitwasslu bl-ajru, ittrasferiti f'inġenju tal-ajru ieħor, jew jiġu ttrasportati f'vettura tat-triq, fuq ferrovija, jew bil-mixi minn pajjiż terz, territorju jew parti minnu li ma jkunx awtorizzati għall-importazzjoni tal-animali kkonċernati fl-Unjoni.

▼ **C1***Artikolu 9***Limitu ta' żmien għall-perjodu tat-trasport ta' annimali ħajjin lejn l-Unjoni**

Konsenji ta' annimali ħajjin jistgħu jiġu biss introdotti fl-Unjoni jekk il-kunsinna tasal l-istazzjon tal-ispezzjoni fuq il-fruntiera għall-introduzzjoni fl-Unjoni fi żmien 10 ijiem mid-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat veterinarju adattat.

Fil-każ ta' trasport bil-baħar, dan il-perjodu ta' 10 ijiem jiġi estiż b'perjodu addizzjonali li jikkorrispondi għat-tul tal-vjaġġ bil-baħar, kif ċertifikat permezz ta' dikjarazzjoni ffirmata minn sid il-vapur, imħejjija b'konformità mal-Parti 3 tal-Anness I li tiġi meħmuża fil-forma oriġinali tagħha maċ-ċertifikat veterinarju.

*Artikolu 10***Kondizzjonijiet speċjali dwar il-bexx ta' konsenji ta' annimali ħajjin trasportati bl-ajru lejn l-Unjoni**

Jekk konsenji ta' annimali ħajjin, bl-eċċezzjoni ta' konsenji ta' naħal, jiġu trasportati bl-ajru, il-kaxxa jew kontenitur li fih jiġu trasportati u ż-żona fil-madwar għandhom jiġu mibxuxa b'insettiċida adattat.

Dan il-bexx għandu jsir immedjament qabel ma jingħalqu l-bibien tal-ajruplan wara t-tagħbija, u wara kull ftuħ sussegwenti tal-bibien f'pajjiż terz, sakemm l-ajruplan jasal fid-destinazzjoni finali.

Il-kaptan tal-ajruplan għandu jiċċertifika li l-bexx ikun sar billi jiffirma dikjarazzjoni, imħejjija b'konformità mal-Parti 4 tal-Anness I u tiġi meħmuża fil-forma oriġinali tagħha maċ-ċertifikat veterinarju.

*Artikolu 11***Kondizzjonijiet li għandhom jiġu applikati wara l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' ċerti konsenji ta' annimali unġulati**▼ **M18**

1. Wara li jiddaħħlu fl-Unjoni, il-konsenji tal-annimali unġulati, minbarra dawk imsemmijin fl-Artikolu 3a, għandhom jitwasslu b'mezz tat-trasport li hu protett mill-vetturi mingħajr dewmien lejn l-istabbiliment tad-destinazzjoni.

Dawk l-annimali unġulati għandhom jibqgħu f'dan l-istabbiliment għall-perjodu ta' mill-inqas 30 jum, sakemm ma jintbagħtux direttament lejn biċċerija.

▼ **C1**

2. Wara l-introduzzjoni fl-Unjoni, konsenji ta' annimali unġulati intenzjonati li jinqatlu għal-laħam b'mod immedjat għandhom jinbagħtu bla telf ta' żmien lejn il-biċċerija destinatarija fejn huma għandhom jinqatlu fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mid-data tal-wasla tagħhom fil-biċċerija.

▼ **C1***Artikolu 12***Kondizzjonijiet speċifiċi dwar it-tranżitu minn pajjiżi terzi ta' ċerti konsenji ta' annimali unġulati**

Fejn il-kondizzjoni I tal-Parti I tal-Anness I tapplika b'mod speċifiku, sabiex jiġu permessi konsenji tal-annimali unġulati msemmija f'dik il-kondizzjoni li joriġinaw minn Stat Membru wieħed u huma destinati lejn Stat Membru ieħor li jgħaddu minn pajjiż terz, territorju jew parti tiegħu li huma elenkati fit-tabella 1 fil-Parti I tal-Anness I iżda li għalhom m'hemm l-ebda mudell ta' ċertifikat veterinarju korrispondenti għal konsenji tal-annimali unġulati konċernati indikati fil-kolonna 4 ta' dik it-tabella, japplikaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

- (a) għal annimali bovini tas-simna:
- (i) l-istabbilimenti tad-destinazzjoni finali għandhom jiġu indikati minn qabel minn awtorità kompetenti bħala d-destinazzjoni finali;
  - (ii) l-annimali ħajjin li jagħmlu parti mill-kunsinna m'għandhomx jiġu trasferiti mill-istabbiliment għall-aħħar destinazzjoni jekk mhux ser jiġu maqtula għal-laħam immedjatament;
  - (iii) iċ-ċaqliq kollu tal-annimali ħajjin ġewwa u barra l-istabbiliment tad-destinazzjoni finali stess jew 'l barra minnu għandhom isiru bil-kontroll tal-awtorità kompetenti sakemm l-annimali li jagħmlu parti mill-kunsinna jibqgħu jinżammu fl-istabbiliment
- (b) għal annimali unġulati għall-qtil immedjat għal-laħam għandu japplika l-Artikolu 11(2).

▼ **M8***Artikolu 12a***Deroga għat-tranżitu mil-Litwanja ta' ċerti konsenji ta' annimali bovini ħajjin għat-trobbija u għall-produzzjoni**

1. It-tranżitu bit-triq mil-Litwanja ta' konsenji ta' annimali bovini ħajjin għat-trobbija u l-produzzjoni ġejjin mir-reġjun Russu ta' Kalinin-grad u kkonsenjati f'destinazzjoni barra mill-Unjoni għandu jkun awtorizzat suġġett għall-konformità mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) l-annimali jidħlu l-Litwanja fil-post ta' spezzjoni fil-fruntiera fi triq Kybartai u joħorġu mil-Litwanja fil-post ta' spezzjoni fil-fruntiera f'Medininkai;
- (b) l-annimali jiġu ttrasportati f'kontejners fuq vetturi tat-triq ssiġillati b'siġill b'numru ta' serje fl-istazzjon għall-ispezzjoni fuq il-fruntiera għall-introduzzjoni fl-Unjoni fi triq Kybartai, mis-servizzi veterinarji tal-awtorità kompetenti tal-Litwanja;
- (c) id-dokumenti msemmija fit-tielet inċiż tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE, inkluż iċ-ċertifikat veterinarju mimli kif xieraq skont iċ-ċertifikat veterinarju mudell "BOV-X-TRANSIT-RU" stabbilit fil-Parti 2 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament u li jakkumpanjaw l-annimali mill-post ta' spezzjoni fil-fruntiera fi triq Kybartai sal-post ta' spezzjoni fil-fruntiera Medininkai jkunu ttimbrati "GĦAT-TRANŻITU BISS MINN ĠOL-LITWANJA META ĠEJ MIR-REĠJUN RUSSU TA' KALININGRAD" fuq kull paġna mill-veterinarju uffiċjali tal-awtorità kompetenti responsabbli għall-post ta' spezzjoni fil-fruntiera fi triq Kybartai;



▼ **M8**

- (d) ikun konformi mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 9 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KE;
- (e) il-konsenja tkun iċċertifikata bħala aċċettabbli għat-tranżitu mill-Litwanja fuq id-dokument komuni veterinarju tad-dħul imsemmi fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 282/2004 <sup>(1)</sup> u ffirmat mill-veterinarju uffiċjali tal-post ta' spezzjoni fil-fruntiera fi triq Kybartai;
- (f) l-annimali jkunu akkumpanjati b'ċertifikat tas-saħħa li jippermetti dħul bla xkiel fil-Bjelorussja u b'ċertifikat veterinarju maħruġ għall-post ta' destinazzjoni tal-annimali fir-Russja.

2. Il-konsenja ma għandhiex tinħatt fl-Unjoni u għandha tittieħed direttament għall-post ta' spezzjoni fil-fruntiera għall-ħruġ ta' Medininkai.

Il-veterinarju uffiċjali fil-post ta' spezzjoni fil-fruntiera ta' Medininkai għandu jimla l-parti 3 tad-Dokument tad-Dħul Veterinarju Komuni wara l-kontrolli tal-ħruġ fuq il-konsenja jkunu vverifikaw li tkun l-istess konsenja li daħlet fil-Litwanja fil-post ta' spezzjoni fil-fruntiera fi "triq Kybartai".

3. F'każ ta' kwalunkwe irregolarità jew emerġenza waqt it-tranżitu, l-Istat Membru tat-tranżitu għandu japplika l-miżuri stipulati fit-tieni inċiż tal-Artikolu 8(1)(b) tad-Direttiva 90/425/KEE <sup>(2)</sup> kif xieraq.

4. L-awtorità kompetenti tal-Litwanja għandha tivverifika regolarment li l-għadd ta' konsenji li jidħlu u jħallu t-territorju tal-Unjoni jkun jaqbel.

▼ **C1***Artikolu 13***Kondizzjonijiet għall-applikazzjoni wara l-introduzzjonifl-Unjoni ta' konsenji ta' naħal imsemmija fl-Artikolu 7**

1. Konsenji ta' naħal irġejjen imsemmija fl-Artikolu 7(3)(a) għandhom jiġu trasportati bla telf ta' żmien lejn il-post maħsub bħala id-destinazzjoni finali fejn il-ġarar għandhom jitqiegħdu taħt il-kontroll tal-awtorità kompetenti u n-naħal irġejjen jiġu trasferiti f'gagėġ ġodda qabel ma jiġu introdotti f'kolonji lokali.

2. Il-gagėġ, l-attendenti u materjal ieħor li akkumpanja n-naħal irġejjen mill-pajjiż terz tal-oriġini għandhom jinbagħtu f'laboratorju indikat mill-awtorità kompetenti għall-eżaminazzjoni għall-preżenza:

- (a) tal-ħanfusa ż-żgħira tad-doqqajs (*Aethina tumida*), il-bajd jew il-larva tagħha;
- (b) sinjali tad-dudu ta' *Tropilaelaps* (*Tropilaelaps* spp.)

Wara din l-eżaminazzjoni fil-laboratorju, il-gagėġ, l-attendenti u l-materjal għandhom jiġu meqruda.

3. Konsenji ta' naħal baġhal (*Bombus* spp.) imsemmi fl-Artikolu 7(3)(b) għandhom jiġu trasportat mingħajr telf ta' żmien lejn il-post ta' destinazzjoni indikat.

<sup>(1)</sup> ĠU L 49, 19.2.2004, p. 11.

<sup>(2)</sup> ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29.

▼ **C1**

Dan in-naħal bagħla jista' jibqa' fil-kontenitur li fih ġie introdott fl-Unjoni sakemm iddum ħajja l-kolonja.

Dan il-kontenituri u l-materjal li akkumpanja n-naħal bagħal mill-pajjiż terz ta' oriġini għandhom jiġu meqruda l-aktar tard fl-aħħar tal-perjodu kemm iddum ħajja l-kolonja.

▼ **M18***Artikolu 13a*

**Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu applikati wara d-dħul ta' konsenji ta' annimali unglati maħsubin għal korpi, istituti jew ċentri approvati**

1. Wara li jiddaħħlu fl-Unjoni, il-konsenji tal-annimali unglati maħsubin għal korpi, istituti jew ċentri approvati, għandhom jitwasslu mingħajr dewmien lill-korp, l-istitut jew liċ-ċentru tad-destinazzjoni approvat b'mezz ta' trasport li jkun protett mill-vetturi u mibni b'mod li l-annimali ma jistgħux jaħarbu minn ġo fih, u r-rawt, l-awrina, l-imfierex, l-għalf, l-iskart jew kull materjal ieħor ma jkunx jista' jnixxi jew jaqa' minn ġol-vettura jew mill-kontejner waqt it-trasportazzjoni.

2. L-annimali għandhom jinżammu fil-kwarantina f'faċilitajiet protetti mill-vetturi fl-istabbiliment tal-korp, tal-istitut jew taċ-ċentru approvat tal-Istat Membru tad-destinazzjoni għal mill-inqas 30 jum. Wara l-perjodu ta' kwarantina ta' 30 jum, l-annimali jistgħu jintbagħtu lil korp, istitut jew ċentru approvat ieħor.

3. L-annimali li jiddaħħlu għand korp, istitut jew ċentru approvat jistgħu jintbagħtu f'destinazzjoni li ma tkunx korp, istitut jew ċentru approvat ieħor, sakemm:

(a) ikunu għaddew mill-inqas sitt xhur minn meta ddaħħlu fl-Unjoni, u

(b) it-trasferiment isir skont il-paragrafu 4 tal-Anness C tad-Direttiva 92/65/KEE.

4. B'deroga mill-paragrafu 3, l-annimali jistgħu joħorġu mingħand korp, istitut jew ċentru approvat qabel ma jispiċċa l-perjodu ta' sitt xhur stipulat f'dak il-paragrafu, biss jekk jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-annimali jiġu esportati fpajjiz terz, f'territorju jew f'parti minnu;

(b) biex jiġu esportati, kif imsemmi f'a), l-annimali jridu jiġu trasportati f'mezzi ta' trasport li jkunu protetti kontra l-vetturi u li jkunu mibnija b'mod li l-annimali ma jkunux jistgħu jaħarbu, u r-rawt, l-awrina, l-imfierex, l-għalf, l-iskart jew kull materjal ieħor ma jkunx jista' jnixxi jew jaqa' minn ġol-vettura jew mill-kontejner waqt it-trasportazzjoni.

▼ **C1**

## KAPITOLU III

**KONDIZZJONIJIET GĦALL-INTRODUZZJONI TA' LAĦAM FRISK  
FL-UNJONI***Artikolu 14***Kondizzjonijiet ġenerali għall-importazzjoni ta' laħam frisk**

Konsenji ta' laħam frisk għall-konsum mill-bniedem jistgħu jiġu biss impurtati fl-Unjoni jekk huma konformi mal-kondizzjonijiet li ġejjin:

- (a) huma ġejjin minn pajjiżi terzi, territorji jew partijiet minnhom elenkati fil-kolonna 1, 2 u 3 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness II li għalihom hemm mudell ta' ċertifikat veterinarju li jikkorrispondi għall-kunsinna kkonċernata elenkata fil-kolonna 4 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness II;
- (b) huma jiġu preżentati fl-istazzjon tal-ispezzjoni fuq il-fruntiera għall-introduzzjoni fl-Unjoni akkumpanjati b'ċertifikat veterinarju adattat, imħejji b'konformità mal-mudell ta' ċertifikat veterinarju rilevanti stipulat fil-Parti 2 tal-Anness II, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-kondizzjonijiet speċifiċi indikati fil-kolonna 6 tat-tabella fil-Parti 1 ta' dan l-Anness, u jiġi komplut u ffirmat minn veterinarju uffiċjali mill-pajjiż terz li qed jesperta;
- (c) ikunu konformi mar-rekwiżiti stipulati fiċ-ċertifikat veterinarju msemmi fil-punt (b), li jinkludu:
  - (i) il-garanziji supplimentari stabbiliti f'dak iċ-ċertifikat, kienu indikati fil-kolonna 5 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness II;
  - (ii) ir-rekwiżiti kollha addizzjonali għaċ-ċertifikazzjoni veterinarja li l-Istat Membru bħala l-pajjiż tad-destinazzjoni jista' jimponi b'konformità mal-leġiżlazzjoni veterinarja tal-Unjoni u li huma inklużi fiċ-ċertifikat.

*Artikolu 15***Kondizzjonijiet applikabbli wara l-importazzjoni ta' karkassi mhux imqaxxa ta' bhejjem tal-kaċċa bid-difer mifruq**

Skont l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 97/78/KE <sup>(1)</sup>, konsenji ta' karkassi mhux imqaxxa ta' bhejjem tal-kaċċa bid-difer mifruq għall-konsum mill-bniedem wara aktar ipproċessar għandhom jiġu ttrasportati mingħajr telf ta' żmien lejn l-istabbiliment destinat għall-ipproċessar.

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9.

## ▼ C1

*Artikolu 16***Tranżitu u ħażna ta' laħam frisk**

L-introduzzjoni fl-Unjoni ta' konsenji ta' laħam frisk mhux intenzjonati għall-importazzjoni fl-Unjoni iżda destinati għal pajjiż terz jew permezz ta' tranżitu immedjat jew wara l-ħażna fl-Unjoni skont l-Artikolu 12(4) u l-Artikolu 13 tad-Direttiva 97/78/KE, jistgħu jiġu biss awtorizzati jekk il-konsenji huma konformi mal-kondizzjonijiet li ġejjin:

- (a) ġejjin minn pajjiżi terzi, territorji jew partijiet tagħhom elenkati fil-kolonna 1, 2 u 3 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness II, li għalihom hemm mudell ta' ċertifikat veterinarju li jikkorrispondi għall-kunsinna konċernata elenkata fil-kolonna 4 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness II;
- (b) huma konformi mar-rekwiżiti speċifiċi għas-saħħa tal-animali għall-kunsinna konċernata, kif stipulat fil-mudell ta' ċertifikat veterinarju rilevanti msemmi fil-punt (a);
- (c) jiġu akkumpanjati b'ċertifikat veterinarju, mħejjija b'konformità mal-mudell ta' ċertifikat veterinarju stipulat fl-Anness III, u li jiġi komplut u ffirmat minn veterinarju uffiċjali mill-pajjiż terz;
- (d) huma ċertifikati bħala aċċettabbli għat-tranżitu, inkluż għall-ħażna kif meħtieġ, fid-dokument veterinarju komuni għad-dħul imsemmi fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 136/2004<sup>(1)</sup>, li ġie ffirmat minn veterinarju uffiċjali tal-istazzjon tal-ispezzjoni fuq il-fruntiera għall-introduzzjoni fl-Unjoni.

*Artikolu 17***Deroga għat-tranżitu fil-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja**

1. B'deroga għall-Artikolu 16 it-tranżitu bit-triq jew bil-ferrovija mill-Unjoni, bejn l-istazzjonijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera indikati fil-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja elenkati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/821/KE<sup>(2)</sup>, ta' konsenji ġejjin minn jew destinati lejn ir-Russja direttament jew billi jgħaddu minn pajjiż terz ieħor jista' jiġi awtorizzat, jekk ikun hemm konformità mal-kondizzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-kunsinna tiġi ssiġillata b'siġill b'numru ta' serje fl-istazzjon għall-ispezzjoni fuq il-fruntiera għall-introduzzjoni fl-Unjoni mis-servizzi veterinarji tal-awtorità kompetenti;
- (b) id-dokumenti li jakkumpanjaw il-kunsinna u msemmija fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 97/78/KE għandhom jiġu ttimbrati b'timbru "GĦAT-TRANŻITU LEJN IR-RUSSJA BISS MILL-UE" fuq kull paġna mill-veterinarju uffiċjali tal-awtorità kompetenti responsabbli għall-istazzjon tal-ispezzjoni fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni;;
- (c) hemm konformità mar-rekwiżiti proċedurali stipulati fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 97/78/KE;
- (d) il-kunsinna hija ċertifikata bħala aċċettabbli għat-tranżitu fid-dokument veterinarju komuni għad-dħul iffirmit mill-veterinarju uffiċjali tal-istazzjon tal-ispezzjoni fuq il-fruntiera għall-introduzzjoni fl-Unjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU L 21, 28.1.2004, p. 11.

<sup>(2)</sup> ĠU L 296, 12.11.2009, p. 1.

▼ **C1**

2. Ħatt jew ħażna, kif definiti fl-Artikolu 12(4) jew fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 97/78/KE, ta' dawn il-konsenji fuq it-territorju tal-Unjoni m'għandux jiġi permess.

3. Għandhom isiru reviżjonijiet regolari mill-awtorita kompetenti sabiex jiġi żgurat li n-numru ta' konsenji u l-kwantitajiet ta' prodotti li ser jitilqu mill-Unjoni jaqblu man-numru u l-kwantitajiet li daħlu.

▼ **M17***Artikolu 17a***Deroga għat-tranżitu fil-Kroazja, ta' konsenji li jkunu gzejjin mill-Bosnja-Herzegovina u destinati lejn pajjiżi terzi**

1. B'deroga mill-Artikolu 16, it-tranżitu dirett bit-triq fl-Unjoni, bejn il-postijiet ta' spezzjoni fil-fruntiera ta' Nova Sela u Ploče, ta' konsenji li jkunu gzejjin mill-Bosnja-Herzegovina u destinati lejn pajjiżi terzi, għandu jiġi awtorizzat jekk ikun hemm konformita mal-kundizzjonijiet li gzejjin:

- (a) il-konsenja tkun issiġillata b'siġill innumerat f'serje mill-veterinarju uffiċjali fil-post ta' spezzjoni fil-fruntiera tad-dħul;
- (b) id-dokumenti li jakkumpanjaw il-konsenja u li jissemew fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 97/78/KE jkunu timbrati "GĦAL TRANŻITU FL-UE LEJN PAJJIŻI TERZI, BISS" fuq kull paġna mill-veterinarju uffiċjali fil-post ta' spezzjoni fil-fruntiera tad-dħul;
- (c) ikun hemm konformita mar-reqwiziti proċedurali previsti fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 97/78/KE;
- (d) il-konsenja tkun iċċertifikata bħala acceatabbli għat-tranżitu fid-Dokument Veterinarju Komuni ta' Dħul imsemmi fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 136/2004 mill-veterinarju uffiċjali tal-post ta' spezzjoni fil-fruntiera tad-dħul.

2. Il-ħatt jew il-ħżin, kif definiti fl-Artikolu 12(4) jew fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 97/78/KE, ta' dawn il-konsenji fit-territorju tal-Unjoni ma għandux jiġi permess.

3. L-awtorita kompetenti trid twettaq verifiki b'mod regolari biex tiżgura li l-għadd ta' konsenji u l-kwantitajiet ta' prodotti li jħallu l-Unjoni jaqbel mal-għadd u l-kwantitajiet li jkunu qed jidħlu fl-Unjoni.

▼ **C1**

## KAPITOLU IV

**DISPOZZJONIJIET ĠENERALI, TRANŻITORJI U FINALI***Artikolu 18***Ċertifikazzjoni**

Iċ-ċertifikati veterinarji meħtieġa minn dan ir-Regolament għandhom jiġu kompluti b'konformita man-noti ta' spjegazzjoni stipulati fl-Anness V.

Madanakollu din il-kondizzjoni ma tippermettix l-użu ta' ċertifikazzjoni elettronika jew minn sistemi oħra miftehna, armonizzati f' uq il-livell tal-Unjoni.

▼ **C1**

*Artikolu 19*

**Dispożizzjonijiet tranżitorji**

▼ **M1**

Għal perjodu ta' transizzjoni, dawk il-kunsinni ta' annimali ħajjin, bl-eċċezzjoni ta' naħal li jkun ġej mill-Istat tal-Hawaii, u laħam frisk maħsub għall-konsum mill-bniedem iċċertifikat qabel it-30 ta' Novembru 2010 skont id-Deċiżjonijiet 79/542/KEE u 2003/881/KE jistgħu jibqgħu jiġu introdotti fl-Unjoni sal-31 ta' Mejju 2011.

▼ **C1**

*Artikolu 20*

**Abrogazzjoni**

Id-Deċiżjoni 2003/881/KE ġiet abrogata.

*Artikolu 21*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼ **C1**

## ANNEX I

## ANIMALI UNGULATI

▼ **M8**

## PARTI 1

## Lista ta' pajjiżi terzi, territorji jew partijiet minnhom (\*)

Kodiċi ISO u isem il-pajjiż terz	Kodiċi tat-Territorju	Deskrizzjoni tal-pajjiż terz, territorju jew parti minnu	Ċertifikat veterinarju		Kundizzjonijiet speċifiċi
			Mudell(i)	SG	
1	2	3	4	5	6
▼ <b>M23</b> BD — Il-Bangladesh (*****)	BD-0	Iż-żona taċ-“Chittagong Safari Park”	TRE-A (*****)		
▼ <b>M8</b> CA — Il-Kanada	CA-0	Il-pajjiż kollu	POR-X		<b>IVb</b> <b>IX</b> <b>V</b>
	CA-1	Il-pajjiż kollu, għajr ir-reġjun ta' Okanagan Valley tal-British Columbia kif deskritt hawn isfel: — Minn punt fuq il-fruntiera bejn il-Kanada u l-Istati Uniti 120°15' ta' lonġitudni u 49° ta' latitudni — Lejn it-Tramuntana fil-punt ta' 119°35' ta' lonġitudni u 50°30' ta' latitudni — Lejn il-Grigal fil-punt ta' 119° ta' lonġitudni u 50°45' ta' latitudni — Lejn in-Nofsinhar minn punt fuq il-fruntiera bejn il-Kanada u l-Istati Uniti 118°15' ta' lonġitudni u 49° ta' latitudni	BOV-X, OVI-X, OVI-Y RUM (**)	<b>A</b>	
CH — l-Isvizzera	CH-0	Il-pajjiż kollu	(***)		
CL — iċ-Ċili	CL-0	Il-pajjiż kollu	BOV-X, OVI-X, RUM POR-X, SUI	<b>B</b>	
GL — il-Groenlandja	GL-0	Il-pajjiż kollu	OVI-X, RUM		<b>V</b>
▼ <b>M16</b>					
▼ <b>M8</b> IS — l-Islanda	IS-0	Il-pajjiż kollu	BOV-X, BOV-Y RUM, OVI-X, OVI-Y POR-X, POR-Y	<b>B</b>	
ME — il-Montenegro	ME-0	Il-pajjiż kollu			<b>I</b>
MK — Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja. (****)	MK-0	Il-pajjiż kollu			<b>I</b>
▼ <b>M22</b> NZ — New Zealand	NZ-0	Il-pajjiż kollu	BOV-X, BOV-Y, RUM, POR-X, POR-Y OVI-X, OVI-Y		<b>III</b> <b>V</b> <b>XII</b>
▼ <b>M8</b> PM — St Pierre u Miquelon	PM-0	Il-pajjiż kollu	BOV-X, BOV-Y, RUM, OVI-X, OVI-Y CAM		

## ▼ M8

Kodiċi ISO u isem il-pajjiż terz	Kodiċi tat-Territorju	Deskrizzjoni tal-pajjiż terz, territorju jew parti minnu	Ċertifikat veterinarju		Kundizzjonijiet speċifiċi
			Mudell(i)	SG	
1	2	3	4	5	6
RS – Serbja (*****)	Is- RS-0	Il-pajjiż kollu			I
RU – ir-Russja	RU-0	Il-pajjiż kollu			
	RU-1	Il-pajjiż kollu ħlief ir-reġjun ta' Kalinin-grad			
	RU-2	Ir-Reġjun ta' Kaliningrad	BOV-X-TRANSIT-RU		X
US – L-Istati Uniti	US-0	Il-pajjiż kollu	POR-X	D	

## ▼ M12

## ▼ M8

- (\*) Bla ħsara għar-rekwiżiti speċifiċi taċ-ċertifikazzjoni pprovduti minn kwalunkwe ftehim rilevanti bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi.
- (\*\*) Esklużivament għal annimali ħajjin li mhumiex annimali li jagħmlu parti mill-ispeċi taċ-cervidae.
- (\*\*\*) Iċ-ċertifikati huma skont il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132.).
- (\*\*\*\*) Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja: in-nomenklatura definittiva għal dan il-pajjiż se tiġi miftiehma wara n-negozjati attwali fil-livell tan-Nazzjonijiet Uniti.
- (\*\*\*\*\*) Ma tinkludix il-Kosovo b'konformità ma' UNSCR 1244/99.
- (\*\*\*\*\*) ► M23 Din l-annotazzjoni tibqa' applika sas-17 ta' Awwissu 2015.
- (\*\*\*\*\*) B'mod esklużiv għall-ungulati ħajjin tas-sottospeċi *Elephas* li jkunu ġejjin mingħand korp, istituzzjoni jew ċentru approvat fil-Bangladesh għal għand korp, istituzzjoni jew ċentru approvat f'Ċipru. ◀

## Kundizzjonijiet Speċifiċi (ara n-noti tal-qiegħ f'kull ċertifikat):

“I”: għat-tranżitu mit-territorju ta' pajjiż terz ta' annimali ħajjin għall-qtil immedjat jew ta' annimali bovini ħajjin għas-simna li jiġu kkonsenjati minn Stat Membru u li jkunu ddestinati għal Stat Membru ieħor fi trakkijiet li jkunu ġew issiġillati permezz ta' siġill innumerat b'numru ta' serje.

In-numru tas-siġill għandu jtinizzel fuq iċ-ċertifikat tas-saħħa maħruġ skont il-mudell li jidher fl-Anness F tad-Direttiva 64/432/KEE <sup>(1)</sup> għal annimali bovini ħajjin għall-qtil u skont il-Mudell I tal-Anness E tad-Direttiva 91/68/KEE <sup>(2)</sup> għal annimali ovini u kaprini għall-qtil.

Barra minn hekk, is-siġill għandu jkun sħiħ meta jasal fl-istazzjon tal-ispezzjoni fuq il-fruntiera indikat għad-dħul fl-Unjoni u n-numru tas-siġill għandu jiġi rreġistrat fis-sistema integrata veterinarja kompjuterizzata tal-Unjoni (TRACES).

Iċ-ċertifikat għandu jiġi ttmirat fil-post tal-ħruġ mill-Unjoni mill-awtoritajiet veterinarji kompetenti qabel it-tranżitu lejn pajjiż terz jew iktar bil-kliem li ġej “ESKLUŻIVAMENT GĦAL TRANŻITU BEJN PARTIJIET DIFFERENTI TAL-UNJONI EWROPEA BI TRANŻITU MINN DIK LI KIENET IR-REPUBBLIKA JUGOSLAVA TAL-MAĊEDONJA/MILL-MONTENEGRO/MIS-SERBJA (\*) (\*\*)”.

Annimali bovini għas-simna għandhom jiġu ttrasportati direttament lejn l-istabbiliment destinatariju indikat mill-awtorità veterinarja kompetenti għad-destinazzjoni. Dawn l-annimali m'għandhomx jinħarġu mill-istabbiliment jekk ma jkunux għall-qtil immedjat.

(\*) Ħassar il-pajjiż skont il-bżonn.

(\*\*) Is-Serbja ma tinkludix il-Kosovo b'konformità ma' UNSCR 1244/99.

“II”: territorju rikonoxxut bħala ufficialment ħieles mit-tuberkolożi għal skopijiet ta' esportazzjoni lejn l-Unjoni ta' annimali ċertifikati skont il-mudell taċ-ċertifikat BOV-X.

<sup>(1)</sup> ĠU L 29, 29.7.1964, p. 1977/64.

<sup>(2)</sup> ĠU L 46, 19.2.1991, p. 19.



**▼ M8**

- “III”: territorju rikonoxxut bħala uffiċjalment ħieles mill-bruċellożi enzootika bovina għal finijiet ta' esportazzjoni lejn l-Unjoni ta' animali ħajjin iċċertifikati skont il-mudell taċ-ċertifikat BOV- X.
- “IVa”: territorju rikonoxxut li huwa uffiċjalment ħieles mil-lewkożi enzootika bovina (EBL) għal finijiet ta' esportazzjoni lejn l-Unjoni ta' animali ħajjin iċċertifikati skont il-mudell taċ-ċertifikat BOV-X.
- “IVb”: rikonoxxut li għandu merħliet uffiċjalment ħielsa mil-lewkożi bovina enzootika ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness D tad-Direttiva 64/432/KEE għal finijiet ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni ta' animali ħajjin iċċertifikati skont il-mudell taċ-ċertifikat BOV-X.
- “V”: territorju rikonoxxut bħala uffiċjalment ħieles mill-bruċellożi enzootika bovina għal finijiet ta' esportazzjoni lejn l-Unjoni ta' animali ħajjin iċċertifikati skont il-mudell taċ-ċertifikat OVI- X.
- “VI”: Restrizzjonijiet ġeografiċi:
- “VII”: territorju rikonoxxut bħala uffiċjalment ħieles mit-tuberkolożi għal finijiet ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni ta' animali ħajjin iċċertifikati skont il-mudell taċ-ċertifikat RUM.
- “VIII”: territorju rikonoxxut bħala uffiċjalment ħieles mill-bruċellożi għal finijiet ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni ta' animali ħajjin iċċertifikati skont il-mudell taċ-ċertifikat RUM.
- “IX”: territorju rikonoxxut bħala uffiċjalment ħieles mill-marda ta' Aujeszky għal finijiet ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni ta' animali ħajjin iċċertifikati skont il-mudell taċ-ċertifikat POR-X
- “X”: Għat-tranżitu mil-Litwanja ta' animali bovini għat-trobbija u/jew għall-produzzjoni mir-reġjun ta' Kaliningrad għal reġjuni oħra fir-Russja.

**▼ M21**

- “XI”: azjendi jew kompartimenti rikonoxxuti li qegħdin japplikaw kundizzjonijiet ikkontrollati ta' sistemazzjoni skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 2075/2005.

**▼ M22**

- “XII”: territorju rikonoxxut li għandu merħliet bovini uffiċjalment ħielsa mit-tuberkulożi ekwivalenti għal dawk rikonoxxuti abbażi tal-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 1 u 2 tal-Anness A.I tad-Direttiva 64/432/KEE, għall-finijiet tal-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni ta' animali ħajjin iċċertifikati skont il-mudell taċ-ċertifikat veterinarju BOV-X jew BOV-Y.

**▼ M8**

## PARTI 2

**Mudelli taċ-Ċertifikati Veterinarji***Mudelli:*

- “BOV-X”: Mudell ta' ċertifikat veterinarju għall-animali bovini domestiċi (inklużi l-ispeċi Bubalus u Bison u r-razez imħalltin tagħhom) maħsuba għat-trobbija u/jew għall-produzzjoni wara l-importazzjoni.
- “BOV-Y”: Mudell ta' ċertifikat veterinarju għall-animali bovini domestiċi (inklużi l-ispeċi Bubalus u Bison u r-razez imħalltin tagħhom) maħsuba għall-qtill immedjat wara l-importazzjoni.
- “BOV-X-TRANSIT-RU”: Mudell ta' ċertifikat veterinarju għall-animali bovini domestiċi (inklużi l-ispeċi Bubalus u Bison u r-razez imħalltin tagħhom) maħsuba għat-tranżitu mir-reġjun ta' Kaliningrad lejn reġjuni oħra tar-Russja minn got-territorju tal-Litwanja.

**▼ M8**

- “OVI-X”:  
Mudell ta' ċertifikat veterinarju għall-annimali ovini (*Ovis aries*) u annimali kaprini (*Capra hircus*) domestiċi maħsuba għat-trobbija u/jew għall-produzzjoni wara l-importazzjoni.
- “OVI-Y”:  
Mudell ta' ċertifikat veterinarju għall-annimali ovini (*Ovis aries*) u annimali kaprini (*Capra hircus*) domestiċi maħsuba għall-qtil immedjat wara l-importazzjoni.

**▼ M12**

- “POR-X”:  
Mudell ta' ċertifikat veterinarju għall-annimali porċini domestiċi (*Sus scrofa*) maħsuba għat-tgħammir u/jew għall-produzzjoni wara l-importazzjoni jew maħsuba għat-tranżitu mill-Unjoni minn pajjiż terz għall-ieħor.

**▼ M8**

- “POR-Y”:  
Mudell ta' ċertifikat veterinarju għall-annimali porċini domestiċi (*Sus scrofa*) maħsuba għall-qtil immedjat wara l-importazzjoni.
- “RUM”:  
Mudell ta' ċertifikat veterinarju għal annimali tal-ordni Artiodactyla (bl-eċċezzjoni ta' annimali bovini (inklużi l-ispeċi *Bubalus* u *Bison* u r-razez imħalltin tagħhom), *Ovis aries*, *Capra hircus*, *Suidae* u *Tayasuidae*), u tal-familji *Rhinocerotidae* u *Elephantidae*.
- “SUI”:  
Mudell ta' ċertifikat veterinarju għal *Suidae* mhux domestiċi, *Tayassuidae* u *Tapiridae*.
- “CAM”:  
Mudell ta' attestazzjoni speċifika għal annimali impurtati minn St Pierre u Miquelon bil-kundizzjonijiet stipulati fil-Parti 7 tal-Anness I.

*SG (Garanziji supplementari):*

- “A”:  
garanziji dwar testijiet għall-Bluetongue u l-marda Epiżootika emorraġika fuq annimali ċċertifikati skont il-mudell taċ-ċertifikati veterinarji BOV-X (il-punt II.2.8 B), OVI-X (il-punt II.2.6 D) u RUM (il-punt II.2.6)
- “B”:  
garanziji dwar testijiet għall-marda vesikulari tal-ħnieżer u l-marda klassika tal-ħnieżer fuq annimali ċċertifikati skoni il-mudell taċ-ċertifikati veterinarji POR-X (il-punt II.2.4 B) u SUI (il-punt II.2.4 B).
- “C”:  
garanziji rigward it-test tal-Bruċellożi fuq l-annimali ċċertifikati skont il-mudell taċ-ċertifikati veterinarji POR-X (il-punt II.2.4 C) u SUI (il-punt II.2.4 C).

**▼ M12**

- “D”:  
garanziji fir-rigward tat-test tal-istomatite vesikulari fuq annimali ċċertifikati skont il-mudell taċ-ċertifikat veterinarju POR-X (il-punt II.2.1 (b)).

## ▼ M22

## Mudell BOV-X

PAJJIŻ:

Ċertifikat veterinarju għall-UE

Parti I: Dettalji tal-kunsinna mibgħuta	I.1. Kunsinnatur Isem Indirizz Tel.		I.2. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat		I.2.a	
			I.3. Awtorità kompetenti ċentrali			
			I.4. Awtorità kompetenti lokali			
	I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi postali Tel.		I.6.			
	I.7. Pajjiż tal-oriġini	Kodiċi ISO	I.8. Reġjun tal-oriġini	Kodiċi	I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni	Kodiċi ISO
					I.10. Reġjun tad-destinazzjoni	Kodiċi
	I.11. Post tal-oriġini Isem Indirizz		Numru tal-approvazzjoni		I.12.	
	I.13. Post tat-tagħbija Indirizz		Numru tal-approvazzjoni		I.14. Data tat-tluq	
	I.15. Mezz ta' transport  Ajruplan <input type="checkbox"/> Vapur <input type="checkbox"/> Vagun tal-ferrovija <input type="checkbox"/> Vettura tat-triq <input type="checkbox"/> Oħrajn <input type="checkbox"/> Identifikazzjoni Referenzi dokumentarji		I.16. BIP tad-dħul fl-UE			
			I.17.			
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott				I.19. Kodiċi tal-prodott (kodiċi HS): <b>01.02</b>		
I.21.				I.20. Kwantità		
I.23. Numru tas-Siġill/tal-Kontejner				I.22. Għadd ta' imballaġġi		
I.25. Prodotti ċċertifikati għal:  Tgħammir <input type="checkbox"/> Tismin <input type="checkbox"/>				I.24.		
I.26.		I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE <input type="checkbox"/>				
I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti						
Speċi (isem xjentifiku)	Razza	Sistema tal-identifikazzjoni	Numru tal-identifikazzjoni	Età	Sess	

## ▼ M22

## PAJJIŻ

## Mudell BOV-X

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
<b>II.1. Attestazzjoni tas-Saħħa Pubblika</b>		
Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmit, b'dan niċċertifika, li l-annimali deskritti f'dan iċ-ċertifikat:		
II.1.1.	ġejjin minn aġzendi li kienu ħielsa minn kull projbizzjoni uffiċjali minħabba raġunijiet ta' saħħa, għal dawn l-aħħar 42 jum fil-każ tal-bruċellożi, għal dawn l-aħħar 30 jum fil-każ tal-antraċe u għal dawn l-aħħar sitt xhur fil-każ tar-rabja, u, ma ġewx f'kuntatt ma' annimali minn aġzendi li ma kinux jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet;	
II.1.2.	ma rċevewx: — xi sustanzi stilbeni jew tirostatiċi, — xi sustanzi estroġeniċi, androġeniċi, ġestageniċi jew $\beta$ -agonisti għal skopijiet li mhumiex trattamenti terapewtiċi jew zootekniki (kif definiti fid-Direttiva 96/22/KE);	
II.1.3.	fejn jikkonċerna l-enċefalopatija bovina sponġiformi (BSE):	
(1) (2) jew	[(a) l-annimali huma identifikati b'sistema ta' identifikazzjoni permanenti li tippermetti li jiġu ttraċċati lura sal-omm u l-merħla tal-orġini, u mhumiex annimali bovini esposti kif deskritt fil-punt (4)(b)(iv) tal-Parti I tal-Kapitolu C tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 999/2001; (b) jekk kien hemm każijiet indiġeni ta' BSE fil-pajjiż ikkonċernat, l-annimali twieldu wara d-data meta ġiet infurzata effettivament il-projbizzjoni fuq it-tmiġħ ta' ruminanti b'laħam u għadam imfarrak u gambali (greaves) derivati minn ruminanti jew wara d-data tat-twelid tal-aħħar każ indiġeni ta' BSE jekk twieldu wara d-data tal-projbizzjoni fuq l-għalf.]	
(1) (3) jew	[(a) l-annimali huma identifikati b'sistema ta' identifikazzjoni permanenti li tippermetti li jiġu ttraċċati lura sal-omm u l-merħla tal-orġini, u mhumiex annimali bovini esposti kif deskritt fil-punt (4)(b)(iv) tal-Parti II tal-Kapitolu C tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 999/2001; (b) l-annimali twieldu wara d-data meta ġiet infurzata effettivament il-projbizzjoni fuq it-tmiġħ ta' ruminanti b'laħam u għadam imfarrak u gambali (greaves) derivati minn ruminanti jew wara d-data tat-twelid tal-aħħar każ indiġeni ta' BSE jekk twieldu wara d-data tal-projbizzjoni fuq l-għalf.]	
(1) (4) jew	[(a) l-annimali huma identifikati b'sistema ta' identifikazzjoni permanenti li tippermetti li jiġu ttraċċati lura sal-omm u l-merħla tal-orġini, u mhumiex annimali bovini esposti kif deskritt fil-punt (4)(b)(iv) tal-Parti II tal-Kapitolu C tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 999/2001; (b) l-annimali twieldu mill-anqas sentejn wara d-data meta ġiet infurzata effettivament il-projbizzjoni fuq it-tmiġħ ta' ruminanti b'laħam u għadam imfarrak u gambali (greaves) derivati minn ruminanti jew wara d-data tat-twelid tal-aħħar każ indiġeni ta' BSE jekk twieldu wara d-data tal-projbizzjoni fuq l-għalf.]	
<b>II.2. Attestazzjoni tas-Saħħa tal-Annimali:</b>		
Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmit, b'dan niċċertifika, li l-annimali deskritti hawn fuq jissodisfaw ir-reqwiziti li ġejjin:		
II.2.1.	ġejjin mit-territorju bil-kodiċi: ..... (5) li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat:	
(1) jew	[(a) ilu ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer għal 24 xahar]	
(1) jew	[(a) ilu meqjus ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer sa minn ..... (jj/xx/ssss), mingħajr ma kellu każijiet/tifqigħat wara dik id-data, u ġie awtorizzat jesporta dawn l-annimali permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) ----/----, ta' ..... (jj/xx/ssss)] (b) ilu ħieles għal 12-il xahar mir-rinderpest, mid-deni Rift valley, il-plewropnewmonja tal-bovini li tittieħed, mill-marda tal-infafet fil-ġilda u l-marda epiżotika emorraġika, u għal 6 xhur mill-istomatite vexsikulari, (c) fejn matul l-aħħar 12-il xahar, ma sar l-ebda tilqim kontra dan il-mard imsemmi fil-punti (a) u (b) u l-importazzjonijiet ta' bhejjem domestiċi bid-difer mifrud mlaqqma kontra dan il-mard mhumiex permissi;	
(1) jew	[(d) ilu ħieles mill-bluetongue għal 24 xahar;]	

Parti II: Ċertifikazzjoni

## ▼ M22

## PAJJIŻ

## Mudell BOV-X

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
(1) (8) jew	[(d) ilu ħieles mill-bluetongue għal 24 xahar, u l-annimali rreaġixxew negattivament għal test seroloġiku għad-detezzjoni ta' antikorpi għall-bluetongue u għall-marda epiżotika emorraġika, liema test sar f'żewġ okkażjonijiet fuq kampjuni tad-demem meħuda fil-bidu tal-perjodu ta' iżolament/kwarantina u mill-inqas 28 jum wara, fi ..... (jj/xx/ssss) u fi ..... (jj/xx/ssss), fejn t-tieni kampjun għandu jkun ittiegħed fil-perjodu ta' għaxart ijiem qabel l-esportazzjoni;]	
(1) jew	[(d) ma ilux ħieles mill-bluetongue għal 24 xahar, u l-annimali tlaqqmu b'vaċċin inattiv, mill-inqas 60 jum qabel id-data tad-dispaċċ lejn l-Unjoni, kontra s-serotip/i tal-bluetongue kollha ... (daħħal is-serotip/i) li huma dawk preżenti fil-popolazzjoni tas-sors kif muri permezz ta' program ta' sorveljanza (12) f'żona b'raġġ ta' 150 km madwar l-ażjenda/i tal-orijini deskritt(i) fil-kaxxa ta' referenza I.11., u l-annimali għadhom fil-perjodu ta' immunità garantita fl-ispeċifikazzjonijiet tal-vaċċin;]	
II.2.2.	baqqgħu fit-territorju deskritt fil-punt II.2.1 minn twelidhom, jew tal-inqas għal dawn l-aħħar sitt xhur qabel ma ntbagħtu lejn l-Unjoni u bla ma ġew f'kuntatt, f'dawn l-aħħar 30 jum, ma' annimali bid-difer mifruq impurtati;	
II.2.3.	baqqgħu minn twelidhom, jew tal-inqas għall-40 jum qabel ma ntbagħtu fl-ażjenda(i) tal-orijini deskritt(i) fil-kaxxa ta' referenza I.11: (a) f'żona b'raġġ ta' 150 km jew madwarha, ma kien hemm l-ebda każ/tifqigħa tal-marda epiżotika emorraġika matul is-60 jum ta' qabel, (b) f'żona b'raġġ ta' 10 km, jew madwarha, ma kien hemm l-ebda każ/tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, tar-rinderpest, tad-deni Rift Valley, tal-bluetongue, tal-pleuropulmonite bovina li tittiegħed, tal-marda tal-inafet fil-ġilda u, tal-istomatite vaxxulari matul l-40 jum ta' qabel;	
II.2.4.	mhumie x annimali li se jinqatlu skont programm nazzjonali għall-eradikazzjoni ta' mard, u lanqas ma tlaqqmu kontra l-mard imsemmi fil-punt II.2.1.(a) u (b);	
II.2.5.	ġejjin minn merħliet li mhumie x ristretti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali li għandha x'taqsam mal-eradikazzjoni tat-tuberkolożi, il-bruċellożi u l-lewkożi enzootika bovina;	
II.2.6.	ġejjin minn merħliet rikonoxxuti bħala uffiċjalment ħielsa mit-tuberkolożi (6) (6b);	
u (1) (7) jew	[ġejjin minn reġjun li huwa magħruf bħala uffiċjalment ħieles mit-tuberkulożi (6);]	
(1) jew	[ġew soġġetti għal test intradermali tat-tuberkulina (8) li sar b'riżultati negattivi fl-aħħar 30 jum qabel ma ntbagħtu lejn l-Unjoni;]	
(1) jew	[għandhom inqas minn sitt ġimgħat;]	
II.2.7.	ma ġewx imlaqqma kontra l-bruċellożi u ġejjin minn merħliet rikonoxxuti bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċellożi (6);	
u (1) (7) jew	[ġejjin minn reġjun li huwa rikonoxxut bħala uffiċjalment ħieles mill-bruċellożi (6);]	
(1) jew	[ġew soġġetti għal tal-inqas test wiegħed għall-bruċellożi bovina (8) li sar fuq kampjuni li ttiegħdu fl-aħħar 30 jum qabel ma ntbagħtu lejn l-Unjoni;]	
(1) jew	[għandhom inqas minn 12-il xahar;]	
(1) jew	[huma annimali maskili kkastrati ta' kwalunkwe età;]	
(1) jew [II.2.8.	ġejjin minn merħliet inklużi f'sistema uffiċjali għall-kontroll tal-lewkożi enzootika bovina, u li fihom ma kien hemm l-ebda evidenza klinika jew b'riżultat ta' test tal-laboratorju ta' din il-marda matul is-sentejn li għaddeu;]	
(1) jew [II.2.8.	ġejjin minn merħliet rikonoxxuti bħala uffiċjalment ħielsa mil-lewkożi enzootika bovina (6) (6a);]	
u (1) (7) jew	[ġejjin minn reġjun li huwa rikonoxxut bħala uffiċjalment ħieles mil-lewkożi enzootika bovina (6);]	
(1) jew	[ġew soġġetti għal test individwali għall-lewkożi enzootika bovina (8) li sar b'riżultat negattiv fuq kampjuni li ttiegħdu fl-aħħar 30 jum qabel ma ntbagħtu lejn l-Unjoni;]	
(1) jew	[għandhom inqas minn 12-il xahar;]	
II.2.9.	Dawn huma/kienu (1) mibgħuta mill-ażjenda(i) tagħhom tal-orijini, mingħajr ma għaddeu minn ebda suq;	

▼ **M22****PAJJIŻ****Mudell BOV-X**

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
(1) jew	[direttament lejn l-Unjoni.]	
(1) jew	[lejn iċ-ċentru ta' raggruppament awtorizzat uffiċjalment deskritt fil-kaxxa ta' referenza I.13 li jinsab fit-territorju deskritt fil-punt II.2.1.]	
	u, sakemm intbagħtu lejn l-Unjoni:	
(a)	ma ġewx f'kuntatt ma' annimali oħra bid-difer mifruq li mhumieq konformi mar-rekwiżiti tas-saħħa kif deskritt f'dan iċ-ċertifikat,	
(b)	ma kienu fl-ebda post fejn fih, jew madwaru, f'raġġ ta' 10 km, matul it-30 jum ta' qabel, kien hemm każ/tifqigħa ta' kwalunkwe marda msemija fil-punt II.2.1.;	
II.2.10.	kwalunkwe vettura tat-trasport jew kontejner li tgħabbew fiha, tnaddfu u ġew iddiżinfettati qabel it-tagħbija b'diżinfettant awtorizzat uffiċjalment;	
II.2.11.	ġew eżaminati minn veterinarju uffiċjali fi żmien 24 siegħa mit-tagħbija u ma wrew l-ebda sinjal kliniku ta' mard;	
II.2.12.	tgħabbew għad-dispaċċ lejn l-Unjoni fil-..... (jj/xx/ssss) (10) fil-mezzi tat-trasport, deskritti fil-kaxxa ta' referenza I.15 aktar 'il fuq, li tnaddfu u kienu diżinfettati qabel it-tagħbija b'diżinfettant awtorizzat uffiċjalment u li huma mibnija b'tali mod li l-feċi, l-urina, l-imfierex jew l-għalf ma jistgħux inixxu jew jaqgħu barra mill-vettura jew mill-kontejner waqt it-trasport.	
<b>II.3. Attestazzjoni tat-trasport tal-annimali</b>		
Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmit, b'dan niċċertifika, li l-annimali deskritti aktar 'il fuq ġew ittrattati qabel u waqt it-tagħbija skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, b'mod partikolari fejn jikkonċerna l-ilma u l-għalf, u huma f'kundizzjoni tajba għat-trasport maħsub.		
(1) (11) <b>II.4. Rekwiżiti Speċifiċi</b>		
II.4.1.	Skont informazzjoni uffiċjali, ma ġiet irreġistrata l-ebda evidenza klinika jew patoloġika tar-rinotrakeite bovina infettiva (IBR) fl-ażjenda tal-oriġini msemija fil-kaxxa ta' referenza I.11, għall-aħħar 12-il xahar;	
II.4.2.	L-annimali msemija fil-kaxxa ta' referenza I.28:	
(a)	kienu iżolati fl-akkomodazzjoni approvata mill-awtorità kompetenti għall-aħħar 30 jum immedjatament qabel ma ntbagħtu għall-esportazzjoni,	
(b)	kienu soġġetti għal test seroloġiku għall-IBR fuq sera li ttieħdu mill-inqas 21 jum wara li ġew iżolati, b'riżultati negattivi, u l-annimali kollha fl-iżolament ukoll irriżultaw negattivi għal dan it-test	
(c)	ma tlaqqmux kontra l-IBR.]	
<b>Noti</b>		
Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għal annimali bovini ħajjin (inkluż l-ispeċi Bubalus u Bison u r-razez imħalltin tagħhom) maħsuba għat-trasport u/jew għall-produzzjoni.		
Wara l-importazzjoni l-annimali għandhom jittieħdu mingħajr dewmien lejn l-ażjenda tad-destinazzjoni fejn għandhom jibqgħu għal perjodu minimu ta' 30 jum qabel qaqliq ieħor barra mill-ażjenda, flieq f'każ li jintbagħtu lejn biċċerija.		
<b>Parti I:</b>		
— Kaxxa ta' referenza I.8:	Ipprovi l-kodiċi tat-territorju kif jidher fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010.	
— Kaxxa ta' referenza I.13:	Iċ-ċentru ta' raggruppament, jekk ikun hemm, għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tiegħu, kif stabbilit fil-Parti 5 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010.	
— Kaxxa ta' referenza I.15.:	Għandu jingħata in-numru tar-reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejner u trakkijiet), in-numru tat-tifjira (ajruplan) jew l-isem (tal-vapur). Fil-każ ta' ħatt u tagħbija mill-ġdid, il-kunsinnatur għandu jinforma lill-BIP bid-dħul fl-Unjoni.	

## ▼ M22

## PAJJIŻ

## Mudell BOV-X

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
—	Kaxxa ta' referenza I.23.:	Fil-każ ta' kontejners jew kaxxi, għandu jiġi inkluż in-numru tal-kontejner u n-numru tas-siġill (fejn applikabbli).
—	Kaxxa ta' referenza I.28.:	<p>Is-sistema ta' identifikazzjoni: L-annimali għandu jkollhom:</p> <p>Numru individwali li jippermetti t-traċċar tal-ażjenda tal-oriġini tagħhom. Speċifika s-sistema tal-identifikazzjoni (bħalma huma lametta, tatwaġġi, marka, ċippa, transponder).</p> <p>Lametta mal-widnejn li tinkludi l-kodiċi ISO tal-pajjiż esportatur. In-numru individwali jrid jippermetti li jiġi traċċat il-post tal-oriġini tagħhom.</p> <p>Speċijiet: Agħżel minn fost "Bos", "Bison" u "Bubalus" skont il-każ.</p> <p>Età: Data tat-twelid (jj/xx/ssss).</p> <p>Sess: (M = maskil, F = femminili, C = imsewwi)</p> <p>Razza: agħżel razza pura, razza mħallta.</p>
<b>Parti II:</b>		
<sup>(1)</sup> Żomm kif xieraq.		
<sup>(2)</sup> Jekk l-annimali twieldu u trabbew kontinwament f'pajjiż jew f'reġjun ikkategorizzat biss skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 bħala pajjiż jew reġjun li għandu riskju negliġibbli ta' BSE u li huwa elenkat b'dan il-mod fid-Deċiżjoni 2007/453/KE.		
<sup>(3)</sup> Jekk il-pajjiż jew ir-reġjun tal-oriġini jkun ikkategorizzat biss skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 bħala pajjiż jew reġjun li għandu riskju kkontrollat ta' BSE u li huwa elenkat b'dan il-mod fid-Deċiżjoni 2007/453/KE.		
<sup>(4)</sup> Jekk il-pajjiż jew ir-reġjun tal-oriġini ma jkunx ikkategorizzat skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 biss jew ġie kkatégorizzat bħala pajjiż jew reġjun li għandu riskju mhux determinat ta' BSE u li huwa elenkat b'dan il-mod fid-Deċiżjoni 2007/453/KE.		
<sup>(5)</sup> Il-kodiċi tat-territorju kif jidher fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010.		
<sup>(6)</sup> Reġjuni u merħliet li huma uffiċjalment ħielsa mit-tuberkulożi/mill-bruċellożi kif stabbilit fl-Anness A tad-Direttiva 64/432/KEE; u reġjuni u merħliet ħielsa mil-lewkożi enzootika bovina kif stabbilit fil-Kapitolu I tal-Anness D tad-Direttiva 64/432/KEE.		
<sup>(6a)</sup> Għall-merħliet uffiċjalment ħielsa mil-lewkożi enzootika bovina biss rikonoxxuti bħala ekwivalenti għar-reqwiziti kif stabbilit fil-Kapitolu I tal-Anness D tad-Direttiva 64/432/KEE għall-iskop tal-esportazzjonijiet lejn l-UE ta' annimali ħajjin skont iċ-ċertifikat mudell BOV-X mit-territorju li, fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010, jidher bl-entrata "IVb" fir-rigward tal-lewkożi enzootika bovina.		
<sup>(6b)</sup> Għal territorju li għandu l-entrata "XII" fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 biss li jindika li merħliet bovina ddikjarati uffiċjalment ħielsa mit-tuberkulożi huma rikonoxxuti abbażi ta' kundizzjonijiet ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 tal-Anness A.I tad-Direttiva 64/432/KEE għal finijiet ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni ta' annimali ħajjin iċċertifikati skont il-mudell taċ-ċertifikat veterinarju BOV-X.		
<sup>(7)</sup> Għal territorju li, fil-kolonna 6 tat-Taqsima 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010, jidher biss bl-entrata "II", fir-rigward tat-tuberkulożi, "III", fir-rigward tal-bruċellożi, u/jew "IVa" fir-rigward tal-lewkożi enzootika bovina.		
<sup>(8)</sup> It-testijiet li saru skont il-protokoll li, għall-mard ikkonċernat, huma deskritti fil-Parti 6 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010.		
<sup>(9)</sup> Garanziji supplimentari li għandhom jiġu ppreżentati meta meħtieġ fil-kolonna 5 'SG' tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010, bl-entrata "A".		
Testijiet għall-bluetongue u għall-marda epiżotika emorraġika skont il-Parti 6 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010.		
<sup>(10)</sup> Data tat-tagħbija. Ma għandhomx ikunu permessi l-importazzjonijiet ta' dawn l-annimali meta l-annimali jkunu tgħabbew jew qabel id-data tal-awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni tal-pajjiż terz, it-territorju msemmi fil-Kaxxi I.7 u I.8 jew parti minnu, jew matul perjodu fejn ġew adottati miżuri restrittivi mill-Unjoni kontra l-importazzjonijiet ta' dawn l-annimali minn dan il-pajjiż terz, it-territorju jew parti minnu.		
<sup>(11)</sup> Meta meħtieġ mill-Istat Membru tal-UE tad-destinazzjoni jew mill-livvizzera, skont id-Deċiżjoni 2004/558/KE u skont il-Ftehim bejn il-Komunità u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agricoli (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132).		
<sup>(12)</sup> Programm ta' sorveljanza kif stipulat fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1266/2007 (ĠU L 283, 27.10.2007, p. 37.)		

▼ M22

## PAJJIŻ

## Mudell BOV-X

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.						
<p>Veterinarju uffiċjali</p> <table><tr><td data-bbox="295 439 774 465">Isem (f'ittri kbar):</td><td data-bbox="783 439 1334 465">Kwalifika u titolu:</td></tr><tr><td data-bbox="295 477 774 504">Data:</td><td data-bbox="783 477 1334 504">Firma:</td></tr><tr><td data-bbox="295 515 774 542">Timbru:</td><td></td></tr></table>			Isem (f'ittri kbar):	Kwalifika u titolu:	Data:	Firma:	Timbru:	
Isem (f'ittri kbar):	Kwalifika u titolu:							
Data:	Firma:							
Timbru:								



## ▼ M22

## Mudell BOV-Y

PAJJIŻ:

Ċertifikat veterinarju għall-UE

Parti I: Dettalji tal-kunsinna mibgħuta	I.1. Kunsinnatur Isem Indirizz Tel.		I.2. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat		I.2.a			
			I.3. Awtorità kompetenti ċentrali					
			I.4. Awtorità kompetenti lokali					
	I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi postali Tel.		I.6.					
	I.7. Pajjiż tal-oriġini	Kodiċi ISO	I.8. Reġjun tal-oriġini	Kodiċi	I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.10. Reġjun tad-destinazzjoni	Kodiċi
	I.11. Post tal-oriġini Isem Indirizz		Numru tal-approvazzjoni		I.12.			
	I.13. Post tat-tagħbija Indirizz		Numru tal-approvazzjoni		I.14. Data tat-tluq			
	I.15. Mezz ta' transport  Ajruplan <input type="checkbox"/> Vapur <input type="checkbox"/> Vagun tal-ferrovija <input type="checkbox"/> Vettura tat-triq <input type="checkbox"/> Oħrajn <input type="checkbox"/> Identifikazzjoni Referenzi dokumentarji		I.16. BIP tad-dħul fl-UE		I.17.			
	I.18. Deskrizzjoni tal-prodott				I.19. Kodiċi tal-prodott (kodiċi HS): <b>01.02</b>			
					I.20. Kwantità			
I.21.				I.22. Għadd ta' imballaġġi				
I.23. Numru tas-Siġill/tal-Kontejner				I.24.				
I.25. Prodotti ċċertifikati għal:  Qatta <input type="checkbox"/>								
I.26.			I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE <input type="checkbox"/>					
I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti								
Speċi (isem xjentifiku)		Razza	Sistema ta' identifikazzjoni	Numru tal-identifikazzjoni	Età	Sess		

## ▼ M22

## PAJJIŻ

## Mudell BOV-Y

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
<b>II.1. Attestazzjoni tas-Saħħa Pubblika</b>		
Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmit, b'dan niċċertifika, li l-annimali deskritti f'dan iċ-ċertifikat:		
II.1.1.	ġejjin minn azjendi li kienu ħielsa minn kwalunkwe projbizzjoni uffiċjali minħabba raġunijiet ta' saħħa, għall-aħħar 42 jum fil-każ tal-bruċellożi, għall-aħħar 30 jum fil-każ tal-antraċe u għall-aħħar sitt xhur fil-każ tar-rabja, u, ma ġewx f'kontatt ma' annimali minn irziezet li ma kinux jissodisfaw dawn il-kondizzjonijiet;	
II.1.2.	ma rċevewx: — xi sustanzi stilbeni jew tirostatiċi, — sustanzi oestrogeniċi, androġeniċi, ġestaġeniċi jew $\beta$ -agonisti għal skopijiet li mhumiex trattamenti terapewtiċi jew zootejniċi (kif iddefiniti fid-Direttiva 96/22/KE);	
II.1.3.	fejn jikkonċerna l-enċefalopatija bovina sponġiformi (BSE):	
(1) (2) jew	[(a) l-annimali huma identifikati b'sistema ta' identifikazzjoni permanenti li tippermetti li jiġu ntraċċati lura għall-omm u l-merħla tal-orijini, u mhumiex annimali bovini esposti kif deskritt fil-punt (4)(b)(iv) tal-Parti I tal-Kapitolu C, tar-Regolament (KE) Nru 999/2001; (b) jekk kien hemm każijiet indijeni ta' BSE fil-pajjiż ikkonċernat, l-annimali twieldu wara d-data minn meta l-projbizzjoni fuq it-tmiġħ ta' ruminanti b'laħam u għadam imfarrak u gambali (greaves) derivati minn ruminanti bdiet tiġi infurzata effettivament jew wara d-data tat-twelid tal-aħħar każ indijenu ta' BSE jekk twieldu wara d-data tal-projbizzjoni fuq l-għalf.]	
(1) (3) jew	[(a) l-annimali huma identifikati b'sistema ta' identifikazzjoni permanenti li tippermetti li jiġu ntraċċati lura għall-omm u l-merħla tal-orijini, u mhumiex annimali bovini esposti kif deskritt fil-punt (4)(b)(iv) tal-Parti I tal-Kapitolu C, tar-Regolament (KE) Nru 999/2001; (b) l-annimali twieldu wara d-data minn meta l-projbizzjoni fuq it-tmiġħ ta' ruminanti b'laħam u għadam imfarrak u gambali derivati minn ruminanti bdiet tiġi infurzata effettivament jew wara d-data tat-twelid tal-aħħar każ indijenu ta' BSE jekk twieldu wara d-data tal-projbizzjoni fuq l-għalf.]	
(1) (4) jew	[(a) l-annimali huma identifikati b'sistema ta' identifikazzjoni permanenti li tippermetti li jiġu ttraċċati lura sal-omm u l-merħla tal-orijini, u mhumiex annimali bovini esposti kif deskritt fil-punt (4)(b)(iv) tal-Parti II tal-Kapitolu C tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 999/2001; (b) l-annimali twieldu mill-inqas sentejn wara d-data minn meta l-projbizzjoni fuq it-tmiġħ ta' ruminanti b'laħam u għadam imfarrak u gambal ġej minn ruminanti bdiet tiġi infurzata effettivament jew wara d-data tat-twelid tal-aħħar każ indijenu ta' BSE jekk twieldu wara d-data tal-projbizzjoni fuq l-għalf.]	
<b>II.2. Ċertifikazzjoni tas-Saħħa tal-Annimali</b>		
Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmit, b'dan niċċertifika, li l-annimali deskritti hawn fuq jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:		
II.2.1.	ġejjin mit-territorju bil-kodiċi: ..... (5) li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat:	
(1) jew	[(a) ilu ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer għal 24 xahar]	
(1) jew	[(a) ilu meqjus ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer sa minn ..... (jj/xx/ssss), mingħajr ma kellu każijiet/tifqigħat wara dik id-data, u ġie awtorizzat jesporta dawn l-annimali permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) ----/----, ta' ..... (jj/xx/ssss)]	
	(b) ilu ħieles għal 12-il xahar mir-rinderpest, mid-deni Rift valley, il-plewropnewmonja tal-bovini li tittieħed, mill-marda tal-infafet fil-ġilda u l-marda epiżotika emorraġika, u għal 6 xhur mill-istomatite vexxikulari,	
	(c) fejn matul l-aħħar 12-il xahar, ma sar l-ebda tilqim kontra dan il-mard imsemmi fil-punti (a) u (b) u l-importazzjonijiet ta' bhejjem domestiċi bid-difer mifrud mlaqqma kontra dan il-mard mhumiex permissi;	
(1) jew	[(d) ilu ħieles mill-bluetongue għal 24 xahar;]	

Parti II: Ċertifikazzjoni

## ▼ M22

## PAJJIŻ

## Mudell BOV-Y

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
(1) jew	[(d) ma ilux fieles mill-bluetongue għal 24 xahar, u l-annimali tlaqqmu b'vaċċin inattivat, mill-inqas 60 jum qabel id-data tad-dispaċċ lejn l-Unjoni, kontra s-serotip/i tal-bluetongue kollha ... (daħħal is-serotip/i) li huma dawk preżenti fil-popolazzjoni tas-sors kif muri permezz ta' programm ta' sorveljanza (6) f'żona b'raġġ ta' 150 km madwar l-ażjenda/i tal-orġini deskritt(i) fil-kaxxa ta' referenza I.11., u l-annimali għadhom fil-perjodu ta' immunità garantita fl-ispeċifikazzjonijiet tal-vaċċin;]	
II.2.2.	dawn baqgħu fit-territorju deskritt fil-punt II.2.1 minn twelidhom, jew għal mill-inqas dawn l-aħħar tliet xhur qabel ma ntbagħtu lejn l-Unjoni u bla ma ġewx f'kuntatt, ma' annimali bid-difer mifruq impurtati fl-aħħar 30 jum;	
II.2.3.	baqgħu minn twelidhom jew mill-inqas għal 40 jum qabel ma ntbagħtu, fl-ażjenda/i deskritta(i) fil-kaxxa ta' referenza I.11:	
(a)	fejn fih/om u madwaru/hom, f'żona b'raġġ ta' 150 km, ma kien hemm l-ebda każ/tifqigħa tal-marda epiżotika emorraġika matul is-60 jum ta' qabel, u	
(b)	f'żona b'raġġ ta' 10 km, jew madwarha, ma kien hemm l-ebda każ/tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, tar-rinderpest, tad-deni Rift Valley, tal-bluetongue, tal-plewropulmonite bovina li tittieħed, tal-marda tal-inafet fil-ġilda u, tal-istomatite vaxxikulari matul l-40 jum ta' qabel;	
II.2.4.	mhumie x annimali li se jinqatlu skont programm nazzjonali għall-eradikazzjoni ta' mard, u lanqas ma tlaqqmu kontra l-mard imsemmi fil-punt II.2.1.(a) u (b);	
II.2.5.	għejjin minn merħliet:	
(a)	inklużi f'sistema uffiċjali għall-kontroll tal-lewkożi enzootika bovina, u	
(b)	li mhumie x ristretti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali fejn għandha x'taqsam l-eradikazzjoni tat-tuberkulożi u tal-bruċellożi, u	
(c)	li huma magħrufa bħala uffiċjalment ħielsa mit-tuberkulożi; (6) (6a)	
II.2.6.	ma tlaqqmux kontra l-bruċellożi u:	
(1) jew	[għejjin minn merħliet li huma magħrufa uffiċjalment bħala ħielsa mill-bruċellożi;] (6)	
(1) jew	[huma annimali maskili kkastrati ta' kwalunkwe età;]	
II.2.7.	huma mmarkati individwalment fuq mill-inqas żewġ postijiet fuq il-warrani tagħhom biex juru li dawn huma esklussivament maħsuba għall-qtil immedjat; (7)	
II.2.8.	huma/kienu (1) mibgħuta mill-ażjenda(i) tagħhom tal-orġini, mingħajr ma għaddew minn ebda suq:	
(1) jew	[direttament lejn l-Unjoni.]	
(1) jew	[lejn iċ-ċentru ta' raggruppament awtorizzat uffiċjalment deskritt fil-kaxxa ta' referenza I.13 li jinsab fit-territorju deskritt fil-punt II.2.1]	
	u, sakemm intbagħtu lejn l-Unjoni:	
(a)	ma ġewx f'kuntatt ma' annimali oħra bid-difer mifruq li mhumie x konformi mal-istess rekwiżiti tas-saħħa kif deskritti f'dan iċ-ċertifikat, u	
(b)	ma kienu fl-ebda post fejn fih, jew madwaru f'raġġ ta' 10 km, matul it-30 jum ta' qabel, kien hemm każ/tifqigħa ta' xi marda msemmija fil-punt II.2.1.;	
II.2.9.	kull vettura tat-trasport jew kontejner li tgħabbew fiha, tnaddfu u ġew iddiżinfettati qabel it-tagħbija b'diżinfettant awtorizzat uffiċjalment;	
II.2.10.	għew eżaminati minn veterinarju uffiċjali fi żmien 24 siegħa mit-tagħbija u ma wrew l-ebda sinjal kliniku ta' mard;	
II.2.11.	tgħabbew għad-dispaċċ lejn l-Unjoni fil-..... (jj/xx/ssss) (8) fil-mezzi tat-trasport deskritti fil-kaxxa ta' referenza I.15 aktar 'il fuq, li tnaddfu u kienu idzinfettati qabel it-tagħbija b'diżinfettant awtorizzat uffiċjalment u li huma mibnija b'tali mod li l-feċi, l-urina, l-imfierex jew l-għalf ma jkunux jistgħu jnixxu jew jaqgħu barra mill-vettura jew mill-kontejner waqt it-trasport.	

## ▼ M22

## PAJJIŻ

## Mudell BOV-Y

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
<p><b>II.3. Attestazzjoni tat-trasport tal-annimali</b></p> <p>Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmit, b'dan niċċertifika, li l-annimali deskritti aktar 'il fuq ġew ittrattati qabel u waqt it-tagħbija skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, b'mod partikolari fejn jikkonċerna l-ilma u l-għalf, u huma f'kundizzjoni tajba għat-trasport maħsub.</p> <p><b>Noti</b></p> <p>Dan iċ-ċertifikat maħsub għal annimali bovini ħajjin (inkluż l-ispeċi Bubalus u Bison u r-razez imħalltin tagħhom) maħsuba għal qtil immedjat</p> <p>Wara l-importazzjoni, l-annimali għandhom jittieġdu mingħajr dewmien lejn il-biċċerija tad-destinazzjoni biex hemmhekk jinqatlu fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol.</p> <p><b>Parti I:</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Kaxxa ta' referenza I.8: Ipprovdni l-kodiċi tat-territorju kif jidher fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010.</li> <li>— Kaxxa ta' referenza I.13: Iċ-ċentru ta' raggruppament, jekk ikun hemm, għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tiegħu, kif stabbilit fil-Parti 5 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010.</li> <li>— Kaxxa ta' referenza I.15: Għandu jingħata n-numru tar-reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejner u trakkijiet), in-numru tat-titjira (ajruplan) jew l-isem (tal-vapur). Fil-każ ta' ħatt u tagħbija mill-ġdid, il-kunsinnatur għandu jinforma lill-BIP bid-dħul fl-Unjoni.</li> <li>— Kaxxa ta' referenza I.23: Fil-każ ta' kontejners jew kaxex, għandu jiġi inkluż in-numru tal-kontejner u n-numru tas-siġill (fejn applikabbli).</li> <li>— Kaxxa ta' referenza I.28: Is-sistema ta' identifikazzjoni: l-annimali għandu jkollhom: <ul style="list-style-type: none"> <li>Numru individwali li jippermetti t-traċċar tal-ażjenda tal-oriġini tagħhom. Speċifika s-sistema tal-identifikazzjoni (bħalma huma lametta, tatwaġġi, marka, ċippa, transponder).</li> <li>Lametta mal-widnejn li tinkludi l-kodiċi ISO tal-pajjiż esportatur. In-numru individwali jrid jippermetti li jiġi traċċat il-post tal-oriġini tagħhom.</li> <li>Speċijiet: Agħżel minn fost "Bos", "Bison" u "Bubalus" skont il-każ.</li> <li>Età: Data tat-twelid (jj/xx/ssss).</li> <li>Sess: (M = maskil, F = femminili, C = imsewwi)</li> </ul> </li> </ul> <p><b>Parti II:</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li><sup>(1)</sup> Żomm kif xieraq.</li> <li><sup>(2)</sup> Jekk l-annimali twieldu u trabbew kontinwament f'pajjiż jew f'reġjun ikkategorizzat biss skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 bħala pajjiż jew reġjun li għandu riskju negliġibbli ta' BSE u li huwa elenkat b'dan il-mod fid-Deċiżjoni 2007/453/KE.</li> <li><sup>(3)</sup> Jekk il-pajjiż jew ir-reġjun tal-oriġini jkun ikkategorizzat biss skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 bħala pajjiż jew reġjun li għandu riskju kkontrollat ta' BSE u li huwa elenkat b'dan il-mod fid-Deċiżjoni 2007/453/KE.</li> <li><sup>(4)</sup> Biss jekk il-pajjiż jew ir-reġjun tal-oriġini ma jkunx ikkategorizzat skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jew ġie kkatégorizzat bħala pajjiż jew reġjun li għandu riskju mhux determinat ta' BSE u li huwa elenkat b'dan il-mod fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE.</li> <li><sup>(5)</sup> Il-kodiċi tat-territorju kif jidher fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010.</li> <li><sup>(6)</sup> Reġjuni u merfliet li huma uffiċjalment ħielsa mit-tuberkulożi/mill-bruċellożi kif stabbilit fl-Anness A tad-Direttiva 64/432/KEE.</li> <li><sup>(6a)</sup> Biss għal territorju li jkollu l-entrata "XII" fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 li jindika li jiġu ddikjarati uffiċjalment ħielsa mit-tuberkulożi tal-merfliet bovini huma rikonoxxuti abbażi ta' kundizzjonijiet ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 tal-Anness A.I tad-Direttiva 64/432/KEE għal finijiet ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni ta' annimali ħajjin iċċertifikati skont il-mudell taċ-ċertifikat veterinarju BOV-Y.</li> <li><sup>(7)</sup> Din il-marka għandu jkollha l-forma ta' "L" bi 13 cm fuq in-naħa tax-xellug u 7 cm fuq in-naħa t'isfel b'1 cm ta' f'ixuna fiż-żewġ linji. Din għandha tkun applikata bl-użu tat-teknika magħrufa bħala 'freeze-branding'.</li> <li><sup>(8)</sup> Data tat-tagħbija. L-importazzjonijiet ta' dawn l-annimali ma għandhomx jiġu permessi meta l-annimali jkunu tgħabbew jew qabel id-data tal-awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni tal-pajjiż terz, it-territorju msemmi fil-Kaxxi I.7 u I.8 jew parti minnu, jew matul perjodu fejn ġew adottati miżuri restrittivi mill-Unjoni kontra l-importazzjonijiet ta' dawn l-annimali minn dan il-pajjiż terz, it-territorju jew parti minnu.</li> <li><sup>(9)</sup> Programm ta' sorveljanza kif stipulat fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1266/2007 (ĠU L 283, 27.10.2007, p. 37.)</li> </ul>		

▼ M22

## PAJJIŻ

## Mudell BOV-Y

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.						
<p>Veterinarju uffiċjali</p> <table><tr><td data-bbox="293 439 778 465">Isem (f'ittri kbar):</td><td data-bbox="778 439 1339 465">Kwalifika u titolu:</td></tr><tr><td data-bbox="293 477 778 504">Data:</td><td data-bbox="778 477 1339 504">Firma:</td></tr><tr><td data-bbox="293 515 778 542">Timbru:</td><td></td></tr></table>			Isem (f'ittri kbar):	Kwalifika u titolu:	Data:	Firma:	Timbru:	
Isem (f'ittri kbar):	Kwalifika u titolu:							
Data:	Firma:							
Timbru:								

▼ **M10****II-Mudell BOV-X-TRANSIT-RU****PAJJIŻ****Ċertifikat veterinarju għall-UE**

<b>Parti I: Detallji tal-kunsinna mibgħuta</b>	I.1. Kunsinnatur Isem Indirizz Nru tat-Tel.		I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat		I.2.a.			
			I.3. Awtorità kompetenti ċentrali					
			I.4. Awtorità kompetenti lokali					
	I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi postali Nru tat-Tel.		I.6. Persuna responsabbli mit-tagħbija fl-UE Isem Indirizz Kodiċi postali Nru tat-Tel.					
	I.7. Pajjiż tal-orijini Ir-Russja	Kodiċi ISO	I.8. Reġjun tal-orijini Kaliningrad	Kodiċi	I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni Ir-Russja	Kodiċi ISO	I.10. Reġjun tad-destinazzjoni	Kodiċi
	I.11. Post tal-orijini Isem Indirizz Kodiċi postali			I.12.				
	I.13. Post tat-tagħbija Indirizz Numru tal-approvazzjoni			I.14. Data tat-tluq				
	I.15. Mezz tat-trasport Ajruplan <input type="checkbox"/> Vapur <input type="checkbox"/> Vagun ferrovjarju <input type="checkbox"/> Vettura tat-triq <input type="checkbox"/> Ieħor <input type="checkbox"/> Identifikazzjoni Referenzi dokumentarji			I.16. BIP tad-dħul fl-UE Triq Kybartai- il-Litwanja				
				I.17.				
	I.18. Deskrizzjoni tal-prodott				I.19. Kodiċi tal-prodott (Kodiċi SA) <b>01.02</b>		I.20. Kwantità	
I.21.				I.22. Numru ta' pakketti				
I.23. Nru tas-Siġill/tal-Kontenitur				I.24.				
I.25. Prodotti ċertifikati għal: Tgħammir <input type="checkbox"/> Tismen <input type="checkbox"/>								
I.26. Għal tranżitu mill-UE lejn pajjiż terz <input type="checkbox"/> Pajjiż terz tal-Federazzjoni Russa Kodiċi ISO RU			I.27.					
I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti Speċijiet (isem xjentifiku) Razza Sistema ta' identifikazzjoni Numru tal-identifikazzjoni Età Sess								

## ▼ M10

## PAJJIŻ

## II-Mudell BOV-X-TRANSIT-RU

Parti II: Ċertifikazzjoni	II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
	<p><b>II.1.1. Bruċellożi:</b></p> <p>(a) <i>B. abortus</i>: Is-Serum Agglutination Test (SAT) u r-Rose Bengal Test (RBT) fi żmien jumejn mill-wasla u wara mill-inqas 42 jum</p> <p>(b) <i>B. ovis</i>: Il-Complement Fixation Test (CFT) fi żmien jumejn mill-wasla u wara mill-inqas 42 jum</p> <p>(c) <i>B. melitensis</i>: Is-SAT u l-RBT fi żmien jumejn mill-wasla u wara mill-inqas 42 jum</p> <p><b>II.1.2. Bluetongue u l-marda epizootika emorraġika</b></p> <p>(5) <i>jew</i> [żewġ testijiet bl-użu tat-test kompetittiv Elisa għall-bluetongue fi żmien jumejn mill-wasla u wara mill-inqas 21 jum (6)]</p> <p>(5) <i>jew</i> [tpoġġew taħt kwarantina għal aktar minn 60 jum u matul dan il-perjodu l-faċilità tal-kwarantina baqgħet ħielsa minn organiżmi li jgħorru l-bluetongue (<i>Culicoides</i>), u ma nstabet l-ebda evidenza ta' marda klinika].</p> <p><b>II.1.3. Tuberkulożi</b></p> <p>Żewġ testijiet intradermali tat-tuberkulina skont l-Anness B tad-Direttiva 64/432/KE, bl-użu ta' tuberkulina tal-bovini u tal-għasafar, li jitwettqu fi żmien jumejn mill-wasla u wara mill-inqas 42 jum mill-ewwel test</p> <p><b>II.1.4. Il-marda tal-ilsien u d-dwiefer (FMD):</b> It-test tal-ELISA għall-individwazzjoni tal-antikorpi u test tan-newtralizzazzjoni tal-vajrus fi żmien jumejn mill-wasla u wara mill-inqas 42 jum</p> <p><b>II.1.5. Rinderpest:</b> it-test kompetittiv tal-ELISA fi żmien jumejn mill-wasla u wara mill-inqas 42 jum</p> <p><b>II.1.6. Stomatite vesikulari:</b> it-test tal-ELISA jew it-test tan-newtralizzazzjoni tal-vajrus fi żmien jumejn mill-wasla u wara mill-inqas 42 jum</p> <p><b>II.1.7. Id-deni ta' Rift valley:</b> test tal-ELISA jew it-test tan-newtralizzazzjoni tal-vajrus fi żmien jumejn mill-wasla u wara mill-inqas 42 jum</p> <p><b>II.1.8. Lumpy skin disease:</b> it-test tal-ELISA jew it-test tan-newtralizzazzjoni tal-vajrus fi żmien jumejn mill-wasla u wara mill-inqas 42 jum</p> <p><b>II.1.9. Id-deni emorraġiku tal-Kongo Krimean:</b> it-test tal-ELISA jew it-test tan-newtralizzazzjoni tal-vajrus wara jumejn mill-wasla u wara mill-inqas 42 jum</p> <p><b>II.1.10. Surra:</b> mikroskopija tad-demem fi żmien jumejn mill-wasla u wara mill-inqas 42 jum</p> <p><b>II.1.11. Malignant catarrhal fever:</b> test tal-immunofluworexxenza fi żmien jumejn mill-wasla u wara mill-inqas 42 jum</p> <p><b>II.2. Garanziji supplementari</b></p> <p><b>II.2.1</b> Lewkożi bovina: test tal-AGID jew tal-ELISA fi żmien jumejn mill-wasla u wara mill-inqas 42 jum (Meta rikjest mill-Istat Membru tal-UE tad-destinazzjoni) (6)</p>		

## ▼ C1

PAJJIŻ		Mudell CAM	
II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
II.3.	<b>Trattamenti</b>  Dawn kienu soġġetti għal:  II.3.1. trattament intern u estern kontra l-parassiti matul il-perjodu tal-kwarantina  II.3.2.  ( <sup>6</sup> ) jew [trattament bi streptomycin 25 mg/kg]  ( <sup>6</sup> ) jew [trattament antibijotiku effettiv kontra l- <i>Leptospira</i> spp (speċifika ..... mg/kg .....)]  ( <sup>5</sup> )[II.3.3. tilqima kontra r-rabja (jekk rikjesta) fi ..... (jj/xx/ss) bil-vaċċin ..... (tip, produttur u lott), u bir-riżultat tat-test .....]		
<b>Noti</b>			
Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għal annimali ħajjin tal-familja Camelidae.			
<b>Parti I:</b>			
— Kaxxa ta' referenza I.8: Niżżel il-kodiċi tat-territorju kif jidher fil-Parti 1 tal-Anness I mar-Regolament (UE) Nru 206/2010.			
— Kaxxa ta' referenza I.13: Iċ-ċentru tal-ġbir, jekk ikun il-każ, għandu jissodisfa l-kondizzjonijiet għall-approvazzjoni tiegħu, kif stabbilit fil-Parti 5 tal-Anness I mar-Regolament (UE) Nru 206/2010.			
— Kaxxa ta' referenza I.15: In-numru ta' reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejner u trakkijiet), in-numru tat-titjira (ajruplan) jew l-isem (vapur) għandhom jingħataw. F'każ ta' ħatt u tagħbija mill-ġdid, il-konsenjatur għandu jinforma lil BIP bid-dħul fl-Unjoni.			
— Kaxxa ta' referenza I.23: Għal kontejners jew kaxxi, in-numru tal-kontejner u n-numru tas-siġill (jekk ikun il-każ) għandhom jiġu inklużi.			
— Kaxxa ta' referenza I.28: <i>Is-Sistema ta' identifikazzjoni</i> : L-annimali għandu jkollhom:			
— Numru individwali li jippermetti li jiġi traċċat il-post tal-oriġini tagħhom. Speċifika s-sistema ta' identifikazzjoni (jiġifieri lametta, tatwaġġi, ħruq fuq il-ġilda, ċippa, transponder) u l-post anatomiku użat fuq l-annimal.			
— Lametta tal-widnejn li tinkludi l-kodiċi ISO tal-pajjiż tal-esportazzjoni. Numru individwali li jippermetti li jiġi traċċat il-post tal-oriġini tagħhom.			
— Kaxxa ta' referenza I.28: <i>Età</i> : xhur			
— Kaxxa ta' referenza I.28: <i>Sess</i> (M = maskil, F = femminili, C = ikkastrat).			
— Kaxxa ta' referenza I.28: <i>Speċi</i> : Agħżel minn fost " <i>Camelus</i> spp.", " <i>Lama</i> spp.", " <i>Vicugna</i> spp." skont il-każ.			
<b>Parti II:</b>			
(1) Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimal għal annimali mhux domestiċi għajr għas-Suidae, mibgħuta lejn l-Unjoni (mudell "RUM") kif stabbilit fil-Parti 2 tal-Anness I mar-Regolament (UE) Nru 206/2010.			
(2) Id-data li fiha l-aħħar annimal fi grupp iddaħħal fil-faċilità tal-kwarantina.			
(3) It-testijiet li saru skont il-metodi deskritti fil-Kapitolu 2 tal-Parti 7 tal-Anness I mar-Regolament (UE) Nru 206/2010.			
(4) Ir-riżultati tat-testijiet li saru għandhom ikunu mehmuża fl-oriġinal għal din iċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa.			
(5) Ħalli skont il-każ.			
<b>NB</b> Il-proċeduri tat-teħid tal-kampjuni u tal-ittejtjar għandhom isiru f'daqqa kemm jista' jkun filwaqt li jitħarsu l-intervalli minimi ta' żmien biex ikunu evitati l-immaniġġjar u l-manipulazzjoni żejda tal-annimali.			

▼ C1

<b>PAJJIŻ</b>		<b>Mudell CAM</b>	
II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
II-veterinarju uffiċjali			
Isem (b'ittri kbar):		Kwalifika u titlu:	
Data:		Firma:	
Timbru:			

▼ **C1**

## PARTI 3

**Addendum għat-trasport ta' animali bil-baħar**

(Għandha timtela u tinhemeż maċ-ċertifikat veterinarju meta t-trasport lejn il-fruntiera tal-Unjoni jinkludi, anke jekk biss bħala parti mill-vjaġġ, trasport b'vapur.)

**Dikjarazzjoni mill-kaptan tal-vapur**

Jiena, il-Kaptan tal-vapur, iffirmit hawn taħt (isem .....), niddikjara li l-animali msemmija fiċ-ċertifikat veterinarju meħmuż Nru ..... baqgħu fuq il-vapur waqt il-vjaġġ minn ..... fi ..... (*pajjiż tal-esportazzjoni*) lejn ..... fl-Unjoni u li l-vapur ma waqaf fl-ebda post 'l barra minn ..... (*pajjiż tal-esportazzjoni*) waqt il-vjaġġ tiegħu lejn l-Unjoni ħlief: ..... (*portijiet ta' żjara waqt il-vjaġġ*). Barra minn hekk waqt il-vjaġġ, dawn l-animali ma kellhom l-ebda kuntatt ma' animali oħra fuq il-vapur, li għandhom stat ta' saħħa inferjuri.

Magħmula fi ..... fil- .....

(Port tal-wasla)

(Data tal-wasla)

(timbru)

(firma tal-Kaptan)

(isem b'ittri kapitali u titlu)

## PARTI 4

**Addendum għat-trasport ta' animali bl-ajru**

(Għandha timtela u tinhemeż maċ-ċertifikat veterinarju meta t-trasport lejn il-fruntiera tal-Unjoni jinkludi, anke jekk biss bħala parti mill-vjaġġ, trasport bl-ajru.)

**Dikjarazzjoni tal-Kaptan tal-ajruplan**

Jiena, il-kaptan tal-ajruplan, iffirmit hawn taħt (isem .....), niddikjara li l-kontenitur jew il-kontejner u ż-żona ta' madwar l-kontenitur jew il-kontejner li fih hemm l-animall(i) (i)msemmi(ja) fiċ-ċertifikat veterinarju meħmuż Nru ..... ġew sprejati b'insetticiċida.

Magħmula fi ..... fil- .....

(Ajruport tat-tluq)

(Data tal-wasla)

(timbru)

(firma tal-Kaptan)

(isem b'ittri kapitali u titlu)

## PARTI 5

**Kondizzjonijiet għall-approvazzjoni ta' ċentri tal-ġbir (imsemmija fl-Artikolu 4)**

Sabiex jiġu approvati, ċentri tal-ġbir għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

- I. Huma għandhom ikunu sorveljati minn veterinarju uffijċjali.
- II. Kull wieħed għandu jinsab fiċ-ċentru ta' żona li għandha dijametru minimu ta' 20 km, li fiha skont riżultati uffijċjali, ma kien hemm l-ebda każ tal-marda tal-islien u d-dwiefer għal perjodu minimu ta' 30 ġurnata qabel l-użu tagħhom bħala ċentri tal-ġbir approvati.

## ▼ C1

- III. Qabel kull użu tagħhom bħala ċentri tal-ġbir approvati, huma għandhom jiġu mnaddfa u ddiżinfettati b'diżinfettant awtorizzat uffiċjalment fil-pajjiż tal-esportazzjoni bħala miżura effettiva għall-kontroll tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer.
- IV. B'kunsiderazzjoni tal-kapaċità tagħhom ta' kemm iżommu annimali, huma għandu jkollhom:
- (a) faċilità esklussivament ddedikata għall-użu bħala ċentru tal-ġbir;
  - (b) faċilitajiet adattati, li jiġu faċilment imnaddfa u ddiżinfettati, adattati għat-tagħbija, il-ħatt, u l-akkomodazzjoni adattati ta' standard xieraq għall-annimali għat-tisqija u l-għalf tagħhom u biex jingħataw kwalunkwe trattament meħtieġ;
  - (c) faċilitajiet adattati għall-ispezzjoni u l-iżolament;
  - (d) tagħmir adattat għat-tindif u d-dizinfekzjoni ta' kmamar u trakkijiet;
  - (e) żona għall-ħażna adattata ta' għalf, ħmieġ u demel;
  - (f) sistema adattata għall-ġabra u r-rimi ta' ilma użat;
  - (g) uffiċċju għall-veterinarju uffiċjali.
- V. Meta joperaw, huma għandu jkollhom numru suffiċjenti ta' veterinarji sabiex iwettqu d-dmirijiet kollha stipulati fil-Parti 5;
- VI. Huma għandhom ukoll jdaħħlu annimali li huma individwalment identifikati sabiex tiġi ggarantita t-traċċabilità. Għal dan il-għan, meta jiddaħħlu l-annimali s-sid jew il-persuna nkarigata li tmexxi ċ-ċentru għandhom jiżguraw li l-annimali huma identifikati tajjeb u li huma akkumpanjati minn dokumenti jew ċertifikati dwar is-saħħa għall-ispeċi u l-kategoriji involuti.
- Barra minn hekk, is-sid jew il-persuna nkarigata li tmexxi ċ-ċentru għandhom iniżżlu f'reġistru jew f'dejtabeż u jżommuhom għal minimu ta' tliet snin, l-isem tas-sid, l-orijini tal-annimali, id-dati tad-dħul u tal-ħruġ, in-numru ta' identifikazzjoni tal-annimali jew in-numru ta' reġistrazzjoni tal-merħla ta' orijini u l-istabbiliment tad-destinazzjoni, u, in-numru tar-reġistrazzjoni tal-mezz li ġarrhom u n-numru tar-reġistrazzjoni tat-trakk li wassal jew li ġabar l-annimali minn dak iċ-ċentru tal-ġbir.
- VII. L-annimali kollha li jgħaddu miċ-ċentru tal-ġbir għandhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet tas-saħħa stabbiliti għall-introduzzjoni tal-kategorija ta' annimali rilevanti fl-Unjoni.
- VIII. Annimali li ser jiġu introdotti fl-Unjoni li jgħaddu minn ċentru tal-ġbir għandhom, fi żmien sitt ijiem mill-wasla tagħhom fiċ-ċentru tal-ġbir, jiġu mgħobbija u mibgħuta direttament lejn il-fruntiera tal-pajjiż li qed jesporta:
- (a) mingħajr ma jiġu f'kuntatt ma' annimali bid-difer mifruq ħlief dawk l-annimali li jissodisfaw il-kondizzjonijiet tas-saħħa stabbiliti għall-introduzzjoni tal-kategorija ta' annimali rilevanti fl-Unjoni;
  - (b) separati f'konsenji sabiex l-ebda kunsinna ma jkun fiha kemm annimali għat-tgħammir jew għall-produzzjoni kif ukoll annimali għall-qtil immedjat;
  - (c) f'vetturi jew kontejners tat-trasport li qabel ikunu ġew imnaddfa u ddiżinfettati b'diżinfettant awtorizzat uffiċjalment fil-pajjiż li qed jesporta bħala miżura effettiva għall-kontroll tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer u li huma mibnija b'tali mod li l-ħmieġ, l-awrina, l-imfierex jew l-għalf ma jkunux jistgħu jnixxu jew jaqgħu barra mill-vettura jew mill-kontejner waqt it-trasportazzjoni.



**▼ C1**

- IX. Fejn il-kondizzjonijiet għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni jeħtieġu li jsir test fi żmien perjodu speċifiku qabel it-tagħbija, dak il-perjodu għandu jinkludi kwalunkwe perjodu tal-ġbir, sa sitt ijiem, mid-data tal-wasla tal-annimali fiċ-ċentru tal-ġbir approvati.
- X. Il-pajjiż terz li qed jesporta għandu jindika ċ-ċentri li huma approvati għal annimali għat-tgħammir u għall-produzzjoni u daww iċ-ċentri li huma approvati għal annimali għall-qtil u għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet ċentrali kompetenti tal-Istati Membri dwar l-ismijiet u l-indirizzi ta' dawn it-tip ta' postijiet. Din l-informazzjoni għandha tiġi aġġornata regolarment.
- XI. Il-pajjiż terz li qed jesporta għandu jiddetermina l-proċedura għas-sorveljanza uffiċjali ta' ċentri tal-ġbir approvati u għandu jiżgura li din is-sorveljanza ssir.
- XII. Iċ-ċentri tal-ġbir approvati għandhom jiġu spezzjonati regolarment mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz, sabiex jiġi vverifikat li r-rekwiżiti għall-approvazzjoni stipulati fil-punti I sa XI jibqgħu jiġu sodisfatti.

Jekk dawn l-ispezzjonijiet juru li dawn il-kondizzjonijiet m'għadhomx jiġu sodisfatti, l-approvazzjoni taċ-ċentru għandha tiġi sospiża. L-approvazzjoni tista' terġa tingħata biss meta l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz tkun sodisfatta li ċ-ċentru huma totalment konformi mal-kondizzjonijiet stipulati fil-punti I sa XI.

## PARTI 6

**Protokoll għall-istandardizzazzjoni ta' materjali u proċeduri għall-ittejtjar**

(imsemmija fl-Artikolu 5)

**Tuberkolożi (TBL)**

It-test intradermal tat-tuberkulina uniku bl-użu ta' tuberkulina bovina għandu jsir skont l-Anness B tad-Direttiva 64/432/KEE. Fil-każ ta' annimali Suidae t-test intradermal tat-tuberkulina uniku bl-użu ta' tuberkulina tal-għasafar għandu jsir skont l-Anness B għall-64/432/KEE, bl-eċċezzjoni li l-post tal-injezzjoni għandu jkun il-ġilda żejda taħt il-widna

**▼ M2****Bruċellożi (*Brucella abortus*) (BRL)**

It-test tal-agglutinazzjoni tas-serum, it-test ta' fissazzjoni komplimentari, it-test antiġen immewwet tal-brucella, it-testijiet tal-analiżi immunosorbenti konnessi mal-enzimi (ELISA) u l-analiżi bi fluworexxenza polarizzata (FPA) għandhom isiru skont l-Anness Ċ tad-Direttiva 64/432/KEE.

**▼ C1****Bruċellożi (*Brucella melitensis*) (BRL)**

It-testijiet għandhom isiru skont l-Anness C mad-Direttiva 91/68/KEE

**Il-Lewkożi Enzootika Bovina (EBL)**

L-agar gel immuno-diffusion test u l-enzyme linked immuno-adsorbent assay test (ELISA) għandhom isiru skont il-paragrafi A u C tal-Kapitolu II tal-Anness D mad-Direttiva 64/432/KEE.

**Bluetongue (BTG)**

(A) It-test ELISA li jibblokka jew kompetittiv għandu jsir skont il-protokoll li ġej:

L-ELISA kompetittiv bl-użu tal-antikorp monoklonu 3-17-A3 huwa kapaċi jidentifika antikorpi għas-serotipi kollha magħrufa tal-vajrus tal-bluetongue (BTV).

▼ C1

Il-prinċipju tat-test huwa l-interuzzjoni tar-reazzjoni bejn l-antigen BTV u l-antikorp monoklonu (3-17-A3) għall-grupp speċifiku permezz taż-żieda ta' serum tal-ittestjar. Antikorpi għall-BTV preżenti fis-serum tat-test jibblukkaw ir-reattività tal-antikorp monoklonu (Mab) u jirrużultaw fi tnaqqis fl-iżvilupp mistenni tal-kulur wara iż-żieda tal-enzima mmarkata aċidu kontra l-ġrieden, u chromogen/sottostrat. Seri jistgħu jiġu ttestjati b'sustanza dilwita waħda ta' 1 f'5 (spot test – Appendiċi 1) jew jistgħu jiġu titrati (titrazzjoni tas-serum – Appendiċi 2) biex jagħtu dilution end-point. Valuri ta' inibizzjoni għola minn 50 % jistgħu jiġu meqjusa bħala pożittivi.

*Materjali u Reaġenti:*

1. Pjanċi mikrotitrati adattati għall-ELISA.
2. Antigen: fornit bħala konċentrat estratt minn ċellula, preparat kif deskrit aktar 'l isfel, u maħżun jew f'temperatura ta' – 20 °C jew – 70 °C.
3. Buffer li jibblokka: soluzzjoni ta' melħ immewwta bil-fosfat (PBS) li fiha 0,3 % BTB serum negattiv ta' bovini adulti, 0,1 % (v/v) Tween-20 (fornit bħala għasel polyoxyethylene sorbiton monolaurate) fil-PBS.
4. Antikorp monoklonu: 3-17-A3 (fornit bħala hybridoma tissue-culture supernatant) dirett lejn polypeptide VP7 speċifiku għall-grupp, maħżun f'temperatura ta' – 20 °C jew imnixxef iffriżat u ddilwat 1/100 b'buffer li jibblokka qabel l-użu.
5. Ikkonjugata: globulina tal-fenek kontra l-ġrieden (b'assorbiment u b'elużjoni) ikkonjugata għal peroxidise tal-għerq tal-mustarda u miżmuma fid-dlam f'temperatura ta' 4 °C.
6. Chromogen u sottostrat: Orthophenylene diamine (OPD-chromogen) b'konċentrazzjoni aħħarija ta' 0,4 mg/ml f'ilmia sterili ddistillat. Perossidu tal-idroġenu (30 % w/v-sottostrat) 0,05 % v/v miżjud immedjatement qabel l-użu (5µl H<sub>2</sub>O<sub>2</sub> għal kull 10 ml OPD). (*Uża l-OPD b'attenzjoni – ilbes ingwanti tal-lakstu – mutaġen issuspettat*).
7. Aċidu sulfiriku ta' massa 1 ta' sustanza: 26,6 ml ta' aċidu miżjud ma' 473,4 ml ta' ilma ddistillat. (*Ftakar dejjem żid l-aċidu mal-ilma u qatt l-ilma mal-aċidu*)
8. Orbital shaker.
9. Tagħmir għall-qari tal-pjanċi ELISA (*it-test jista' jinqara viżwalment*).

*Format tat-test*

Cc: kontroll tal-konjugazzjoni (l-ebda serum/l-ebda antikorp monoklonu); C++: kontroll ta' serum possittiv b'saħħtu; C+: kontroll ta' serum possittiv dgħajjef; C-: kontroll ta' serum negattiv; cm: kontroll tal-antikorp monoklonu (l-ebda serum).

## APPENDIX 1

**Spot dilution (1:5) format (40 sera/plate)**

	Kontrolli		Seri għall-ittestjar									
	1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12
A	Cc	C-	1	2	3	4	5	6	7	8	9	10
B	Cc	C-	1	2	3	4	5	6	7	8	9	10

▼ **C1**

	Kontrolli		Seri għall-ittestjar									
	1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12
C	C++	C++										
D	C++	C++										
E	C+	C+										
F	C+	C+										
G	Cm	Cm										40
H	Cm	Cm										40

## APPENDIĊI 2

**Format tat-titrazzjoni tas-serum (10 seri/pjanċa)**

	Kontrolli		Seri għall-ittestjar									
	1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12
A	Cc	C-	1:5									1:5
B	Cc	C-	1:10									1:10
C	C++	C++	1:20									1:20
D	C++	C++	1:40									1:40
E	C+	C+	1:80									1:80
F	C+	C+	1:160									1:160
G	Cm	Cm	1:320									1:320
H	Cm	Cm	1:640									1:640

*Protokoll tal-ittestjar:*

Kontroll ta' konjugazzjoni (Cc): Il-bjar 1A u 1B huma kontroll mingħajr kampjun tal-antigen u l-konjugi tal-BTV. Dan jista' jintuża biex riżultati fit-tagħmir għall-qari tal-ELISA jitneħħew u jibda' jaqra mill-ġdid.

Kontroll Mab (Cm): Kolonni 1 u 2, ringieli G u H huma l-kontroll tal-antikorp monoklonu u fihom antigen tal-BTV, antikorp monoklonu u konjugazzjoni. Dawn il-bjar jirrapreżentaw il-kulur massimu. Il-mejda tar-riżultati tad-densità ottika minn dan il-kontroll tirrapreżenta il-valur ta' inibizzjoni 0 %.

Kontroll pożittiv (C++, C+): Kolonni 1 u 2, ringieli C-D-E-F. Dawn il-bjar fihom antigen tal-BTV, antiserum pożittivi b'saħħtu u dgħajjef tal-BTV rispettivament, mab u konjugazzjoni.

Kontroll negattiv (C-): Il-bjar 2A u 2B huma l-kontrolli negattivi, li fihom antigen tal-BTV, antiserum negattiv tal-BTV, mab u konjugazzjoni.

▼ **C1**

Seri għall-ittestjar: Għal sħarriġ seroloġiku fuq skala kbira u għal screening mgħaġġel, seri jistgħu jiġu ttestjati f'sustanza dilwita waħda ta' 1:5 (Appendiċi 1). Alternattivament, 10 seri jistgħu jiġu ttestjati fuq medda ta' sustanzi dilwiti minn 1:5 sa 1:640 (Appendiċi 2). Dan jagħti indikazzjoni tat-titrat tal-antikorp fis-seri għall-ittestjar.

*Proċeduri:*

1. Iddilwa l-antiġen BTV mal-konċentrazzjoni qabel it-titrazzjoni f'PBS, ivvibra għal ftit ħin ħalli l-vajrus aggregat jitħallat (jekk sonicator mhux disponibbli, traferixxi l-likwidu b'pipetta vigorożament) u żid 50 µl fil-bjar kollha tal-pjanċa tal- ELISA. Taptap fuq il-ġnub tal-pjanċa ħalli jitħallat l-antiġen
2. Inkuba b'temperatura ta' 37 °C għal 60 minuta fuq orbital shaker. Aħsel il-pjanċi tliet darbiet billi tfawwar u tbattal il-bjar b'PBS mhux sterili u nixxef b'karta assorbenti.
3. Bjar tal-kontroll: Żid 100 µl ta' buffer li jibblokka għall-bjar ta' Cc. Żid 50 µl ta' serum tal-kontroll pożittiv u negattiv, f'sustanza dilwita ta' 1:5 (10 µl serum + 40 µl buffer li jibblokka), għall-bjar rispettivi C-, C+ u C++. Żid 50 µl ta' buffer li jibblokka ml-bjar tal-kontroll tal-Mab.

Metodu spot titration: Żid sustanza dilwita 1:5 ta' kull serum għall-ittestjar fil-buffer li jibblokka sabiex jiġu duplikati l-bjar tal-kolonna 3 sa 12 (10µl seri + 40µl buffer li jibblokka),

jew

Metodu tat-titrazzjoni tas-serum: Prepara serje ta' sustanzi dilwiti doppji għal kull kampjun għall-ittestjar (1:5 sa 1:640) fil-buffer li jibblokka fuq it-tmint ibjar tal-kolonna waħedhom minn 3 sa 12.

4. Immedjatment wara ż-żieda tas-seri għall-ittestjar, iddilwa mab 1:100 f'buffer li jibblokka u żid 50 µl mal-bjar kollha tal-pjanċa ħlief ma' dawk għall-kontroll bla kampjuni.
5. Inkuba b'temperatura ta' 37 °C għal 60 minuta fuq orbital shaker. Aħsel tliet darbiet b'PBS u nixxef b'materjal assorbenti.
6. Iddilwa l-konċentrat tal-aċidu tal-fenek kontra l-ġrieden għal 1/5 000 fil-buffer li jibblokka u żid 50 µl fil-bjar kollha tal-pjanċa.
7. Inkuba b'temperatura ta' 37 °C għal 60 minuta fuq orbital shaker. Aħsel tliet darbiet b'PBS u nixxef b'materjal assorbenti.
8. Ħoll l-O-Phenylenediamine dihydrochloride (OPD) u immedjatament qabel l-użu żid 5µl ta' 30 % perossidu tal-idroġenu ma' kull 10 ml ta' OPD. Żid 50 µl fil-bjar kollha tal-pjanċa. Ħalli l-kulur jiżviluppa għal madwar 10 minuti u waqqaf ir-reazzjoni b'1 Molar ta' aċidu sulfuriku (50 µl għal kull bir). Il-kulur għandu jiżviluppa fil-bjar tal-kontroll tal-mab u f'dawk il-bjar li fihom seri bl-ebda antikorp għall-BTV.
9. Eżamina u rreġistra l-iżvilupp tal-pjanċi jew viżwalment jew bl-użu ta' tagħmir spettrofotometriku għall-qari.

▼ C1*Analiżi tar-riżultati:*

Bl-użu tal-pakkett tas-softwer stampa l-valuri tad-densità ottika (OD), u l-persentaġġ tal-inibizzjoni (PI) għat-test u għas-serum tal-kontroll ibbażat fuq il-valur medju rreġistrat fil-bjar tal-kontroll tal-antiġen. Id-dejta espressa bħala valuri ta' OD u PI jintużaw biex jiġi stabbilit jekk t-test twettaq fil-limiti aċċettabbli. L-ogħla limiti tal-kontroll (UCL) u l-anqas limiti tal-kontroll (LCL) għall-kontroll tal-Mab (l-antiġen flimkien mal-Mab fl-assenza ta' seri tal-kontroll) huma bejn il-valuri 0,4 u 1,4 tal-OD. Kull pjanċa li tonqos li tkun konformi mal-kriterji ta' hawn fuq trid titneħħa.

Jekk mhux disponibbli pakkett ta' softwer tal-kompjuter, stampa l-valuri tal-OD bl-użu ta' printer tal-ELISA. Ikkalkula l-valur medju tal-OD għall-bjar tal-kontroll tal-antiġen, li huma ekwivalenti għall-valur ta' 100 %. Stabbilixxi l-valur ta' 50 % tal-OD u manwalment ikkalkula l-pożittività u n-negattività ta' kull kampjun.

Il-valur tal-inibizzjoni f'persentaġġ (PI) =  $100 - (\text{OD ta' kull kontroll waqt l-ittestjar/medja tal-OD ta' cm}) \times 100$ .

Il-bjar duplikati tas-serum tal-kontroll negattiv u l-bjar duplikati mingħajr kampjuni għandhom jirreġistraw valuri tal-PI ta' bejn + 25 % u - 25 %, u bejn + 95 % u + 105 %, rispettivament. Jekk dawn ma jkunux f'dawn il-limiti l-pjanċa ma titqiesx invalida iżda tissuġġerixxi li l-kulur fl-isfond qed jiżviluppa. Is-seri tal-kontroll pożittivi b'saħħthom u dgħajfa għandhom jirreġistraw valuri tal-PI ta' bejn + 81 % u + 100 %, u bejn + 51 % u + 80 %, rispettivament.

Il-limitu dijanjostiku għal seri għall-ittestjar huwa 50 % (PI 50 % jew OD 50 %). Kampjuni li jirreġistraw valuri tal-PI > 50 % huma rreġistrati negattivi. Kampjuni li jirreġistraw valuri tal-PI 'il fuq u taħt il-limitu għal bjar duplikati jitqiesu dubbjużi; dawn il-kampjuni jistgħu jkunu ttestjati mill-ġdid fl-ispot test u/jew fit-tirazzjoni. Kampjuni pożittivi jistgħu wkoll jiġu ttrati sabiex jipprovdur indikazzjoni tal-livell ta' pożittività.

Qari viżwali: Kampjuni pożittivi u negattivi jintgħarfu faċilment bl-għajnejn; kampjuni pożittivi dgħajfa jew negattivi b'saħħithom jistgħu jkunu diffiċli aktar biex jiġu interpretati bl-għajnejn.

*Preparazzjoni tal-antiġen BTV għall-ELISA:*

1. Aħsel 40-60 roux ta' ċelluli konfluenti BHK-21 tliet darbiet b'sustanza tal-Eagle libera mis-serum u infetta bis-serotip 1 tal-vajrus tal-bluetongue fis-sustanza tal-Eagle libera mis-serum.
2. Inkuba b'temperatura ta' 37 °C u eżamina kuljum għall-effett citopatiku (CPE).
3. Meta s-CPE jkunu komplut f'90 % sa 100 % tal-folja taċ-ċelluli ta' kull roux, neħħi l-vajrus billi ċċaqlaq kwalunkwe ċelluli li għadhom imwahnha biex jinqalgħu minn mal-ħġieġ.
4. Dawwar b'2 000 sa 3 000 rpm biex iċ-ċelluli jiffurmaw fi grieb.
5. Armi s-supernatant u ssospendi mill-ġdid iċ-ċelluli f'madwar 30 ml ta' PBS li fih 1 % "Sarkosyl" u 2 ml phenylmethylsulphonyl fluoride (lysis buffer). Dan jista' jikkawża l-formazzjoni taċ-ċelluli f'gel u iżjed lysis buffer jista' jiżdied ħalli jonqos dan l-effett. (NB: *phenylmethylsulphonyl fluoride huwa perikoluż – uża b'attenzjoni kbira.*)

▼ **C1**

6. Iddisturba ċ-ċelluli għal 60 sekonda bl-użu ta' sonda ultrasonika b'wisa' ta' 30 microns.
7. Dawwar b'10 000 rpm għal 10 minuti.
8. Aħżen is-supernatant f'temperatura ta' + 4 °C u ssospendi mill-ġdid iċ-ċelluli fil-forma ta' griebieb li jifdal f'10 sa 20 ml ta' lysis buffer.
9. Ivvibra u ċċara, aħżen is-supernatant f'kull stadju, total ta' tliet darbiet.
10. Aghaqqad is-supernatants u dawwar b'24 000 rpm (100,000 g) għal 120 minuta f'temperatura ta' + 4 °C fuq massa ta' 5 ml ta' 40 % zokkor tal-kannamieli (w/v f'PBS) bl-użu ta' tubi ċentrifugi Beckmann tat-30 ml u rotor SW 28.
11. Armi s-supernatant, battal it-tubi sew u ssospendi mill-ġdid il-gerbuba fil-PBS permezz tal-vibrazzjoni. Aħżen l-antiġen f'alikwoti f'temperatura ta' - 20 °C.

*Titrazzjoni tal-antiġen BTV għall-ELISA:*

Antiġen tal-ELISA għall-bluetongue jiġi ttitrat permezz ta' ELISA indiretta. L-iddilwar doppju tal-antiġen huwa ttitrat kontra sustanza dilwita kostanti (1/100) tal-antikorp monoklonu 3-17-A3. Il-protokoll huwa kif ġej:

1. Ittitra s-sustanza dilwita 1:20 tal-antiġen BTV f'PBS tul pjanċa mikrotitrata f'serje ta' sustanzi ddilwati doppji (50 µl/bir) bl-użu ta' pipetta b'iżjed minn tubu wieħed.
2. Inkuba għal siegħa f'temperatura ta' 37 °C fuq orbital shaker.
3. Aħsel il-pjanċi tliet darbiet b'PBS.
4. Żid 50 µl tal-antikorp monoklonu 3-17-A3 (iddilwat 1/100) ma kull pjanċa mikrotitrata.
5. Inkuba għal siegħa f'temperatura ta' 37 °C fuq orbital shaker.
6. Aħsel il-pjanċi tliet darbiet b'PBS.
7. Żid 50 µl ta' globulin kontra l-ġrieden ikkonjugata għal peroxidase tal-għerq tal-mustarda, iddilwata għal konċentrazzjoni ottimali ittitrata minn qabel, f'kull bir tal-pjanċa mikrotitrata.
8. Inkuba għal siegħa f'temperatura ta' 37 °C on fuq orbital shaker.
9. Żid sottostrat u chromogen kif deskritt qabel. Waqqaf ir-reazzjoni wara 10 minuti billi żżid 1 Molar ta' aċidu sulfuriku (50 µl/bir).

Fl-analiżi kompetittiva, għandu jkun hemm iżżejjed mill-antikorp monoklonu, għalhekk tintagħażel sustanza dilwita ta' antiġen, li tinsab fuq il-kurva tat-titrazzjoni (mhux fuq ir-reġjun tal-parti stabbli) li tagħti madwar 0,8 OD wara 10 minuti.

## ▼ C1

(B) It-test għall-immuno-taħlit ta' agar gel għandu jsir skont il-protokoll li ġej:

*Antigen:*

Antigen fi stat ta' preċipitazzjoni jitħejja f'kull sistema ta' kultivazzjoni ta' ċelluli li ssostni l-multiplikazzjoni mgħaġġla ta' tensjoni molekolari tal-vajrus tal-bluetongue. Iċ-ċelluli BHK jew Vero huma rakkomandati. L-antigen huwa preżenti fil-fluwidu supernatant fit-tmiem tat-tkabbir tal-vajrus iżda sabiex ikun effettiv, jeħtieġ konċentrazzjoni ta' 50 sa 100 darba. Din tista' tinkiseb permezz ta' kull proċedura standard għall-konċentrazzjoni ta' proteini; il-vajrus fl-antigen jista' ma jkunx attivatt billi miegħu jiżdied ta' 0,3 % (v/v) beta-propiolactone.

*Serum tal-kontroll pożittiv magħruf:*

Bl-użu ta' serum u antigen ta' referenza internazzjonali jiġi prodott serum standard nazzjonali, standardizzat għall-proporzjon ottimu fil-konfront tas-serum ta' referenza internazzjonali, imnixxef bil-friża u użat bħala is-serum tal-kontroll magħruf f'kull test.

*Is-serum għall-ittestjar*

**Proċedura:** 1 % agarose preparata f'buffer veronal tal-borat jew tas-sodju, pH 8,5 sa 9,0, jitferra' f'dixx Petri b'fond minimu ta' 3,0 mm. Disinn għall-ittestjar ta' seba' bjar ħielsa mill-umdità, kull wieħed b'dijametru ta' 5,0 mm, jinqata' fl-agar. Id-disinn huwa magħmul minn bir ċentrali u sitt ibjar irranġati madwaru f'ċirku b'raġġ ta' 3 cm. Il-bir ċentrali jmtela bl-antigen standard. Il-bjar periferali 2, 4 u 6 jmtlew bis-serum magħruf pożittiv, il-bjar 1,3 u 5 jmtlew bis-serum tal-kontroll. Is-sistema hija inkubata sa 72 siegħa f'temperatura tal-kamra f'kamra umduża magħluqa.

**Interpretazzjoni:** Is-serum għall-ittestjar huwa pożittiv jekk jiffirma linja speċifika ta' precipitin mal-antigen u jiffirma linja kompluta ta' identità mas-serum tal-kontroll. Is-serum għall-ittestjar huwa negattiv jekk ma jiffurmax linja speċifika mal-antigen u ma jgħawwiġx il-linja tas-serum tal-kontroll. Dixxijiet Petri għandhom ikunu eżaminati fuq sfond skur u bl-użu ta' illuminazzjoni indiretta.

## Marda epizootika emorraġika (EHD)

It-test għall-immuno-taħlit ta' agar gel għandu jsir skont il-protokoll li ġej:

*Antigen:*

Antigen fi stat ta' preċipitazzjoni jitħejja f'kull sistema ta' kultivazzjoni ta' ċelluli li ssostni l-multiplikazzjoni mgħaġġla tas-serotip(i) adattati tal-vajrus tal-marda epizootika emorraġika. Iċ-ċelluli BHK jew Vero huma rakkomandati. L-antigen huwa preżenti fil-fluwidu supernatant fit-tmiem tat-tkabbir tal-vajrus iżda sabiex ikun effettiv, jeħtieġ konċentrazzjoni ta' 50 sa 100 darba. Din tista' tinkiseb permezz ta' kull proċedura standard għall-konċentrazzjoni ta' proteini; il-vajrus fl-antigen jista' ma jkunx attivatt billi miegħu jiżdied ta' 0,3 % (v/v) beta-propiolactone.

*Serum tal-kontroll pożittiv magħruf:*

Bl-użu ta' serum u antigen ta' referenza internazzjonali jiġi prodott serum standard nazzjonali, standardizzat għall-proporzjon ottimu fil-konfront tas-serum ta' referenza internazzjonali, imnixxef bil-friża u użat bħala is-serum tal-kontroll magħruf f'kull test.

▼ **C1***Is-serum għall-ittejtjar*

**Proċedura:** 1 % agarose preparata f'buffer veronal tal-borat jew tas-sodju, pH 8,5 sa 9,0, jifferra' f'dixx Petri b'fond minimu ta' 3,0 mm. Disinn għall-ittejtjar ta' sebat ibjar ħielsa mill-umdità, kull wieħed b'dijametru ta' 5,0 mm, jinqata' fl-agar. Id-disinn huwa magħmul minn bir ċentrali u sitt ibjar irranġati madwaru f'ċirku b'raġġ ta' 3 cm. Il-bir ċentrali jimtela bl-antiġen standard. Il-bjar periferali 2, 4 u 6 jimtlew bis-serum magħruf pożittiv, il-bjar 1,3 u 5 jimtlew bis-serum tal-kontroll. Is-sistema hija inkubata sa 72 siegħa f'temperatura tal-kamra f'kamra umduża magħluqa.

**Interpretazzjoni:** Is-serum għall-ittejtjar huwa pożittiv jekk jiffirma linja speċifika ta' precipitin mal-antiġen u jiffirma linja kompluta ta' identità mas-serum tal-kontroll. Is-serum għall-ittejtjar huwa negattiv jekk ma jiffurmax linja speċifika mal-antiġen u ma jgħawwiġx il-linja tas-serum tal-kontroll. Dixxijiet Petri għandhom ikunu eżaminati fuq sfond skur u bl-użu ta' illuminazzjoni indiretta

**Rhinotracheitis tal-bovini infettiva (IBR) / pustular vulvo-vaginitis infettiva (IPV)**

(A) It-test għan-newtralizzazzjoni tas-serum għandu jsir skont il-protokoll li ġej:

**Serum:** Is-seri kollha għandhom jsiru inattivi permezz tas-sħana f'temperatura ta' 56 °C għal 30 minuta qabel l-użu.

**Proċedura:** It-test għan-newtralizzazzjoni tas-serum b'vajrus li jvarja b'mod kostanti fuq pjanċi mikrotitrati jsir bl-użu tal-MDBK jew ta' ċelluli suxxettibbli oħra. Il-Colorado, l-Oxford jew kwalunkwe tensjoni molekulari ta' referenza tal-vajrus tintuża b'100 TCID<sub>50</sub> għal kull 0.025 ml; kampjuni tas-serum mhux dilwiti u inattivi jiġu mħallat ma' volum ugwali(0,025 ml) tal-vajrus fil-forma likwida b'partiċelli solidi fih. It-taħlit tal-vajrus/serum jiġu inkubati għal 24 siegħa f'temperatura ta' 37 °C fil-pjanċi mikrotitrati qabel ma jiġu miżjuda ċ-ċelluli MDBK. Iċ-ċelluli jintużaw b'konċentrazzjoni li tiffirma saff wieħed komplut wara 24 siegħa.

**Kontrolli:** (i) analiżi tal-infettività tal-vajrus, (ii) kontroll tat-tossiċità tas-serum, (iii) kontroll ta' kultivazzjonijiet ta' ċelluli mhux imlaqqa, (iv) antiseri ta' referenza.

**Interpretazzjoni:** Ir-riżultati tat-test għan-newtralizzazzjoni u t-titrazzjoni tal-vajrus użati fit-test jiġu rreġistrati wara inkubazzjoni ta' tliet sa sitt ijiem f'temperatura ta' 37 °C. Titrazzjonijiet tas-serum huma meqjusa negattivi jekk ma jkun hemm l-ebda newtralizzazzjoni f'sustanza dilwita ta' 1/2 (serum mhux dilwit).

(B) Kull test ieħor rikonoxxut fil-qafas tad-Deċiżjoni 2004/558/KE <sup>(1)</sup>.

**Il-marda tal-ilsien u d-dwiefer (FMD)**

(A) Il-ġabra ta' kampjuni oesophageal/pharyngeal u l-ittejtjar għandhom isiru skont il-protokoll li ġej:

**Reaġenti:** Qabel ma jittieħdu l-kampjuni, jitħejja l-mezz tat-trasport. Volumi ta' żewġ ml jitqegħdu f'numru ta' kontenituri daqs kemm hemm annimali li minnhom se

<sup>(1)</sup> ĠU L 249, 23.7.2004, p. 20.



## ▼ C1

jittieħdu l-kampjuni. Il-kontenituri użati għandhom jifilħu l-iffriżar fuq CO<sub>2</sub> solidu jew nitroġenu likwidu. Il-kampjuni jinkisbu bl-użu ta' tagħmir iddisinjat speċifikament għall-ġabra ta' bżieq jew "probang". Biex jinkiseb kampjun il-kontenitur tal-probang jiġi mgħoddi ġol-ħalq, fuq id-dorsum tal-ilsien u 'l isfel fil-part ta' fuq tal-esofagu. Isiru attentanti biex jinbarax l-epitelju tal-wieċ tal-esofagu ta' fuq u l-farinġi b'movimenti diretti laterali u dorsali. Il-probang imbagħad jitneħħa, jekk possibbli wara li l-animall ikun bela'. Il-kontenitur għandu jkun mimlij u fih taħlita ta' mukus, bżieq, fluwidu tal-esofagu, u frak taċ-ċelluli. Għandha tingħata attenzjoni biex ikun żġurat li kull kampjun fih materjal ċellulari viżibbli. Trattament goff ħafna li jikkawża ħruġ ta' demm għandu jkun evitat. Kampjuni minn xi animali jistgħu jkunu kkontaminati sew b'kontenut ruminali. It-tali kampjuni għandhom jintremew u l-ħalq tal-animalli jittlaħħal jew preferibbilment b'salina fisjoloġika, qabel ma jerġgħu jittieħdu l-kampjuni.

Trattament tal-kampjuni: Kull kampjun miġbur fil-kontenitur tal-probang jiġi eżaminat għall-kwalità u 2ml minnu jiġu miżjuda ma' volum ugwali tal-mezz tat-trasport f'kontenitur li jiflaħ għall-iffriżar. Il-kontenituri jiġu magħluqa sew, issiġillati, iddiżinfettati u mmarkati b'tabella. Il-kampjuni jinżammu kesħin (+ 4 °C) u jiġu eżaminata fi żmien tliet jew erba' siegħat jew imqiegħda fuq silġ niexef (- 69 °C) jew nitroġenu likwidu u jinżammu ffriżati sakemm jiġu eżaminati. Bejn l-użu fuq kull animalli l-probang tiġi ddiżinfettata u maħsula tliet darbiet f'ilma nadif mibdul kull darba

Ittestjar għall-vajrus FMD: Il-kampjuni huma mlaqqma f'kultivazzjonijiet primarji ta' ċelluli tat-tirojde bovina bl-użu ta' minimu ta' tliet tubi għal kull kampjun. Ċelluli oħra suxettibbli bħal ċelluli tal-kliewi bovini jew porċini jistgħu jintużaw, iżda għandu jiġi kkunsidrat li huma inqas sensitivi għal uħud mit-tensjonijiet tal-vajrus FMD. It-tubi jiġu inkubati f'temperatura ta' 37 °C fuq apparat b'rombli u jiġu eżaminati kull jum għal 48 siegħa għall-preżenza tal-effett ċitopatiku (CPE). Jekk negattiv, il-kultivazzjonijiet jiġu blind passaged f'kultivazzjonijiet ġodda u eżaminati mill-ġdid għal 48 siegħa. L-ispeċifità ta' kull CPE għandha tiġi kkonfermata.

Mezzi tat-trasport rakkomandati:

1. 0,08M buffer tal-fosfat pH 7,2 li fih 0,01 % albumina tas-serum bovin, 0,002 % aċidu karboliku aħmar u antibijotiċi.
2. Mezzi għall-kultivazzjoni ta' tessuti (bħal MEM ta' Eagle) li fihom 0,04M Hepes buffer, 0,01 % albumina tas-serum bovin u antibijotiċi, pH 7,2.
3. Antibijotiċi (għal kull ml finali) għandhom jizjeddu mal-mezz tat-trasport bħal penicillin 1 000 IU, neomycin sulphate 100 IU, polymyxin B sulphate 50 IU, mycostatin 100 IU.

## ▼ C1

(B) It-test għan-newtralizzazzjoni tal-vajrus għandu jsir skont il-protokoll li ġej:

**Reaġenti:** Ħażna ta' antiġen tal-FMDV titħejja f'kultivazzjonijiet ta' ċelluli jew fuq l-ilsien tal-frat u tiġi maħżuna f'temperatura ta'  $-70\text{ }^{\circ}\text{C}$  jew anqas jew ta'  $-20\text{ }^{\circ}\text{C}$  wara ż-żieda ta' 50 % glicerina. Din hija l-ħażna tal-antiġen. L-FMVD hija stabbli taħt dawn il-kondizzjonijiet u fuq perjodu ta' xhur tittitra ftit li xejn.

**Proċedura:** It-test isir fuq pjanċi mikrotitrati bil-qiegħ ċatt tal-grad tal-kultivazzjoni tat-tessuti bl-użu ta' ċelluli suxxettibbli bħal IB-RS-2, BHK-21 jew ċelluli tal-kliewi tal-għoġol. Is-seri għall-ittejtjar jitħalltu 1/4 f'mezz tal-kultivazzjoni ta' ċelluli ħielsa mis-serum b'żieda ta' 100 IU/ml neomicin jew antibijotiċi oħra adattati. Is-seri jiġu inattivati f'temperatura ta'  $56\text{ }^{\circ}\text{C}$  għal 30 minuta u ammonti ta' 0,05 ml jintużaw għat-tħejjija ta' serje doppja fuq pjanċi mikrotitrati bl-użu ta' sekwenzi għall-iddilwar ta' 0,05 ml. Il-vajrus ittirat minn qabel iddilwat ukoll f'mezz tal-kultivazzjoni ħieles mis-serum u li fih 100 TCID<sub>50</sub>/0,05 ml jiġi miżjud f'kull bir. Wara l-inkubazzjoni f'temperatura ta'  $37\text{ }^{\circ}\text{C}$  għal siegħa biex tippermetti n-newtralizzazzjoni, 0,05 ml ta' ċelluli fil-forma ta' likwidu b'partiċelli fih li fihom  $0,5$  sa  $1,0 \times 10^6$  ċelluli għal kull 1 ml fil-mezz tal-kultivazzjoni taċ-ċelluli li fihom antikorp tal-FMD ħieles mis-serum jiġu miżjuda f'kull bir u l-pjanċi jiġu ssiġillati. Il-pjanċi jiġu inkubati f'temperatura ta'  $37\text{ }^{\circ}\text{C}$ . Saffi waħdanin huma normalment konfluwenti fi żmien 24 siegħa. Fi 48 siegħa is-CPE huwa normalment avanzat biżżejjed sabiex jinqara b'mikroskopju għall-ittejtjar. F'dan il-ħin, l-aħħar qari mikroskopiku jista' jsir jew il-pjanċi jistgħu jiġu mgħammra u mtebba' għall-qari makroskopiku, per eżempju bl-użu ta' 10 % formol-saline u 0,05 % blu tal-metilin.

**Kontrolli:** Il-kontrolli f'kull test jinkludu antiserum omologu ta' titra magħrufa, kontroll taċ-ċellula, kontroll tat-tossiċità tas-serum, kontroll tal-mezzi u titrazzjoni tal-vajrus li minnu l-ammont attwali tal-vajrus fit-test jiġi kkalkulat.

**Interpretazzjoni:** Il-bjar b'evidenza ta' CPE jitqiesu li huma infettati u t-titri tan-newtralizzazzjoni huma espressi bħala l-maqlub ta' sustanza dilwita finali tas-serum preżenti fit-taħlilet tas-serum/vajrus fil-50 % tal-punt finali skont il-metodu ta' Spearman-Kärber. (Karber, G., 1931, Arkivju għall-Patoloġija Esperimentali u għall-Farmakoloġija, 162, 480). It-testijiet jitqiesu validi meta l-ammont attwali tal-vajrus użat għal kull bir waqt it-test huwa bejn 101,5 u 102,5 TCID<sub>50</sub> u meta t-titra tas-serum ta' referenza hija fi ħdan id-doppju tat-titra mistennija, stmata mill-valur tas-serje tat-titrazzjonijiet ta' qabel. Meta l-kontrolli jaqgħu 'l barra minn dawn il-limiti, it-testijiet jiġu ripetuti. Titra fuq punt finali ta' 1/11 jew anqas jitqies bħala negattiva.

## ▼ C1

(C) Is-sejba u l-kwantifikazzjoni tal-antikorp permezz tal-ELISA għandu jsir skont il-protokoll li ġej:

**Reaġenti:** Antiseri tal-fenek għall-antigen 146S ta' seba' tipi tal-vajrus tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer (FMDV) użati f'konċentrazzjoni ottimali stabbiliti minn qabel f'buffer tal-karbonat/bikarbonat, pH 9,6. L-antiġeni jitħejjew minn tensjonijiet molekulari partikolari tal-vajrus li jtkabbar fuq is-saffi waħdanin ta' cellulul BHK-21. Is-supernatants mhux purifikati jintużaw u jiġu ttitrati minn qabel skont il-protokoll iżda mingħajr is-serum, biex jagħtu sustanza dilwita li wara ż-żieda ta' volum ugwali ta' PBST (buffered saline tal-fosfat li fih 0,05 % Tween-20 u indikatur ta' aċidu karboliku aħmar) jagħtu qari tad-densità ottika ta' bejn 1,2 u 1,5. Il-vajrusis jistgħu jintużaw inattivati. Il-PBST jintuża bħala sustanza dilwenti. Antiseri tal-fenek tal-Indi jitħejjew billi l-fniek tal-Indi jiġu mlaqqma bl-antigen 146S ta' kull serotip. Konċentrazzjoni ottimali stabbilita minn qabel titħejja f'PBST li fih 10 % serum normali tal-bovini u 5 % serum normali tal-fenek. Immunoglobulina tal-fenek kontra l-fenek tal-Indi kkonjugata għall-perossidase tal-għerq tal-mustarda jintuża f'konċentrazzjoni ottimali stabbilita minn qabel f'PBST li fih 10 % serum normali tal-bovini u 5 % serum normali tal-fenek. Is-seri għall-ittejtjar jiġu ddilwati fil-PBST.

*Proċedura:*

1. Il-pjanċi ELISA jiġu miksija b'50 µl ta' seri antivirali tal-fenek matul il-lejl f'kamra umda f'temperatura tal-kamra.
2. Ħamsin mikrolitru ta' serje doppja duplikata ta' kull serum għall-ittejtjar b'1/4 jiġu mħejjija fi pjanċi bil-qiegħ forma ta' U b'ħafna bjar (pjanċi ġarriera). Ħamsin mikrolitru ta' dożi kostanti ta' antigen jiġu miżjuda f'kull bir u t-taħlitiet jitħallew matul il-lejl f'temperatura ta' 4 °C. Iż-żieda tal-antigen tnaqqas l-iddilwar tas-serum tal-bidu għal 1/8.
3. Il-pjanċi ELISA jinħaslu ħames darbiet b'PBST.
4. Ħamsin mikrolitru ta' taħlitiet ta' serum/antigen imbagħad jiġu trasferiti mill-pjanċi ġarriera lejn il-pjanċi ELISA miksija bis-serum tal-fenek u jiġu inkubati f'temperatura ta' 37 °C għal siegħa fuq tagħmir rototarju li jħallat.
5. Wara l-ħasil, 50 µl ta' antiserum tal-fenek tal-Indi għall-antigen użat fil-punt 4 jiġi miżjud f'kull bir. Il-pjanċi jiġu inkubati f'temperatura ta' 37 °C għal siegħa fuq tagħmir rototarju li jħallat.
6. Il-pjanċi jiġu maħsula u 50 µl ta' immunoglobulina tal-fenek kontra l-fenek tal-Indi kkonjugata għal perossidase tal-għerq tal-mustarda tiġi miżjuda f'kull bir. Il-pjanċi jiġu inkubati f'temperatura ta' 37 °C għal siegħa fuq tagħmir rototarju li jħallat.
7. Il-pjanċi jiġu maħsula u 50 µl ta' orthophenylene diamine li fih 0,05 % H<sub>2</sub>O<sub>2</sub> (30 %) w/v jiġu miżjuda f'kull bir.
8. Ir-reazzjoni titwaqqaf wara 15 –il minuta b'1.25M ta' H<sub>2</sub>SO<sub>4</sub>.

Il-pjanċi jinqraw b'mod spettrofotometriku b'492 nm fuq tagħmir għall-qari tal-ELISA konness ma' mikrokomputer.

## ▼ C1

Kontrolli:	Għal kull antiġen użat 40 bir ma fihom l-ebda serum iżda fihom antiġen iddilwat fil-PBST. Serje duplikata ta' sustanza dilwita doppja ta' antiserum omologu tal-bovini ta' referenza. Serje duplikata ta' sustanza dilwita doppja ta' serum negattiv tal-bovini.
Interpretazzjoni:	Titri tal-antikorpi huma espressi bħala s-sustanza dilwita finali tas-serum għall-ittestjar li jagħtu 50 % tal-mejda tal-valur OD irreġistrat fil-bjar tal-kontroll tal-vajrus fejn is-serum għall-ittestjar huwa assenti. Titri ta' aktar minn 1/40 jitqiesu pożittivi.
Referenzi:	Hamblin C, Barnett ITR u Hedger RS (1986) "Analiżi ġdida dwar immunosorbent relatat ma' enzimi (ELISA) għas-sejba ta' antikorpi kontra l-vajrus tal-ilsien u d'wiefer. I. Żvilupp u Metodu tal-ELISA." Ġurnal ta' Metodi Immunoloġiċi, 93, 115 sa 121.11.

## 11-Marda tal-Aujeszky (AJD)

(A) It-test għan-newtralizzazzjoni tas-serum għandu jsir skont il-protokoll li ġej:

Serum:	Is-seri kollha jiġu inattivati bis-sħana b'temperatura ta' 56 °C għal 30 minuta qabel l-użu.
Proċedura:	It-test għan-newtralizzazzjoni tas-serum b'vajrus li jvarja b'mod kostanti fuq pjanċi mikrotitrati japplika l-Vero jew sistemi sensitivi oħra ta' ċelluli. Il-vajrus tal-marda tal-Aujeszky jintuża fi 100 TCID <sub>50</sub> għal kull 0,025 ml; kampjuni inattivi tas-serum mhux iddilwat jitħalltu ma' volum ugwali (0,025 ml) tal-vajrus fil-forma likwida b'partiċelli solidi. It-taħlitet tal-vajrus/-serum jiġu inkubati għal sagħtejn f'temperatura ta' 37 °C fil-pjanċi mikrotitrati qabel jiġu miżjuda ċ-ċelluli adattati. Iċ-ċelluli jintużaw f'konċentrazzjoni li tiffurma saff wieħed komplut wara 24 siegħa.
Kontrolli:	(i) analiżi tal-infettività tal-virus, (ii) kontroll tat-tossiċità tas-serum, (iii) kontrolli tal-kultivazzjoni taċ-ċelluli mhux imlaqqma, (iv) antisera ta' referenza.
Interpretazzjoni:	Ir-riżultati tat-test għan-newtralizzazzjoni u t-titra tal-vajrus użata waqt it-test jiġu rreġistrati wara tlieta sa sebat ijiem ta' inkubazzjoni f'temperatura ta' 37°. It-titri tas-serum anqas minn 1/2 (serum mhux dilwit) jitqiesu negattivi.

(B) Kull test ieħor rikonoxxut fil-qafas tad-Deċiżjoni 2008/185/EC <sup>(1)</sup>.

## Gastro-enterite li titieħed (TGE)

It-test għan-newtralizzazzjoni tas-serum għandu jsir skont il-protokoll li ġej:

Serum:	Is-seri kollha jiġu inattivati bis-sħana b'temperatura ta' 56 °C għal 30 minuta qabel l-użu.
Proċedura:	It-test għan-newtralizzazzjoni tas-serum b'vajrus li jvarja b'mod kostanti fuq pjanċi mikrotitrati japplika ċ-ċelluli A 72 (tumur tal-klieb) jew sistemi sensitivi oħra ta' ċelluli. Il-vajrus tat-TGE jintuża fi 100 TCID <sub>50</sub> għal kull 0,025 ml; kampjuni inattivi tas-serum mhux dilwit jitħalltu ma'

<sup>(1)</sup> ĠU L 59, 4.3.2008, p. 19.

▼ **C1**

volum ugwali (0,025 ml) tal-vajrus fil-forma likwida b'partiċelli solidi. It-taħlit tal-vajrus/serum jiġu inkubati għal 30 sa 50 minuta f'temperatura ta' 37 °C fil-pjanċi mikrotitrati qabel jiġu miżjuda ċ-ċelluli adattati. Iċ-ċelluli jintużaw f'konċentrazzjoni li tiffirma saff wieħed komplut wara 24 siegħa. Kull ċellula tirċievi 0,1 ml tal-likwidu b'partiċelli solidi taċ-ċellula.

**Kontrolli:** (i) analiżi tal-infettività tal-virus, (ii) kontroll tat-tossiċità tas-serum, (iii) kontrolli tal-kultivazzjoni taċ-ċelluli mhux imlaqqma, (iv) antisera ta' referenza.

**Interpretazzjoni:** Ir-riżultati tat-test għan-newtralizzazzjoni u t-titra tal-vajrus użata waqt it-test jiġu rreġistrati wara tliet sa ħamest ijiem ta' inkubazzjoni f'temperatura ta' 37 °C. It-titri tas-serum anqas minn 1/2 (sustanza dilwita finali) jitqiesu negattivi. Jekk kampjuni tas-serum mhux dilwit huma tossiċi għall-kultivazzjoni tat-tessuti, dawn is-seri jistgħu jiġu iddilwati 1/2 qabel ma jintużaw fit-test. Dan huwa ekwivalenti għal 1/4 tas-sustanza dilwita finali tas-serum. It-titri tas-serum inqas minn 1/4 (sustanza dilwita finali) f'dawn il-każijiet jitqiesu negattivi.

#### Marda Veskulari tal-Ħnieżer (SVD)

Testijiet għall-marda veskulari tal-ħnieżer (SVD) għandhom isiru skont id-Deċiżjoni 2000/428/KE <sup>(1)</sup>.

#### Id-Deni Klassiku tal-Ħnieżer (CSF)

Testijiet għad-deni klassiku tal-ħnieżer (CSF) għandhom isiru skont id-Deċiżjoni 2002/106/KE <sup>(2)</sup>.

It-tweġiq tat-testijiet għas-CSF għandhom isegwu l-linji gwida stabbiliti fil-Kapitolu rilevanti tal-Manwal tal-OIE għal Testijiet Dijanjostiċi u għal Tilqim għal Annimali Terrestri.

Il-valutazzjoni tas-sensittività u l-ispeċifità tat-test seroloġiku għas-CSF għandhom isiru f'laboratorju nazzjonali bi skema stabbilita ta' assigurarazzjoni tal-kwalità. It-testijiet li jsiru jridu jintwerew sabiex tiġi rikonnoxuta medda ta' seri ta' referenza pożittivi dgħajfa u b'saħħithom u li jippermettu s-sejba ta' antikorp fil-fażi tal-bidu u l-konvalenxa.

▼ **M12**

#### Stomatite vesikulari (VS)

It-test tan-newtralizzazzjoni tal-vajrus (VN) għandu jsir skont il-protokoll għall-itestjar għall-istomatite vesikulari stabbiliti fil-Kapitolu 2.1.19 tal-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u Vaċċini għall-Annimali Terrestri tal-OIE.

Is-sera li ttiprevjeni l-effett ċitopatiku (CPE) b'dilwiz'zjonijiet ta' 1 fi 32 jew aktar għandha tiġi kkunsidrata li fiha l-antikorp għall-vajrus tal-istomatite vesikulari tal-ħnieżer.

▼ **C1**

#### PARTI 7

**Kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni u l-kwarantina għal annimali impurtati f' St. Pierre u f'Miquelon fi żmien perjodu ta' inqas minn sitt xhur qabel l-introduzzjoni fl-Unjoni**

(imsemmija fl-Artikolu 6)

*Speċi ta' animal kopert*

Grupp tassonomiku		
ORDNI	FAMILJA	ĠENERU U SPEĊI
Artiodactyla	Camelidae	<i>Camelus</i> ssp, <i>Lama</i> ssp, <i>Vicugna</i> ssp.

<sup>(1)</sup> ĠU L 167, 7.7.2000, p. 22.

<sup>(2)</sup> ĠU L 39, 9.2.2002, p. 71.

## ▼ C1

## KAPITOLU 1

*Residenza u Kwarantina*

1. L-annimali impurati f'St. Pierre u f'Miquelon għandhom jirresjedu f'faċilità tal-kwarantina għal perjodu minimu ta' 60 jum qabel ma jintbagħtu għall-introduzzjoni fl-Unjoni. Dan il-perjodu jista' jżied minħabba rekwiżiti relatati mal-ittestjar għal speċi individwali. Barra minn hekk l-annimali għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) Fiċ-ċentru tal-kwarantina jistgħu jidħlu konsenji separati. Iżda mad-dħul fiċ-ċentru tal-kwarantina l-annimali kollha tal-istess speċi fil-faċilità tal-kwarantina jitqiesu bħala grupp wieħed, u wieħed jirreferi għalihom hekk. Il-perjodu tal-kwarantina għall-grupp sħiħ għandu jibda' fiż-żmien meta l-aħħar annimal jidħol fil-faċilità tal-kwarantina.
- (b) Fiċ-ċentru tal-kwarantina kull grupp speċifiku ta' annimali għandu jinżamm iżolat, bl-ebda kuntatt dirett jew indirett ma' kwalunkwe annimal ieħor, inklużi dawk minn konsenji oħra li jista' jkun hemm.

Kull kunsinna għandha tinżamm f'ċentru tal-kwarantina approvat u tiġi protetta minn insetti li jgħorru organiżmi infettivi.

- (c) Jekk, waqt il-perjodu tal-kwarantina, grupp ta' annimali ma jinżammux iżolati u jsir kuntatt ma' annimali oħra, il-perjodu tal-kwarantina jrid jerġa' jibda' mill-ġdid għall-istess tul taż-żmien kif stipulat fil-bidu meta l-annimali daħlu fiċ-ċentru tal-kwarantina.
- (d) Annimali għall-introduzzjoni fl-Unjoni li jgħaddu miċ-ċentru tal-kwarantina għandhom jiġu mgħobbija u mibgħuta direttament lejn l-Unjoni:
  - (i) mingħajr ma jiġu f'kuntatt ma' annimali oħra ħlief dawk li jissodisfaw il-kondizzjonijiet tas-saħħa stabbiliti għall-introduzzjoni tal-kategorija ta' annimali rilevanti fl-Unjoni;
  - (ii) issegregati f'konsenji b'tali mod li l-ebda kunsinna ma tista' tiġi f'kuntatt ma' annimali mhux eliġibbli għall-importazzjoni fl-Unjoni;
  - (iii) F'vetturi tat-trasport jew kontejners, li l-ewwel ikunu ġew imnaddfa u ddiżinfettati b'diżinfettant uffiċjalment awtorizzat f'St. Pierre u f'Miquelon bħala miżura effettiva għall-kontroll tal-mard imsemmi fil-Kapitolu 2 u li huma mibnija b'tali mod li l-ħmieġ, l-awrina, l-imfierex jew l-għalf ma jkunux jistgħu jnixxu jew jaqgħu barra mill-vettura waqt it-trasportazzjoni.

2. Il-bini taċ-ċentru tal-kwarantina għandu jkun konformi mill-inqas mal-istandards minimi stipulati fl-Anness B għad-Direttiva 91/496/KEE <sup>(1)</sup>, u mal-kondizzjonijiet li ġejjin:

- (a) huma għandhom jiġu sorveljati minn veterinarju uffiċjali;
- (b) huma għandhom ikunu fiċ-ċentru ta' żona b'dijametru ta' mill-inqas 20 km, li fiha, skont riżultati uffiċjali, ma kien hemm l-ebda każ tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer għal mill-inqas 30 ġurnata qabel l-bidu tal-użu tagħhom bħala ċentru tal-kwarantina;

<sup>(1)</sup> ĠU L 268, 24.9.1991, p. 56.

## ▼ C1

- (c) qabel ma jibdedw jintużaw bħala ċentri tal-kwarantina, huma għandhom jiġu mnaddfa u ddiżinfettati b'diżinfettant uffiċjalment awtorizzat f'St Pierre et Miquelon bħala miżura effettiva għall-kontroll tal-mard imsemmi fil-Kapitolu 2;
- (d) huma għandhom joperaw, b'kunsiderazzjoni tal-kapaċità tagħhom ta' kemm iżommu animali:
- (i) faċilità dedikata esklussivament għall-kwarantina ta' animali, inkluża akkomodazzjoni adattata bi standard adegwat għall-animali,
  - (ii) faċilitajiet adattati, li:
    - jistgħu jtnaddfu u jiġu ddiżinfettati faċilment,
    - li jinkludu faċilitajiet għat-tagħbija u l-ħatt bla periklu,
    - li jissodisfaw il-ħtiġijiet kollha għat-tisqija u l-għalf tal-animali,
    - li jippermettu l-amministrazzjoni faċli ta' kwanlunkwe trattament veterinarju meħtieġ;
  - (iii) faċilitajiet adattati għall-ispezzjoni u l-iżolament;
  - (iv) tagħmir adattat għat-tindif u d-diżinfekzjoni ta' kmamar u vetturi tat-trasport;
  - (v) żona adattata għall-ħażna ta' għalf, mifrex u demel;
  - (vi) sistema adattata għall-ġabra ta' ilma użat;
  - (vii) uffiċċju għall-veterinarju uffiċjali.
- (e) meta joperaw, huma għandu jkollhom numru suffiċjenti ta' veterinarji sabiex iwettqu d-dmirijiet kollha;
- (f) huma għandhom idaħħlu biss animali li huma idividwalment identifikati sabiex tiġi ggarantita t-traċċabilità. Għal dan il-għan, meta jiddaħħlu l-animali s-sid jew il-persuna inkarigata li tmexxi ċ-ċentru tal-kwarantina għandhom jiżguraw li l-animali huma identifikati tajjeb u li huma akkumpanjati minn ċertifikati dwar is-saħħa għall-ispeċi u l-kategoriji involuti. Barra minn hekk, is-sid jew il-persuna inkarigata li tmexxi ċ-ċentru tal-kwarantina għandhom iniżżlu f'reġistru jew f'dejtabejż u jżommuhom għal minimu ta' tliet snin, l-isem tas-sid, l-oriġini tal-animali fil-kunsinna, in-numru ta' identifikazzjoni tal-animali fil-kunsinna u d-destinazzjoni tagħhom;
- (g) l-awtorità kompetenti għandha tiddetermina l-proċedura għas-sorveljanza uffiċjali taċ-ċentru tal-kwarantina u għandha tassigura li din is-sorveljanza ssir; din is-sorveljanza għandha tinkludi spezzjonijiet regolari sabiex jiġi aċċertat li r-reqwiziti għall-approvazzjoni għadhom jiġu sodisfatti. F'każ ta' nuqqas ta' konformità jew ta' sospensjoni l-approvazzjoni tista' terġa' tingħata biss, meta l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta li l-bini tal-kwarantina huwa kompletament konformi mal-kondizzjonijiet kollha stipulati fil-punti (a) sa (g).

▼ **C1***KAPITOLU 2**Testijiet tas-saħħa tal-annimali*

## 1. REKWIŻITI ĠENERALI

L-annimali għandhom jiġu soġġetti għat-testijiet li ġejjin, li jsiru fuq kampjuni ta' demm meħuda jekk mhux stabbilit mod ieħor, mhux aktar kmieni minn 21 ġurnata mid-data tal-bidu tal-perjodu ta' iżolament.

It-testijiet tal-laboratorji għandhom isiru f'laboratorju approvat fl-Unjoni u it-testijiet tal-laboratorju kollha u r-riżultati tagħhom, tilqim u trattamenti għandhom jiġu mehmuża maċ-ċertifikat tas-saħħa.

Sabiex ikun hemm mill-inqas interventi fuq l-annimali, il-ġabra tal-kampjuni, testijiet u kull tilqim għandhom fejn huma possibbli jsiru f'daqqa filwaqt li jiġu rrispettati l-intervalli ta' żmien minimi skont il-protokoll għall-ittestjar stipulati fil-Parti 2 ta' dan il-Kapitolu.

## 2. REKWIŻITI SPEĊIFIĊI

## 2.1 CAMELIDAE

2.1.1 *Tuberkolożi*

- (a) **Test li għandu jintuża:** it-test tar-reazzjoni intradermali komparattiva bl-użu ta' derivattiv tal-proteini purifikati tal-bovini (PPD) u PPD tal-għasafar li huma konformi mal-istandards għall-manifattura ta' tuberkulini bovini u tal-għasafar kif deskritt fil-punt 2.1.2 tal-Anness B tad-Direttiva 64/432/KEE.

It-test għandu jsir fiż-żona ta' wara l-ispalla (żona tal-abt) skont it-teknika deskritta fil-punt 2.2.4 tal-Anness B tad-Direttiva 64/432/KEE.

- (b) **Tqassim taż-żmien:** l-annimali għandhom jiġu ttestjati fi żmien jumejn mid-data tal-wasla fiċ-ċentru tal-kwarantina u 42 ġurnata wara d-data tal-ewwel test.

(c) **Interpretazzjoni tat-testijiet:**

Ir-reazzjoni għandha tiġi meqjusa:

— negattiva jekk iż-żieda fil-ħxuna tal-ġilda tkun inqas minn 2 mm.

— pożittiva jekk iż-żieda fil-ħxuna tal-ġilda tkun aktar minn 4 mm.

— inkonklusiva jekk iż-żieda fil-ħxuna tal-ġilda għall-PPD bovina tkun bejn 2mm u 4 mm, jew aktar minn 4 mm iżda inqas mir-reazzjoni għall-PPD tal-għasafar.

(d) **Għażla ta' azzjonijiet li jistgħu jittieħdu wara l-ittestjar:**

Jekk animal ikollu riżultat pożittiv tar-reazzjoni intradermali għall-PPD bovina, l-annimal għandu jiġi eskluż mill-grupp u l-annimali l-oħra għandhom jiġu ttestjati mill-ġdid, liema testijiet jibdew mill-inqas 42 ġurnata mid-data tal-ewwel test pożittiv li ġie amministrat u dan jitqies bħala l-ewwel test kif deskritt fl-ittra (b).

Jekk fil-grupp ikun hemm aktar minn animal wieħed li għandu riżultat pożittiv, il-grupp kollu ma jiġix aċċettat għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni.



▼ **C1**

Jekk annimal wieħed jew aktar annimali tal-istess grupp ikollhom reazzjoni inkonklussiva, il-grupp sħiħ jerġa' jiġi ttestjat mill-ġdid liema testijiet jibdev mill-inqas 42 ġurnata mid-data tal-ewwel test pożittiv li ġie amministrat u dan jitqies bħala l-ewwel test kif deskritt fl-ittra (b).

2.1.2 *Bruċellożi*(a) **Test li għandu jintuża:**

- (i) *Brucella abortus*: Rose Bengal test (RBT) u test tal-agglutinazzjoni tas-serum (SAT) kif deskritti rispettivament fil-punti 2.5 u 2.6 tal-Anness C mad-Direttiva 64/432/KEE. Fil-każ ta' riżultat pożittiv, għandu jsir test ta' complement-fixation kif deskritt fil-Parti 6 tal-Anness I mar-Regolament (UE) Nru 206/2010 għall-konferma.
- (ii) *Brucella melitensis*: L-RBT u s-SAT kif deskritti rispettivament fil-punti 2.5 u 2.6 tal-Anness C mad-Direttiva 64/432/KEE. Fil-każ ta' riżultat pożittiv, għandu jsir test ta' complement-fixation skont il-metodu deskritt fl-Anness C mad-Direttiva 91/68/KE għall-konferma.
- (iii) *Brucella ovis*: Test ta' complement fixation kif deskritt fl-Anness D mad-Direttiva 91/68/KE

- (b) **Tqassim taż-żmien**: l-annimali għandhom jiġu ttestjati fi żmien jumejn mid-data tal-wasla tagħhom fiċ-ċentru tal-kwarantina u 42 ġurnata wara d-data tal-ewwel test.

(c) **Interpretazzjoni tat-testijiet:**

Reazzjoni pożittiva għat-testijiet hija kif definita fl-Anness C mad-Direttiva 64/432/KEE.

(d) **Għażla ta' azzjonijiet li jistgħu jittieħdu wara l-ittestjar:**

Annimali ttestjati pożittivi għal wieħed mit-testijiet għandhom jiġu esklużi mill-grupp u l-annimali l-oħra għandhom jiġu ttestjati mill-ġdid, liema testijiet jibdev mill-inqas 42 ġurnata mid-data tal-ewwel test pożittiv li sar: dan jitqies bħala l-ewwel test kif deskritt fl-ittra (b).

Annimali ttestjati negattivi għal żewġ testijiet konsekuttivi li saru kif deskritt fl-ittra (b) biss għandhom jiġu awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni.

2.1.3 *Bluetongue u l-marda epiżootika emorraġika (EHD).*

- (a) **Test li għandu jintuża**: l-agar gel immunodiffusion (AGID) test kif deskritt fil-Parti 6 tal-Anness I mar-Regolament (UE) Nru 206/2010.

Fil-każ ta' reazzjoni pożittiva l-annimali għandhom jiġu ttestjati bit-test kompettitiv tal-ELISA kif deskritt fil-Parti 6 tal-Anness I mar-Regolament (UE) Nru 206/2010 sabiex wieħed jiddistingwi bejn iż-żewġ mardiet.

(b) **Tqassim taż-żmien:**

L-annimali għandhom jiġu ittestjati darbtejn b'riżultat negattiv. L-ewwel fi żmien jumejn mid-data tal-wasla tagħhom fiċ-ċentru tal-kwarantina u t-tieni wara mill-inqas 21 ġurnata mid-data tal-ewwel test.

▼ **C1****(c) Għażla ta' azzjonijiet li jistgħu jittieħdu wara l-ittestjar:****(i) Bluetongue**

Jekk animal wieħed jew aktar animali jkollhom riżultat pożittiv għall-ELISA kif deskritt fil-parti 6 tal-Anness I mar-Regolament (UE) Nru 206/2010, l-animal/animali b'riżultat pożittiv għandhom jiġu esklużi mill-grupp u l-animali kollha l-oħra fil-grupp għandhom jinżammu fil-kwarantana għal 100 ġurnata, liema kwarantana tibda' mid-data li fiha ngábru l-kampjuni li rriżultat pożittiv għat-test. Il-grupp jista' biss jitqies ħieles mill-marda tal-bluetongue jekk spezzjonijiet regolari mill-veterinarji uffiċjali waqt il-perjodu tal-kwarantana ma juru l-ebda sintomi kliniċi tal-marda u ċ-ċentru tal-kwarantana jibqa' ħieles minn organiżmi li jgórro parassiti li jikkawżaw il-marda tal-bluetongue (*Culicoides*).

Jekk animal ieħor juri sintomi kliniċi tal-marda tal-bluetongue waqt il-perjodu tal-kwarantana kif deskritt fis-subparagrafu, l-animali kollha fil-grupp m'għandhomx jiġu aċċettati għall-introduzzjoni fl-Unjoni.

**(ii) Il-marda epizootika emorraġika (EHD)**

Jekk wieħed jew aktar mill-animali ttestjati jirriżultaw pożittiv għall-preżenza ta' antikorpi għall-vajrus tal-EHD waqt l-ittestjar konfermattiv tal-ELISA, l-animal(i) għandhom jiġu kkunsidrati pożittivi u għandhom jiġu esklużi mill-grupp, u l-grupp sħiħ għandu jiġi ttestjat mill-ġdid, liema testijiet għandhom jibdeu mill-inqas 21 ġurnata mid-data tad-dijanjożi pożittiva inizzjali u jergġhu jsiru mill-ġdid mill-inqas 21 ġurnata mid-data tat-test ripetut, it-tnejn b'riżultati negattivi.

Jekk xi animali oħra jiġu ttestjati b'riżultat pożittiv kemm f'wieħed jew fiż-żewġ testijiet li saru għall-ittestjar ripetut, il-grupp kollu tal-animali m'għandux jiġi aċċettat għall-introduzzjoni fl-Unjoni.

**2.1.4 Il-marda tal-ilsein u d-dwiefer (FMD)**

**(a) Test li għandu jintuża:** Testijiet dijanjoziċi (probang u seroloġiċi) bl-użu tal-ELISA u ta' tekniki (VN) (Newtralizzazzjoni tal-Vajrus) skont il-Protokoll deskritti fil-Parti 6 tal-Anness I mar-Regolament (UE) Nru 206/2010.

**(b) Tqassim taż-żmien:** L-animali għandhom jiġu ttestjati b'riżultati negattivi għal żewġ testijiet: l-ewwel fi żmien jumejn mid-data tal-wasla tagħhom fi-ċentru tal-kwarantana u t-tieni mill-inqas 42 ġurnata mid-data tal-ewwel test.

**(c) Għażla ta' azzjonijiet li jistgħu jittieħdu wara l-ittestjar:** Jekk xi animal ittestjat ikollu riżultat pożittiv għall-vajrus tal-FMD, l-ebda animal li jinsab fi-ċentru tal-kwarantana ma jitqies eliġibbli għall-introduzzjoni fl-Unjoni.

**Nota:** Kull sejba ta' antikorpi strutturali u mhux strutturali għall-proteini tal-vajrus tal-FMD għandha titqies bħala riżultat ta' infezzjoni preċedenti tal-FMD irrispettivament mill-istat tat-tilqima.

▼ **C1**2.1.5 *Rinderpest*

- (a) **Test li għandu jintuża:** It-test tal-ELISA kompetittiv kif deskritt fil-Manwal OIE tat-Testijiet Dijanjostiċi u Tilqim għall-Animali Terrestri, l-aħħar verżjoni, huwa t-test preskritt għall-kummerċ internazzjonali u huwa test soġġett għall-għażla. It-test għan-newtralizzazzjoni tas-serum, jew testijiet oħra rikonuxxuti skont il-protokoll deskritti fit-taqsimiet rilevanti tal-Manwal OIE jistgħu jintużaw ukoll.
- (b) **Tqassim taż-żmien:** L-animali għandhom jiġu ttestjati darbtejn: l-ewwel fi żmien jumejn mid-data tal-wasla tagħhom fiċ-ċentru tal-kwarantana u t-tieni mill-inqas 42 ġurnata mid-data tal-ewwel test.
- (c) **Għażla ta' azzjonijiet li jistgħu jittieħdu wara l-ittestjar:** jekk xi animal ittestjat jirriżulta pożittiv għall-vajrus tar-rinderpest, l-ebda animal li jinsab fiċ-ċentru tal-kwarantana ma jitqies eliġibbli għall-introduzzjoni fl-Unjoni.

2.1.6 *Stomatite veskulari*

- (a) **Test li għandu jintuża:** ELISA, it-test għan-newtralizzazzjoni tal-vajrus, jew test ieħor rikonoxxut skont il-protokoll deskritti fit-taqsimiet rilevanti tal-Manwal OIE.
- (b) **Tqassim taż-żmien:** L-animali għandhom jiġu ttestjati darbtejn: l-ewwel fi żmien jumejn mid-data tal-wasla tagħhom fiċ-ċentru tal-kwarantana u t-tieni mill-inqas 42 ġurnata mid-data tal-ewwel test.
- (c) **Għażla ta' azzjonijiet li jistgħu jittieħdu wara l-ittestjar:** jekk xi animal ittestjat jirriżulta pożittiv għall-vajrus tal-istomatite veskulari, l-ebda animal li jinsab fiċ-ċentru tal-kwarantana ma jitqies eliġibbli għall-introduzzjoni fl-Unjoni.

2.1.7 *Id-deni ta' Rift valley*

- (a) **Test li għandu jintuża:** ELISA, it-test għan-newtralizzazzjoni tal-vajrus, jew test ieħor rikonoxxut skont il-protokoll deskritti fit-taqsimiet rilevanti tal-Manwal OIE.
- (b) **Tqassim taż-żmien:** L-animali għandhom jiġu ttestjati darbtejn: l-ewwel fi żmien jumejn mid-data tal-wasla tagħhom fiċ-ċentru tal-kwarantana u t-tieni mill-inqas 42 ġurnata mid-data tal-ewwel test.
- (c) **Għażla ta' azzjonijiet li jistgħu jittieħdu wara l-ittestjar:** jekk xi animal juri evidenza li huwa espost għal aġenti tad-deni ta' Rift valley, l-ebda animal li jinsab fiċ-ċentru tal-kwarantana ma jitqies eliġibbli għall-introduzzjoni fl-Unjoni.

2.1.8 *Lumpy skin disease*

- (a) **Test li għandu jintuża:** Seroloġija bl-użu tal-ELISA, tat-test għan-newtralizzazzjoni tal-vajrus, jew test ieħor rikonoxxut skont il-protokoll deskritti fit-taqsimiet rilevanti tal-Manwal OIE.
- (b) **Tqassim taż-żmien:** L-animali għandhom jiġu ttestjati darbtejn: l-ewwel fi żmien jumejn mid-data tal-wasla tagħhom fiċ-ċentru tal-kwarantana u t-tieni mill-inqas 42 ġurnata mid-data tal-ewwel test.

## ▼ C1

- (c) **Għażla ta' azzjonijiet li jistgħu jittieħdu wara l-ittestjar:** jekk xi annimal juri evidenza li huwa espost għal-lumpy skin disease, l-ebda annimal li jinsab fiċ-ċentru tal-kwarantina ma jitqies eliġibbli għall-introduzzjoni fl-Unjoni.

2.1.9 *Deni emorraġiku tal-Kongo Krimean*

- (a) **Test li għandu jintuża:** ELISA, it-test għan-newtralizzazzjoni tal-vajrus, it-test immunofluworexxenti jew test ieħor rikonoxxut
- (b) **Tqassim taż-żmien:** l-annimali għandhom jiġu ttestjati darbtejn: l-ewwel fi żmien jumejn mid-data tal-wasla tagħhom fiċ-ċentru tal-kwarantina u t-tieni mill-inqas 42 ġurnata mid-data tal-ewwel test.
- (c) **Għażla ta' azzjonijiet li jistgħu jittieħdu wara l-ittestjar:** jekk xi annimal juri evidenza li huwa espost għad-deni emorraġiku tal-Kongo Krimean, l-ebda annimal li jinsab fiċ-ċentru tal-kwarantina ma jitqies eliġibbli għall-introduzzjoni fl-Unjoni.

2.1.10 *Surra (Trypanosoma evansi (T. evansi))*

- (a) **Test li għandu jintuża:** L-aġent parassita jista' jiġi identifikat f'kampjuni konċentrati tad-demem skont il-protokoll deskritti fit-taqsimiet rilevanti tal-Manwal OIE.
- (b) **Tqassim taż-żmien:** l-annimali għandhom jiġu ttestjati darbtejn: l-ewwel fi żmien jumejn mid-data tal-wasla tagħhom fiċ-ċentru tal-kwarantina u t-tieni mill-inqas 42 ġurnata mid-data tal-ewwel test.
- (c) **Għażla ta' azzjonijiet li jistgħu jittieħdu wara l-ittestjar:** Jekk f'xi annimal fil-kunsinna jinstab it-*T. evansi*, l-annimali għandu jiġi meqjusa mhux eliġibbli għall-introduzzjoni fl-Unjoni. L-annimali l-oħra tal-grupp għandhom jgħaddu minn trattament intern u estern antiparassita bl-użu tal-aġenti adattati li huma effettivi kontra t-*T. evansi*.

2.1.11 *Deni katarrali malinju*

- (a) **Test li għandu jintuża:** sejba ta' DNA virali bbażata fuq l-identifikazzjoni permezz tal-immunofluworexxenza jew tal-immunocitokimika bl-użu tal-protokoll kif deskritti fit-taqsimiet rilevanti tal-Manwal OIE.
- (b) **Tqassim taż-żmien:** l-annimali għandhom jiġu ttestjati darbtejn: l-ewwel fi żmien jumejn mid-data tal-wasla tagħhom fiċ-ċentru tal-kwarantina u t-tieni mill-inqas 42 ġurnata mid-data tal-ewwel test.
- (c) **Għażla ta' azzjonijiet li jistgħu jittieħdu wara l-ittestjar:** Jekk xi annimal juri evidenza li huwa espost għall-MCF, l-ebda annimal li jinsab fiċ-ċentru tal-kwarantina ma jitqies eliġibbli għall-introduzzjoni fl-Unjoni.

2.1.12 *Il-marda tar-rabja*

**Tilqim:** tilqim kontra r-rabja jista' jsir meta mitlub mill-Istat Membru tad-destinazzjoni u l-annimali għandu jittiedilhom kampjun tad-demem u għandu jsir test għan-newtralizzazzjoni tas-serum għal antikorpi.

2.1.13 *Lewkożi bovina enzootika. (jsir biss f'każijiet fejn l-annimali huma ddestinati lejn Stat Membru jew reġjun uffiċjalment ħieles mill-lewkożi bovina enzootika, kif imsemmi fl-Artikolu 2(2)(k) tad-Direttiva 64/432/KEE)*

- (a) **Test li għandu jintuża:** L-AGID jew l-ELISA li jibblokka, skont il-protokoll deskritti fil-Manwal OIE, l-aħħar verżjoni.

**▼ C1**

- (b) **Tqassim taż-żmien:** l-animali għandhom jiġu ttestjati darbtejn: l-ewwel fi żmien jumejn mid-data tal-wasla tagħhom fiċ-ċentru tal-kwarantana u t-tieni mill-inqas 42 ġurnata mid-data tal-ewwel test.
- (c) **Għażla ta' azzjonijiet li jistgħu jittieħdu wara l-ittestjar:** animali ttestjati b'riżultat pożittiv għat-test deskritt f'(a) għandhom jiġu esklużi mill-grupp tal-animali fil-faċilità tal-kwarantana u l-animall l-oħra għandhom jiġu ttestjati mill-ġdid, liema testijiet għandhom jibdew mill-inqas 21 ġurnata mid-data meta sar l-ewwel test b'riżultat pożittiv: dan għandu jiġi meqjus bħala l-ewwel test deskritt f'(b).

L-animali ttestjati b'riżultat negattiv għal żewġ testijiet imwettqa konsekuttivament biss kif deskritt f'(b) jistgħu jitqiesu eliġibbli għall-introduzzjoni fl-Unjoni.

▼ C1

## ANNEX II

## LAĦAM FRISK

▼ M2

## PARTI 1

Lista ta' pajjiżi terzi, territorji u partijiet minnhom <sup>(1)</sup>

Kodiċi ISO u isem tal-pajjiż terz	Kodiċi tat-Territorju	Deskrizzjoni tal-pajjiż terz, territorju jew parti minnu	Ċertifikat veterinarju		Kundizzjonijiet speċifiċi	Data tal-għeluq <sup>(2)</sup>	Data tal-ftuħ <sup>(3)</sup>
			Mudell(i)	SG			
1	2	3	4	5	6	7	8
AL – l-Albanija	AL-0	Il-pajjiż kollu	–				
▼ <u>M25</u> AR – l-Arġentina	AR-0	Il-pajjiż kollu	EQU				
	AR-1	Il-provinċji ta': Buenos Aires, Catamarca, Corrientes <sup>(7)</sup> , Entre Ríos, La Rioja, Mendoza, Misiones, Parti minn Neuquén (bl-eċċezzjoni tat-territorju inkluż f'AR-2), Parti minn Río Negro (bl-eċċezzjoni tat-territorju inkluż f'AR-2), San Juan, San Luis, Santa Fe, Tucuman, Cordoba, La Pampa, Santiago del Estero, Chaco, Formosa, Jujuy, Salta (bl-eċċezzjoni tat-territorju inkluż f'AR-3).	BOV RUF RUW <sup>(7)</sup>	A	1		1- 1 ta' Awwissu 2010

▼ **M25**

1	2	3	4	5	6	7	8
	AR-2	Il-provinċji ta': Chubut, Santa Cruz, Tierra del Fuego, Parti minn Neuquén (ħlief f'Confluencia ż-żona li tinsab fil-Lvant tat-Triq provinċjali 17, u f'Picun Leufú ż-żona li tinsab fil-Lvant tat-Triq provinċjali 17), Parti minn Río Negro (ħlief: f'Avellaneda ż-żona li tinsab fit-Tramuntana tat-Triq provinċjali 7 u fil-Lvant tat-Triq provinċjali 250, f'Conesa ż-żona li tinsab fil-Lvant tat-Triq provinċjali 2, f'El Cuy iż-żona li tinsab fit-Tramuntana tat-Triq provinċjali 7 minn fejn taqşam it-Triq provinċjali 66 sal-fruntiera mad-Dipartiment ta' Avellaneda, u f'San Antonio ż-żona li tinsab fil-Lvant tat-Toroq provinċjali 250 u 2).	BOV OVI RUW RUF				1- 1 ta' Awwissu 2008
	AR-3	Parti minn Salta: iż-żona ta' 25 km mill-fruntiera mal-Bolivja u l-Paragwaj li testendi mid-Distrett ta' Santa Catalina fil-Provinċja ta' Jujuy, sad-Distrett ta' Laishi fil-Provinċja ta' Formosa (dik li qabel kienet iż-żona ta' l-qugh b'livell għoli ta' sorveljanza)	BOV RUF RUW	A	1		1-1 ta' Lulju 2016
▼ <b>M2</b>	AU – l-Awstralja	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, POR, EQU, RUF, RUW, SUF, SUW				
	BA – Il-Bosnja-Herzegovina	Il-pajjiż kollu	–				
	BH – Il-Baħrejn	Il-pajjiż kollu	–				
▼ <b>M25</b>	BR – IL-BRAŻIL	Il-pajjiż kollu	EQU				
	BR-1	L-Istat ta' Minas Gerais, L-Istat ta' Espírito Santo, L-Istat ta' Goiás, L-Istat ta' Mato Grosso, L-Istat ta' Rio Grande Do Sul, L-Istat ta' Mato Grosso Do Sul (bl-eċċezzjoni tat-territorju inkluż f'BR-4).	BOV	A u H	1		1- 1 ta' Diċembru 2008

▼ **M25**

1	2	3	4	5	6	7	8
	BR-2	L-Istat ta' Santa Catarina	BOV	A u H	1		il-31 ta' Jannar 2008
	BR-3	L-Istati ta' Paraná u São Paulo	BOV	A u H	1		1-1 ta' Awwissu 2008
	BR-4	Parti mill-Istat ta' Mato Grosso Do Sul: Iż-żona ta' 15 km mill-fruntieri esterni fil-muniċipalitajiet ta' Porto Murinho, Caracol, Bela Vista, Antônio João, Ponta Porã, Aral Moreira, Coronel Sapucaia, Paranhos, Sete Quedas, Japorã, u Mundo Novo u ż-żona tal-muniċipalitajiet ta' Corumbá u Ladário (dik li qabel kienet iż-żona maħsuba għal livell għoli ta' sorveljanza)	BOV	A u H	1		1-1 ta' Lulju 2016

▼ **M15**

BW – Il-Botswana

	BW-0	Il-pajjiż kollu	EQU, EQW				
	BW-1	Iż-żoni ta' kontroll tal-mard veterinarju 3c, 4b, 5, 8, 9 u 18	BOV, OVI, RUF, RUW	F	1	Il-11 ta' Mejju 2011	Is-26 ta' Ġunju 2012
	BW-2	Iż-żoni ta' kontroll tal-mard veterinarju 10, 11, 13 u 14	BOV, OVI, RUF, RUW	F	1		Is-7 ta' Marzu 2002
	BW-3	Iż-żona ta' kontroll tal-mard veterinarju 12	BOV, OVI, RUF, RUW	F	1	L-20 ta' Ottubru 2008	L-20 ta' Jannar 2009
	BW-4	Iż-żona 4a ta' kontroll tal-mard veterinarju, għajr iż-żona ta' lqugħ ta' sorveljanza intensiva ta' 10 km tul il-fruntiera maż-żona ta' tilqim għall-marda tal-ilsien u d-dwiefer u ż-żoni ta' ġestjoni tal-organiżmi slavaġ	BOV	F	1	It-28 ta' Mejju 2013	It-18 ta' Frar 2011
	BW-5	Iż-żona ta' kontroll tal-mard veterinarju 6 għajr iż-żona ta' sorveljanza intensiva fiż-żona 6 bejn il-fruntiera maż-Zimbabwe u l-awtostrada A1	BOV, OVI, RUF, RUW	F	1	It-28 ta' Mejju 2013	Is-26 ta' Ġunju 2012

▼ **M2**

BY – Il-Bjelorussja

	BY-0	Il-pajjiż kollu	-				
	BZ-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU				



▼ **M2**

1	2	3	4	5	6	7	8
CA – Il-Kanada	CA-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, POR, EQU, SUF, SUW, RUF, RUW,	G			
CH – l-Isvizzera	CH-0	Il-pajjiż kollu	*				
CL – iċ-Ċili	CL-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, POR, EQU, RUF, RUW, SUF				
CN – iċ-Ċina	CN-0	Il-pajjiż kollu	–				
CO – Il-Kolombja	CO-0	Il-pajjiż kollu	EQU				
CR – il-Kosta Rika	CR-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU				
CU – Kuba	CU-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU				
DZ – L-Alġerija	DZ-0	Il-pajjiż kollu	–				
ET – L-Etjopja	ET-0	Il-pajjiż kollu	–				
FK – Il-Gżejjer Falk- land	FK-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, EQU				
GL – il-Groenlandja	GL-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, EQU, RUF, RUW				
GT – Il-Gwatemala	GT-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU				
HK – Hong Kong	HK-0	Il-pajjiż kollu	–				
HN – Il-Honduras	HN-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU				
▼ <b>M16</b> _____							
▼ <b>M22</b>							
IL – Iżrael <sup>(6)</sup>	IL-0	Il-pajjiż kollu	—				
▼ <b>M2</b>							
IN – l-Indja	IN-0	Il-pajjiż kollu	–				

▼ M2

1	2	3	4	5	6	7	8
IS – l-Islanda	IS-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, EQU, RUF, RUW				

▼ M14

JP – il-Ġappun	JP	Il-pajjiż kollu	BOV				it-28 ta' Marzu 2013
----------------	----	-----------------	-----	--	--	--	-------------------------

▼ M2

KE – Il-Kenja	KE-0	Il-pajjiż kollu	–				
MA – Il-Marokk	MA-0	Il-pajjiż kollu	EQU				
ME – il-Montenegro	ME-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, EQU				
MG – Il-Madagaskar	MG-0	Il-pajjiż kollu	–				
MK – Dik li kienet ir-Repubblika Jugos- lava tal-Maċedonja (4)	MK-0	Il-pajjiż kollu	OVI, EQU				
MU – Il-Mawrizju	MU-0	Il-pajjiż kollu	–				
MX – il-Messiku	MX-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU				
NA – in-Namibja	NA-0	Il-pajjiż kollu	EQU, EQW				
	NA-1	In-nofsinar tal-parametri taż-żona magħluqa li jestendu minn Palgrave Point fil-Punent sa Gam fil-Lvant	BOV, OVI, RUF, RUW	F u J	1		
NC – il-Kaledonja Ġdida	NC-0	Il-pajjiż kollu	BOV, RUF, RUW				
NI – In-Nikaragwa	NI-0	Il-pajjiż kollu	–				
NZ – in-New Zealand	NZ-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, POR, EQU, RUF, RUW, SUF, SUW				
PA – Il-Panama	PA-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU				

▼ **M2**

1	2	3	4	5	6	7	8
▼ <b>M22</b> PY – Paraguay	PY-0	Il-pajjiż kollu	EQU				
	PY-0	Il-pajjiż kollu	BOV,	A	1		Is-17 ta' April 2015
▼ <b>M2</b> RS – Is-Serbja <sup>(5)</sup>	RS-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, EQU				
RU – ir-Russja	RU-0	Il-pajjiż kollu	–				
	RU-1	Ir-reġjun ta' Murmansk, iż-żona awtonoma ta' Yamolo-Nenets	RUF				
▼ <b>M24</b> SG – Singapore (*)	SG-0	Il-pajjiż kollu	NZ-TRANSIT-SG (**)				
▼ <b>M2</b> SV – El Salvador	SV-0	Il-pajjiż kollu	–				
SZ – Is-Swaziland	SZ-0	Il-pajjiż kollu	EQU, EQW				
	SZ-1	Iż-żona fil-Punent tal-parametri ta' "linja ħamra" li testendi lejn it-Tramuntana mix-xmara Usutu sal-fruntiera mal-Afrika t'Isfel fil-Punent ta' Nkalashane,	BOV, RUF, RUW	F	1		
	SZ-2	Iż-żoni ta' kontroll ta' sorveljanza u tilqim tal-marda veterinarja tal-ilsien u d-dwiefer kif ippubblikati fil-gazzetta bħala Strument Statutorju skont l-avviż legali numru 51 tal-2001	BOV, RUF, RUW	F	1		fl-4 ta' Awwissu 2003.
TH – it-Tajlandja	TH-0	Il-pajjiż kollu	–				
TN – it-Tuneżija	TN-0	Il-pajjiż kollu	–				
TR – it-Turkija	TR-0	Il-pajjiż kollu	–				
	TR-1	Il-provinċji ta' Amasya, Ankara, Aydin, Balikesir, Bursa, Cankiri, Corum, Denizli, Izmir, Kastamonu, Kutahya, Manisa, Usak, Yozgat u Kirikkale	EQU				
UA – L-Ukraina	UA-0	Il-pajjiż kollu	–				

▼ **M2**

1	2	3	4	5	6	7	8
US – l-Istati Uniti	US-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, POR, EQU, RUF, RUW, SUF	G			
▼ <b>M11</b> UY – L-Urugwaj	UY-0	Il-pajjiż kollu	EQU				
			BOV	A u J	1		fl-1 ta' Novembru 2001.
			OVI	A	1		
▼ <b>M3</b> ZA – l-Afrika ta' Isfel	ZA-0	Il-pajjiż kollu	EQU, EQW				
	ZA-1	Il-pajjiż kollu ħlief: — il-parti taż-żona ta' kontroll tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer li tinsab fir-reġjuni veterinarji ta' Mpumalanga u l-provinċji tat-Tramuntana, fid-distrett ta' Ingwavuma tar-reġjun veterinarju ta' Natal u fiż-żona tal-fruntiera mal-Lvant ta' Botswana ta' lonġitudni 28°, u id-distrett ta' Camperdown, fil-provinċja ta' KwaZulu-Natal	BOV, OVI, RUF, RUW	F	1	Il-11 ta' Frar 2011	
▼ <b>M2</b> ZW – Iz-Zimbabwe	ZW-0	Il-pajjiż kollu	—				

Noti f'qiegħ il-paġna:

(<sup>1</sup>) Bla ħsara għar-rekwiżiti speċifiċi għaċ-ċertifikazzjoni stipulati fi ftehim tal-Unjoni ma' pajjiżi terzi.

(<sup>2</sup>) Laħam minn annimali maqtula nhar jew qabel id-data stabbilita fil-kolonna 7 jistgħu jiġu importati fl-Unjoni għal 90 jum minn dik id-data. Il-konsenji li jinġarru fuq bastimenti fuq baħar miftuħ jistgħu jiġu importati fl-Unjoni jekk jiġu ċċertifikati qabel id-data indikata fil-kolonna 7 għal 40 jum minn din id-data. (N.B.: jekk m'hemmx data fil-kolonna 7 dan ifisser li m'hemm l-ebda restrizzjonijiet ta' żmien).

(<sup>3</sup>) Laħam minn annimali maqtula fid-data jew wara d-data stipulata fil-kolonna 8 biss jista' jiġi impurtat fl-Unjoni (jekk m'hemmx data fil-kolonna 8 dan ifisser li m'hemm l-ebda restrizzjonijiet ta' żmien).

(<sup>4</sup>) Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja; kodiċi provviżorju li ma jippreġudika bl-ebda mod in-nomenklatura definittiva għal dan il-pajjiż, li tkun miftiehma wara l-konklużjoni tan-negozjati li fil-preżent qed isiru dwar dan is-suġġett fin-Nazzjonijiet Uniti.

(<sup>5</sup>) Mhux inkluż il-Kosovo li fil-preżent huwa taħt amministrazzjoni internazzjonali skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1244 tal-10 ta' Ġunju 1999.

► **M22** (<sup>6</sup>) Minn hawn 'il quddiem mifhum bħala l-Istat ta' Iżrael, bl-esklużjoni tat-territorji li jinsabu taħt l-Amministrazzjoni ta' Iżrael minn Ġunju 1967, jiġifieri l-Għoljiet ta' Golan, l-Istrixxa ta' Gaza, Ġerusalem tal-Lvant u l-bqija tax-Xatt tal-Punent. ◀

► **M25** (<sup>7</sup>) Għal "RUW": Minbarra dawn id-dipartimenti li ġejjin fil-Provinċja ta' Corrientes: id-dipartimenti ta' Berón de Astrada, Capital, Empedrado, General Paz, Itati, Mburucuyá, San Cosme u San Luis del Palmar. ◀

► **M24** (\*) Għal-laħam frisk biss li joriġina min-New Zealand, li fir-rigward tiegħu in-New Zealand hu awtorizzat għall-introduzzjoni fl-Unjoni, li huwa akkumpanjat mill-mudell xieraq taċ-ċertifikat veterinarju maħruġ mill-awtorità kompetenti tan-New Zealand, destinat għall-Unjoni u li jinħatt, bil-ħażna jew mingħajrha u li jiġghabba mill-ġdid fi stabbiliment approvat matul it-tranżitu f'Singapore.

(\*\*) Mad-dħul tagħhom fl-Unjoni, il-kunsinni għandhom ikunu akkumpanjati kemm minn dan il-mudell taċ-ċertifikat veterinarju maħruġ fi TRACES mill-awtorità kompetenti ta' Singapore kif ukoll mill-mudell xieraq taċ-ċertifikat veterinarju għall-importazzjoni ta' laħam frisk maħruġ mill-awtorità kompetenti ta' New Zealand, li jista' jinhemeż fi TRACES mill-awtorità kompetenti ta' Singapore. ◀

\* = Rekwiżiti skont il-Ftehim bejn il-Komunità u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-Kummerċ ta' prodotti agrikoli (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132).

— = l-ebda ċertifikati stabbiliti u l-importazzjonijiet ta' laħam frisk huma pprojbiti (bl-eċċezzjoni ta' dawk l-ispeċi li fejn indikat fil-linja jikkompromettu d-dħul għall-pajjiż kollu).

"1" Restrizzjonijiet ta' kategoriji:

L-ebda ġewwieni ta' annimali mhu awtorizzat għall-introduzzjoni fl-Unjoni (bl-eċċezzjoni, fil-każ ta' speċi ta' bovini, tad-dijaframma u tal-muskoli tax-xedaq).

▼ **M1**

## PARTI 2

**Mudelli taċ-ċertifikati veterinarji***Mudell(i):*

- “BOV”:  
Mudell ta’ ċertifikat veterinarju għal laħam frisk, inkluż laħam ikkapuljat, ta’ annimali bovini domestiċi (*inkluż l-ispeċi Bison u Bubalus u r-razez imħalltin tagħhom*).
- “OVI”:  
Mudell ta’ ċertifikat veterinarju għal laħam frisk, inkluż laħam ikkapuljat, ta’ annimali ovini domestiċi (*Ovis aries*) u annimali kaprini domestiċi (*Capra hircus*).
- “POR”:  
Mudell ta’ ċertifikat veterinarju għal laħam frisk, inkluż laħam ikkapuljat, ta’ annimali porċini domestiċi (*Sus scrofa*).
- “EQU”:  
Mudell ta’ ċertifikat veterinarju għal laħam frisk, eskluż laħam ikkapuljat, ta’ solipeds domestiċi (*Equus caballus, Equus asinus u r-razez imħalltin tagħhom*).
- “RUF”:  
Mudell ta’ ċertifikat veterinarju għal laħam frisk, bl-eċċezzjoni ta’ laħam tal-ġewwieni u laħam ikkapuljat, ta’ annimali mhux domestiċi mrobbija tal-ordni Artiodactyla (bl-eċċezzjoni ta’ annimali bovini (*inkluż l-ispeċi Bison u Bubalus u r-razez imħalltin tagħhom*), *Ovis aries, Capra hircus, Suidae* u Tayassuidae), u tal-familji Rhinocerotidae u Elephantidae.
- “RUW”:  
Mudell ta’ ċertifikat veterinarju għal laħam frisk, bl-eċċezzjoni ta’ laħam tal-ġewwieni u laħam ikkapuljat, ta’ annimali mhux domestiċi selvaġġi tal-ordni Artiodactyla (bl-eċċezzjoni ta’ annimali (*inkluż l-ispeċi Bison u Bubalus u r-razez imħalltin tagħhom*), *Ovis aries, Capra hircus, Suidae* u Tayassuidae), u tal-familji Rhinocerotidae u Elephantidae.
- “SUF”:  
Mudell ta’ ċertifikat veterinarju għal laħam frisk, bl-eċċezzjoni ta’ laħam tal-ġewwieni u laħam ikkapuljat, ta’ annimali mhux domestiċi mrobbija li jappartjenu għall-familji ta’ Suidae, Tayassuidae, jew Tapiridae.
- “SUW”:  
Mudell ta’ ċertifikat veterinarju għal laħam frisk, bl-eċċezzjoni ta’ laħam tal-ġewwieni u laħam ikkapuljat, ta’ annimali mhux domestiċi selvaġġi li jappartjenu għall-familji ta’ Suidae, Tayassuidae, jew Tapiridae.
- “EQW”:  
Mudell ta’ ċertifikat veterinarju għal laħam frisk, bl-eċċezzjoni ta’ laħam tal-ġewwieni u laħam ikkapuljat, ta’ solipeds selvaġġi li jappartjenu għas-subġenru *Hippotigris* (zebra).

▼ **M24**

- “NZ-TRANSIT'-SG”:  
Il-mudell taċ-ċertifikat veterinarju għat-tranżitu biss minn Singapore b'ħatt, ħażna possibbli u tagħbija mill-ġdid ta' laħam frisk li joriġina min-New Zealand, li fir-rigward tiegħu n-New Zealand hija awtorizzata għall-introduzzjoni fl-Unjoni, li huwa eliġibbli għall-introduzzjoni u ddestinat għall-Unjoni.

▼ **M1***SG (Garanziji supplimentari)*

- “A”:  
garanziji fir-rigward tal-maturazzjoni, kejl tal-pH u dissossar ta’ laħam frisk, bl-eċċezzjoni tal-ġewwieni, iċċertifikat skont il-mudelli ta’ ċertifikati veterinarji BOV (punt II.2.6.), OVI (punt II.2.6.), RUF (punt II.2.7.) u RUW (punt II.2.4.).

**▼ M1**

- “C”:  
garanziji fir-rigward tat-test tal-laboratorju għal deni klas-siku tal-majjali fil-karkassi li minnhom inkiseb laħam frisk, iċċertifikat skont il-mudell taċ-ċertifikat veterinarju SUW (punt II.2.3 B).
- “D”:  
garanziji fir-rigward ta’ tmigħ ta’ fdalijiet fis-sehem(ishma) ta’ annimali li minnhom inkiseb laħam frisk, iċċertifikat skont il-mudell taċ-ċertifikat veterinarju POR (punt II.2.3 d).
- “E”:  
garanziji fir-rigward tat-test tat-tuberkulożi ta’ annimali li minnhom inkiseb laħam frisk, iċċertifikat skont il-mudell taċ-ċertifikat veterinarju (punt II.2.4 d).
- “F”:  
garanziji fir-rigward tal-maturazzjoni u dissossar ta’ laħam frisk, bl-eċċezzjoni tal-ġewwieni, iċċertifikat skont il-mudelli ta’ ċertifikati veterinarji BOV (punt II.2.6.), OVI (punt II.2.6.), RUF (punt II.2.6.) u RUW (punt II.2.7.).
- “G”:  
garanziji fir-rigward ta’ 1, bl-eċċezzjoni tal-ġewwieni u l-korda spinali; u 2, ittestjar u oriġini ta’ annimali ċervidi fir-rigward ta’ mard ta’ skart kroniku kif hemm referenza għalih fil-mudelli ta’ ċertifikati veterinarji RUF (punt II.1.7.) u RUW (punt II.1.8.).
- “H”:  
garanziji supplimentari meħtieġa għall-Brażil. Fir-rigward ta’ programmi ta’ tilqim, minħabba li l-Istat ta’ Santa Catarina fil-Brażil ma jlaqqamx kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer, ir-referenza għal programm ta’ tilqim mhijiex applikabbli għal laħam li jkun ġej minn annimali li joriġinaw u li jinqatlu f’dak l-Istat.
- “J”:  
garanziji fir-rigward tal-moviment ta’ annimali bovini, ovini u kaprini minn ishma għall-biċċeriji, li jippermettulhom jgħaddu minn ċentru tal-assemblaġġ (inklużi swieq) qabel jinġarru direttament sabiex jinqatlu.

**▼ M21**

- “K”:  
azjendi jew kompartimenti rikonoxxuti li qegħdin japplikaw kundizzjonijiet ikkontrollati ta’ sistemazzjoni skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 2075/2005.



M1

## Mudell BOV

## PAJJIŻ

## Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE

Parti I: Dettalji ta' kunsinjja mibgħuta	I.1. Kunsinnatur		I.2. Numru ta' ċertifikat ta' riferenza		I.2.a.		
	Isem		I.3. Awtorità ċentrali kompetenti				
	Indirizz						
	Tel.						
	I.5. Destinatarju		I.6.				
	Isem						
	Indirizz						
	Kodiċi postali						
	Tel.						
	I.7. Pajjiż ta' oriġini	Kodiċi ISO	I.8. Reġjun ta' oriġini	Kodiċi	I.9. Pajjiż ta' destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.10. Reġjun ta' destinazzjoni
I.11. Pajjiż ta' oriġini			I.12.				
Isem		Numru ta' approvazzjoni					
Indirizz							
I.13. Post ta' tagħbija			I.14. Data ta' tluq				
I.15. Mezz ta' trasport			I.16. BIP tad-dħul fl-UE				
Ajruplan <input type="checkbox"/>			Vaxxel <input type="checkbox"/>		Vagun <input type="checkbox"/>		
Vejjikolu tat-triq <input type="checkbox"/>			Oħrajn <input type="checkbox"/>		I.17.		
Identifikazzjoni							
Referenzi dokumentarji							
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott				I.19. Kodiċi tal-Komodità (Kodiċi HS)		I.20. Kwantità	
I.21. Temperatura tal-prodott				I.22. Numru ta' pakketti		I.24. Tip ta' ippakkettar	
Ambjent <input type="checkbox"/>				Imkessaħ <input type="checkbox"/>		Friżat <input type="checkbox"/>	
I.23. Numru tas-siġill/tal-kontenitur				I.24. Tip ta' ippakkettar		I.25. Prodotti ċertifikati għal:	
Konsum uman <input type="checkbox"/>				I.26.		I.27. Għall-importazzjoni jew l-ammissjoni fl-UE <input type="checkbox"/>	
I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti				I.27. Għall-importazzjoni jew l-ammissjoni fl-UE <input type="checkbox"/>		I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti	
Speċi (isem xjentifiku)		Deskrizzjoni tal-oġġetti		Tip ta' trattament:		Numru ta' approvazzjoni tal-istabbiliment	
				Biċċerija		Impjant tat-tqattigħ	
				Maħżen imkessaħ		Numru ta' pakketti	
						Piż nett	

## ▼ M1

PAJJIŻ		Mudell BOV
II.	Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' ċertifikat ta' riferenza II.b.
II.1.	<b>Attestazzjoni tas-Saħħa Pubblika</b> Jien, il-veterinarju uffiċjali li ismi jidher imniżżel hawn taħt, niddikjara li jiena konxju mid- dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 852/2004, (KE) Nru 853/2004, (KE) 854/2004 u (KE) Nru 999/2001 u b'dan niċċertifika li l-laħam tal-annimali bovini domestiċi deskritt f'Parti I ġie prodott skont dawk ir-rewżiti, b'mod partikolari li:	
Parti II: Ċertifikazzjoni	II.1.1.	il-[laħam] [laħam ikkapuljat] <sup>(1)</sup> jiġi minn stabbiliment(i) li jimplementa(w) programm imsejjes fuq il-prinċipji tal-HACCP skont ir-Regolament (KE) Nru 852/2004;
	II.1.2.	il-laħam inkiseb skont il-kundizzjonijiet li ġew stabbiliti fit-Taqsima I tal-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
	<sup>(1)</sup> II.1.3.	[il-laħam ikkapuljat ġie prodott skont it-Taqsima V tal-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u ffriżat sa temperatura interna ta' mhux aktar minn - 18 °C;]
	II.1.4.	il-laħam instab li huwa tajjeb għall-konsum mill-bniedem wara spezzjonijiet post- mortem li saru skont il-Kapitolu II tat-Taqsima I u I-Kapitolu I u IX tat-Taqsima IV tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 854/2004;
	II.1.5.	<sup>(1)</sup> jew [il-karkassa jew il-partijiet tal-karkassa ġew immarkati b'marka tas-sanità skont il-Kapitolu III tat-Taqsima I tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 854/2004;]
		<sup>(1)</sup> jew [il-pakketti tal-[laħam] [laħam ikkapuljat] <sup>(1)</sup> ġew immarkati b'marka tas-sanità skont tat-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;]
	II.1.6.	il-[laħam] [laħam ikkapuljat] <sup>(1)</sup> jissodisfa l-kriterji rilevanti li ġew stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 dwar il-kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel;
	II.1.7.	il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom approvduti mill-pjanijiet dwar ir-residwi li ġew ippreżentati skont id-Direttiva 96/23/KE, u b'mod partikolari l- Artikolu 29 tagħha, ġew issodisfati;
	II.1.8.	il-[laħam] [laħam ikkapuljat] <sup>(1)</sup> inħażen u ġie trasportat skont ir-rewżiti rilevanti fit-Taqsimiet I u V rispettivament tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
	II.1.9.	fir-rigward tal-enċefalopatija sponġiformi bovina (BSE):
	<sup>(1)</sup> jew [II.1.9.1. [II.1.9.1. għal importazzjonijiet minn pajjiż jew reġjun b'riskju negliġibbli ta' BSE u elenkat bħala tali fid-Deċiżjoni 2007/453/KE:	
	(a) il-pajjiż jew reġjun huwa kklassifikat skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 bħala pajjiż jew reġjun li jippreżenta riskju negliġibbli ta' BSE;	
	(b) l-annimali li minnhom ikun ittieħed il-laħam bovin jew il-laħam ikkapuljat twieldu, ġew kontinwament imrob-bja u nqatlu f'pajjiż b'riskju negliġibbli ta' BSE <sup>(13)</sup> ;	
	<sup>(1)</sup> [(c) jekk fil-pajjiż jew ir-reġjun kien hemm każijiet indiġeni ta' BSE:	
	<sup>(1)</sup> jew [l-annimali twieldu wara d-data minn meta l-projbizzjoni fuq it-tmiġ ta' ruminanti b'laħam u għadam imfarraġ u residwi tad-dam (greaves) li ġejjin minn ruminanti b'diet tiġi infurzata.]	
	<sup>(1)</sup> jew [il-laħam bovin jew il-laħam ikkapuljat ma fihx u ma jitteħidx minn materjal ta' riskju speċifiku kif iddefinit fl-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 999/2001, jew laħam isseparat mekkanikament miksub minn għadam ta' annimali bovini.]]	
	<sup>(1)</sup> jew [II.1.9.2. għal importazzjonijiet minn pajjiż jew reġjun b'riskju kkontrollat ta' BSE u elenkat bħala tali fid-Deċiżjoni 2007/453/KE:	
	(a) il-pajjiż jew reġjun huwa kklassifikat skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 bħala pajjiż jew reġjun li jippreżenta riskju kkontrollat ta' BSE;	



## ▼ M1

## PAJJIŻ

## Mudell BOV

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' ċertifikat ta' riferenza	II.b.
<p>(b) l-annimali li minnhom jittieħed il-laħam bovin jew il-laħam ikkapuljat ma nqatlux wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-ħofra kranjali jew ma nqatlux bl-istess metodu jew inqatlu b'tiċrit wara l-isturdament tat-tessut tan-nervituri ċentrali permezz ta' strument twil f'għamla ta' virga mdaħħal fil-ħofra kranjali;</p> <p>(<sup>1</sup>) <i>jew</i> [(c) il-laħam bovin jew il-laħam ikkapuljat ma fiħx u ma jitteħidx minn materjal ta' riskju speċifiku kif iddefinit fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, jew laħam isseparat mekkanikament miksub minn għadam ta' annimali bovini.]</p> <p>(<sup>1</sup>) <i>jew</i> [(c) il-karkassi, nofs karkassi jew nofs karkassi maqtugħin f'mhux aktar minn tliet qatgħat bl-ingrossa, u r-robbi ma fihomx materjal ta' riskju speċifiku minbarra l-kolonna vertebrali, inkluż il-gangliju dorsali. Il-karkassi jew qatgħat bl-ingrossa tal-karkassi ta' annimali bovini li fihom kolonna vertebrali ġew identifikati permezz ta' strixxa blu fuq it-tikketta msemmija fir-Regolament (KE) Nru 1760/2000. (<sup>3</sup>)]</p> <p>(<sup>1</sup>) <i>jew</i> [II.1.9.3. għal importazzjonijiet minn pajjiż jew reġjun li ma ġiex ikkategorizzati skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jew ġie kkatégorizzati bħala pajjiż jew reġjun b'riskju indeterminat ta' BSE u elenkat bħala tali fid-Deċiżjoni 2007/453/KE:</p> <p>(a) il-pajjiż jew reġjun ma ġiex ikkategorizzati skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jew ġie kkatégorizzati bħala pajjiż jew reġjun b'riskju indeterminat ta' BSE;</p> <p>(b) l-annimali li minnhom ittieħed il-laħam bovin jew il-laħam ikkapuljat ma ġewx magħlufa għadam imfarrak u residwi tad-dam (greaves) li ġejjin minn ruminanti;</p> <p>(c) l-annimali li minnhom jittieħed il-laħam bovin jew il-laħam ikkapuljat ma nqatlux wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-ħofra kranjali jew ma nqatlux bl-istess metodu jew inqatlu b'tiċrit wara l-isturdament tat-tessut tan-nervituri ċentrali permezz ta' strument twil f'għamla ta' virga mdaħħal fil-ħofra kranjali;</p> <p>(<sup>1</sup>) <i>jew</i> [(d) il-laħam bovin jew il-laħam ikkapuljat ma nkisibx minn:</p> <p>(i) materjal ta' riskju speċifiku kif iddefinit fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;</p> <p>(ii) tessuti tan-nervituri u limfatiċi esposti matul il-proċess tat-tneħħija tal-għadam;</p> <p>(iii) laħam mekkanikament isseparat miksub minn għadam ta' annimali bovini.]</p> <p>(<sup>1</sup>) <i>jew</i> [(d) il-karkassi, nofs karkassi jew nofs karkassi maqtugħin f'mhux aktar minn tliet qatgħat bl-ingrossa, u r-robbi ma fihomx materjal ta' riskju speċifiku minbarra l-kolonna vertebrali, inkluż il-gangliju dorsali. Il-karkassi jew qatgħat bl-ingrossa tal-karkassi ta' annimali bovini li fihom kolonna vertebrali ġew identifikati permezz ta' strixxa blu fuq it-tikketta msemmija fir-Regolament (KE) Nru 1760/2000. (<sup>3</sup>)]</p> <p>(<sup>4</sup>) [II.1.10. jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1688/2005 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' garanziji speċjali li jikkonċernaw is-salmonella għall-konsenji lejn il-Finlandja u l-Iżvezja ta' ċertu laħam u bajd;]</p>		
<p>II.2. <b>Ċertifikazzjoni tas-Saħħa tal-Annimali</b></p> <p>Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmit, bil-preżenti niċċertifika, li l-laħam frisk deskritt f'Parti I:</p> <p>II.2.1. inkiseb fitt-territorju/i bil-kodiċi:..... (<sup>2</sup>) li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat:</p> <p>(a) kien ħieles għal 12-il xahar mir-rinderpest, u matul l-istess perijodu ma sarx tilqim kontra din il-marda,</p> <p>(<sup>1</sup>) <i>jew</i> [(b) kien ħieles għal 12-il xahar mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer, u matul l-istess perijodu ma sarx tilqim kontra din il-marda;]</p> <p>(<sup>1</sup>) <i>jew</i> [(b) ġie kkunsidrat bħala ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer minn ... ((j)/xx/ssss), mingħajr ma kien hemm każijiet/tifqigħat wara, u awtorizzat biex jesporta dan il-laħam bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru ...../....., ta' ..... ((j)/xx/ssss);]</p>		



## PAJJIŻ

## Mudell BOV

II.	Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' ċertifikat ta' riferenza	II.b.
	(1) (5) <i>jew</i> [(b) programmi ta' tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer qegħdin jitwettqu u jiġu kkontrollati uffiċjalment f'annimali bovini dometiċi;]		
	(1) (6) <i>jew</i> [(b) għandu programm sistematiku ta' tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer minn merħliet li fihom, l-efkacija ta' dan il-programm ta' tilqim hija kkontrollata mill-awtorità veterinarja kompetenti permezz ta' sorveljanza seroloġika kompetenti li tindika livelli adegwati ta' antikorpi u li turi wkoll in-nuqqas ta' ċirkolazzjoni tal-virus tal-ilsien u d-dwiefer;]		
	(1) (6) <i>jew</i> [(b) kien ħieles għal 12-il xahar mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer, u matul l-istess perijodu ma sarx tilqim kontra din il-marda u huwa kkontrollat mill-awtorità veterinarja kompetenti permezz ta' sorveljanza regolari li turi n-nuqqas ta' infezzjoni tal-ilsien u d-dwiefer;]		
II.2.2.	inkiseb minn annimali li:		
	(1) <i>jew</i> [baqgħu fit-territorju deskritt skont punt II.2.1 mit-twelid, <i>jew</i> għal minn tal-inqas l-aħħar tliet xhur qabel il-qatla;]		
	(1) <i>jew</i> [għew introdotti fi ..... (jj/xx/ssss) fit-territorju deskritt taħt punt II.2.1, mit-territorju bil-kodiċi ..... (2) li f'dik id-data kien awtorizzat sabiex jimporta dan il-laħam frisk fl-Unjoni;]		
	(1) <i>jew</i> [għew introdotti fi ..... (jj/xx/ssss) fit-territorju deskritt taħt punt II.2.1, mill-Istat Membru tal-UE .....];]		
II.2.3.	inkiseb minn annimali li ġejjin minn ishma li fihom:		
	(a) L-ebda annimal minn daww preżenti fihom ma tlaqqam kontra [l-marda tal-ilsien u d-dwiefer <i>jew</i> ] (7) rinderpest, u		
	(1) <i>jew</i> [(b) f'dawn l-istabbilimenti, u fl-istabbilimenti li jinsabu fil-viċinanzi tagħhom sa 10 km, ma kienx hemm każ/tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer <i>jew</i> ir-rinderpest matul it-30 jum ta' qabel;]		
	(1) (8) <i>jew</i> [(b) mhommx restrizzjoni uffiċjali għal raġunijiet ta' saħħet l-annimali u fejn, f'dawn l-istabbilimenti u fl-istabbilimenti li jinsabu fil-viċinanzi tagħhom sa 25 km, ma kienx hemm każ/tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul is-60 jum ta' qabel, u,		
	(c) baqgħu għal minn tal-inqas 40 jum qabel intbagħtu fil-biċċerija;]		
	(1) (14) <i>jew</i> [(c) baqgħu minn tal-inqas 40 jum qabel ma għaddew minn ċentru ta' assemblaġġ wieħed approvat mill-awtorità veterinarja kompetenti mingħajr ma għew f'kuntatt ma' annimali ta' status differenti ta' saħħa qabel ma sussegwentement marru direttament fil-biċċerija;]		
	(1) (9) <i>jew</i> [(b) mhommx restrizzjoni uffiċjali għal raġunijiet ta' saħħet l-annimali u fejn, f'dawn l-istabbilimenti u fl-istabbilimenti li jinsabu fil-viċinanzi tagħhom sa 10 km, ma kienx hemm każ/tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer <i>jew</i> ir-rinderpest matul it-12-il xahar ta' qabel, u		
	(c) baqgħu għal minn tal-inqas 40 jum qabel ntbagħtu direttament fil-biċċerija;]		
	(1) (6) [(d) ma għewx introdotti annimali matul l-aħħar 3 xhur minn żoni mhux approvati mill-UE;		
	(e) l-annimali huma identifikati u rreġistrati fis-Sistema ta' Identifikazzjoni nazzjonali u Ċertifikazzjoni ta' Oriġni għal annimali bovini;		
	(f) l-istabbilimenti inkwistjoni huma elenkati bħala stabbilimenti approvati, wara spezzjoni favorevoli mill-awtoritajiet kompetenti u rapport uffiċjali, fi TRACES (10) u jitwettqu spezzjonijiet b'mod regolari mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi żgurat li r-rekwiżiti rilevanti previsti fir-Regolament (KE) Nru 206/2010 jiġu osservati.]		
II.2.4.	inkiseb minn annimali li:		
	(a) għew ittrasportati mill-istabbilimenti tagħhom f'vetturi, imnaddfin u diżinfettati qabel it-tagħbija, għal biċċerija approvata mingħajr kuntatt ma' annimali oħrajn li ma kinux konformi mal-kundizzjonijiet li hemm referenza għalihom f'punt II.2.1, II.2.2 u II.2.3,		

▼ **M1**

PAJJIŻ		Mudell BOV
II.	Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' ċertifikat ta' riferenza
